# Il-Ġurnal Uffiċjali C 237
## tal-Unjoni Ewropea

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

**Volum 64**

**18 ta' Ġunju 2021**

Werrej

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2021/C 237/01 Ix-Xiri Soċjali — Gwida biex jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet soċjali fl-akkwisti pubbliċi — It-tieni edizzjoni ........ 1

MT

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Ix-Xiri Soċjali — Gwida biex jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet soċjali fl-akkwisti pubbliċi — It-tieni edizzjoni

(2021/C 237/01)

**WERREJ**

*Paġna*


Introduzzjoni ... 4

Kapitolu 1 Definizzjoni, skop u benefiċċji tal-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli ... 4

1.1 Akkwist pubbliku soċjalment responsabbli u definizzjoni tiegħu ... 4

1.2 Identifikazzjoni u applikazzjoni tal-objettivi soċjali fl-akkwist pubbliku ... 6

1.3 Skop u benefiċċji tal-SRPP ... 9

1.4 Rabtiet mal-Politiki u mal-Leġiżlazzjoni tal-UE u Internazzjonali ... 11

Kapitolu 2 Strateġija Organizzazzjonali għax-Xiri Soċjali ... 16

2.1 L-SRPP inkluż fl-Aġenda ... 16

2.2 Definizzjoni tal-Objettivi ... 17

2.3 Konsultazzjoni mal-Partijiet Ikkonċernati ... 17

2.4 Valutazzjoni tar-Riskji, Prijoritizzazzjoni tal-Kuntratti u Stabbiliment tal-Miri ... 20

2.5 Integrazzjoni tal-SRPP fil-Proċeduri u fil-Politiki tal-Akkwist ... 22

2.6 Monitoraġġ u Rieżami tal-Progress ... 23

Kapitolu 3 Identifikazzjoni tal-ħtiġijiet u ppjanar tal-akkwist ... 25

3.1 Ir-Rwol tal-Valutazzjoni tal-Ħtiġijiet fl-SRPP ... 25

3.2 Djalogu mas-Suq ... 27

3.3 X'Tip ta' Kuntratt? ... 31

3.4 Għażla ta' Proċedura ... 33

3.5 Definizzjoni u Kontestazzjoni tal-Ispeċifikazzjonijiet ... 35

3.6 Użu ta' kampijiet fakultattivi fil-formoli standard ... 35

Kapitolu 4 Il-proċedura ta' akkwist ... 36

4.1 Definizzjoni tas-Suġġett u Identifikazzjoni tar-Regoli Rilevanti ... 36

4.2 Ir-Reġim Anqas Strett ... 38

4.3 Riżervi ... 41

4.4 Speċifikazzjonijiet Tekniċi ....... 43
4.5 Konformità mal-Liġi Soċjali u tax-Xogħol, u ma' Ftehimiet Kollettivi ....... 46
4.6 Kriterji ta' Esklużjoni u tal-Għażla ....... 48
4.7 Kriterji għall-Għoti ....... 51
4.8 Evalwazzjoni tal-Offerti u Verifika tal-Impenji ....... 54
4.9 Offerti Anormalment Baxxi ....... 57
Kapitolu 5 Stabbiliment u Infurzar ta' Klawżoli Kuntrattwali ....... 58
5.1 Tisrif tal-Impenji tal-SRPP f'Realtà ....... 58
5.2 Kundizzjonijiet għall-Eżekuzzjoni tal-Kuntratt ....... 59
5.3 Kuntrattar tal-Eżiti Soċjali ....... 63
5.4 Monitoraġġ tal-Konformità ....... 64
5.5 Sottokuntrattar ....... 65
5.6 Indirizzar tal-Problemi ....... 67
5.7 Teħid tat-Tagħlimiet għall-Kuntratti fil-Ġejjieni ....... 68

It-tieni edizzjoni tal-Gwida ġiet ikkumpilata skont il-Kuntratt Nru SI2.801176 – 728/PP/GRO/SME/18/D/021a bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-ICLEI – Gvernijiet Lokali għas-Sostenibbiltà, appoġġati minn Analiżi tal-Akkwist Pubbliku (PPA).

La l-Kummissjoni Ewropea u lanqas xi persuna li taġixxi f'isem il-Kummissjoni ma tista' tinżamm responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'din il-pubblikazzjoni.

**Avviż importanti**

Din il-Gwida hija maħsuba sabiex tgħin lix-xerrejja pubbliċi u tħeġġeġ il-prattika tajba. Mhix dokument vinkolanti u ma taffettwax id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-UE. Hija soġġetta għall-evoluzzjoni tal-prattika tal-akkwist u tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li tibqa' l-uniku korp kompetenti sabiex jinterpreta b'mod awtorevoli d-dritt tal-Unjoni.

Il-kunċetti, l-ideat u s-soluzzjonijiet proposti fil-gwida huma mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni nazzjonali u jista' jkollhom bżonn jiġu adattati sabiex jieħdu kont tal-qafas legali nazzjonali.

Għalkemm l-informazzjoni f'din il-Gwida ġiet ivverifikata bir-reqqa, il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta l-ebda responsabbiltà rigward il-każijiet speċifiċi msemmija fiha.

Aktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet (http://europa.eu).

## INTRODUZZJONI

L-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli (SRPP) jikkonċerna l-kisba ta' eżiti soċjali pożittivi fil-kuntratti ta' akkwist pubbliċi. L-akkwist jaffettwa numru kbir ta' nies: utenti tas-servizzi pubbliċi, dawk involuti fil-produzzjoni u fl-eżekuzzjoni, jew persunal tal-organizzazzjoni akkwirenti. Lil hinn minn dawk affettwati direttament, l-SRPP għandu l-potenzjal li jinfluwenza s-suq usa' kemm fuq in-naħa tad-domanda kif ukoll fuq in-naħa tal-provvista.

Billi jixtru bil-għaqal, l-akkwirenti pubbliċi jistgħu jippromwovu l-opportunitajiet ta' impjieg, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol, ix-xogħol deċenti, l-inklużjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni, l-aċċessibbiltà, id-disinn għal kulħadd, il-kummerċ etiku, u jfittxu li jiksbu konformità usa' mal-istandards soċjali. Għal xi prodotti, xogħlijiet u servizzi, l-impatt jista' jkun partikolarment sinifikanti, peress li l-akkwirenti pubbliċi għandhom sehem kbir mis-suq f'setturi bħall-inġinerija ċivili, il-kura tas-saħħa u t-trasport.

Sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà, l-awtoritajiet pubbliċi jeħtieġ li jżidu l-isforzi sabiex jilħqu l-għanijiet kollha relatati mas-sostenibbiltà (soċjali/etiċi, ambjentali u ekonomiċi). L-akkwirenti pubbliċi huma investituri ewlenin fl-Ewropa, u bħalissa jonfqu aktar minn 14 % tal-prodott domestiku gross tal-UE. Billi jużaw il-kapaċità tal-akkwist tagħhom sabiex jagħżlu oġġetti u servizzi li jwasslu eżiti soċjali pożittivi, huma jistgħu jagħtu kontribut importanti għall-iżvilupp sostenibbli. Din il-Gwida toffrilhom appoġġ sabiex ikopru d-dimensjoni soċjali tal-akkwist pubbliku sostenibbli.

Il-pandemija attwali tal-COVID-19 x'aktarx li taffettwa l-impjiegi, iżżid l-inugwaljanzi, taggrava l-prekarjetà u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema globalment, tixħet pressjoni ulterjuri fuq it-twassil ta' ċerti servizzi lill-persuna, u tħalli impatt fuq in-negozji iżgħar. Fl-istrateġiji ta' rkupru tagħhom, l-Istati Membri tal-UE se jkollhom bżonn itejbu l-inklużjoni soċjali u l-ġustizzja permezz tal-edukazzjoni u l-ħiliet, tal-impjiegi, u tal-koeżjoni soċjali u territorjali, u jiżguraw li t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali joħolqu impjiegi, tkabbir sostenibbli u reżiljenza soċjoekonomika. Il-prattiki tal-akkwist soċjalment responsabbli huma strument b'saħħtu fis-sett ta' għodod tal-amministrazzjonijiet nazzjonali tal-UE biex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

L-iskop ta' dan id-dokument huwa li jżid l-għarfien tax-xerrejja pubbliċi dwar il-benefiċċji potenzjali tal-SRPP u li jispjega b'mod prattiku l-opportunitajiet offruti mill-qafas legali tal-UE. Meta abbozzat din il-Gwida, il-Kummissjoni kkonsultat b'mod wiesa' mal-akkwirenti pubbliċi sabiex tidentifika prattiki tajbin u eżempji ta' x'jista' jinkiseb. Dawn l-eżempji huma murija f'partijiet differenti tat-test kollu.

Din il-Gwida ġiet prodotta għall-akkwirenti pubbliċi, iżda wkoll bit-tama li tispira lil oħrajn involuti fl-akkwist, kemm bħala fornituri jew inkella bħala fornituri ta' servizzi, akkwirenti privati, atturi tal-ekonomija soċjali inklużi intrapriżi soċjali, jew NGOs.

Il-kapitoli ta' din il-gwida jindirizzaw l-aspetti kollha tal-proċess tal-akkwist, lil hinn mill-proċedura tal-offerti nnifisha. Dawn jispjegaw kif jistgħu jiġu introdotti kunsiderazzjonijiet soċjali matul il-proċess kollu, u jipprovdu diversi eżempji minn prattiki attwali tal-akkwirenti pubbliċi madwar l-UE. Fil-kapitoli 2 sa 5, il-biċċa l-kbira tat-taqsimiet huma segwiti minn lista ta' "prattiki tajbin". Dawn huma maħsuba sabiex jiffaċilitaw aktar il-fehim tat-test, billi jiġbru fil-qosor f'termini konkreti l-punti essenzjali koperti f'kull taqsima u x'jistgħu jagħmlu fil-prattika l-akkwirenti pubbliċi jekk jixtiequ jieħdu approċċ soċjalment responsabbli għall-proċess tal-akkwist.

*KAPITOLU 1*

## ***Definizzjoni, skop u benefiċċji tal-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli***

### 1.1 Akkwist pubbliku soċjalment responsabbli u definizzjoni tiegħu

L-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli (SRPP) għandu l-għan li jindirizza l-impatt fuq is-soċjetà tal-oġġetti, tas-servizzi u tax-xogħlijiet akkwistati mis-settur pubbliku. Dan jirrikonoxxi li l-akkwirenti pubbliċi mhumiex biss interessati li jakkwistaw bl-anqas prezz jew bl-aħjar valur għall-flus, iżda wkoll li jiżguraw li l-akkwist jikseb benefiċċji soċjali ([1]) u jipprevjeni jew itaffi impatti soċjali avversi matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Bħala akkwirent pubbliku, int tista' tikkunsidra objettivi soċjali matul il-proċess

([1]) Inkluża l-kisba tal-konformità mal-obbligi u mal-prinċipji stabbiliti fit-Trattat u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, bħall-ugwaljanza quddiem il-liġi u n-nondiskriminazzjoni.

kollu tal-akkwist, dment li dawn ma jkunux diskriminatorji u jkunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt ([2]). Fl-Unjoni Ewropea, l-SRPP irid jitwettaq f'konformità mad-Direttivi tal-2014 dwar l-Akkwist Pubbliku ([3]) u mal-prinċipji mnaqqxa fit-Trattat tal-UE ([4]) u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, kif ukoll fi ftehimiet internazzjonali, bħall-Ftehim tad-WTO dwar l-Akkwisti Pubbliċi mill-Gvernijiet (GPA) u l-Ftehimiet bilaterali ta' Kummerċ Ħieles f'konformità mal-kapitoli dwar l-akkwist ([5]), u mal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD) ([6]).

L-SRPP jista' jkun għodda b'saħħitha kemm għall-avvanz tal-iżvilupp sostenibbli kif ukoll għall-kisba ta' objettivi soċjali internazzjonali, nazzjonali, reġjonali jew lokali. Dan iqis l-akkwist pubbliku bħala strument strateġiku sabiex il-flus pubbliċi jintefqu b'mod effiċjenti u sostenibbli. Il-kunsiderazzjonijiet soċjali jistgħu jiġu kkombinati ma' kriterji ekoloġiċi ([7]) u ċirkolari ([8]) u mal-akkwist ta' innovazzjoni ([9]) għal approċċ aktar komprensiv għas-sostenibbiltà fl-akkwist pubbliku ([10]). It-titjib tal-professjonaliżmu u tal-appoġġ għall-akkwirenti pubbliċi jista' jiffaċilita ħafna l-użu b'suċċess ta' kunsiderazzjonijiet soċjali u l-integrazzjoni tagħhom ma' kunsiderazzjonijiet oħra relatati mas-sostenibbiltà u mal-kwalità ([11]).

L-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli jgħin lill-awtoritajiet pubbliċi jipprovdu servizzi u prodotti ta' kwalità lill-komunitajiet tagħhom, sabiex jiksbu benefiċċji soċjali u etiċi addizzjonali anki meta l-baġits ikunu limitati, u għalhekk ikunu jistgħu jikkontribwixxu sabiex jiġi miġġieled l-impatt negattiv tal-kriżi tal-COVID-19. L-irkupru mill-pandemija jirrikjedi li l-awtoritajiet pubbliċi tal-UE jużaw l-għodod u l-istrumenti kollha disponibbli sabiex jindirizzaw l-effetti soċjoekonomiċi negattivi. Ir-riżorsi finanzjarji mingħajr preċedent, li se jkunu disponibbli taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, ta' spiss se jintużaw permezz tal-akkwist pubbliku. Għalhekk, huwa kruċjali li l-akkwirenti pubbliċi jkunu jistgħu jisfruttaw bis-sħiħ il-flessibbiltà tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku sabiex jiżguraw li dawn ir-riżorsi jintużaw bl-għan li jiksbu l-ogħla impatt soċjali u ekonomiku pożittiv possibbli għall-komunitajiet tagħhom. Il-bidla minn loġika tal-prezzijiet l-aktar baxxi u l-introduzzjoni ta' kunsiderazzjonijiet relatati mal-integrazzjoni soċjali, mal-ugwaljanza, mal-impjiegi ġusti u inklużivi u mal-provvisti etiċi hija essenzjali sabiex jiġi mmassimizzat l-effett ta' rkupru ta' dawn ir-riżorsi.

---

([2]) Dan ir-rekwiżit fundamentali għall-SRPP huwa spjegat fit-Taqsima 4.1, b'eżempji speċifiċi fil-Gwida kollha.

([3]) Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1); Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65); Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243). Minn hawn 'il quddiem jissejħu "d-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku".

([4]) It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

([5]) L-UE impenjat ruħha skont diversi ftehimiet internazzjonali sabiex tagħti aċċess għas-suq tal-akkwist pubbliku tagħha għal ċerti xogħlijiet, provvisti, servizzi u operaturi ekonomiċi ta' diversi pajjiżi terzi. Il-ftehim internazzjonali plurilaterali uniku fid-WTO huwa l-GPA, li jiftaħ is-suq tal-akkwist tal-UE għall-partijiet l-oħra għall-ftehim. Barra minn hekk, diversi Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles (FTA) tal-UE fihom kapitoli dwar l-akkwist. Kif enfasizzat mill-Artikolu 25 tad-Direttiva 2014/24/UE u mill-Artikolu 43 tad-Direttiva 2014/25/UE, l-akkwirenti pubbliċi fl-UE jridu jagħtu lix-xogħlijiet, lill-provvisti, lis-servizzi u lill-operaturi ekonomiċi tal-firmatarji għal dawk il-ftehimiet trattament li ma jkunx anqas favorevoli mit-trattament mogħti lix-xogħlijiet, lill-provvisti, lis-servizzi u lill-operaturi ekonomiċi tal-UE, sa fejn ikunu koperti minn dawn il-ftehimiet. Lil hinn minn dak l-obbligu, l-operaturi ekonomiċi minn pajjiżi terzi li ma għandhom l-ebda ftehim li jipprevedi l-ftuħ tas-suq tal-akkwist tal-UE jew li l-oġġetti, is-servizzi u x-xogħlijiet tagħhom mhumiex koperti minn tali ftehim ma għandhomx aċċess iggarantit għall-proċeduri ta' akkwist fl-UE u jistgħu jiġu esklużi. Għal aktar informazzjoni dwar il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fil-proċeduri ta' akkwist imnedija mill-akkwirenti pubbliċi tal-UE, ara l-Gwida tal-Kummissjoni Ewropea (2019) dwar il-parteċipazzjoni ta' offerenti u ta' oġġetti ta' pajjiżi terzi fis-suq tal-akkwist tal-UE C(2019) 5494 of 24.7.2019 (https://ec.europa.eu/growth/content/new-guidance-participation-third-country-bidders-eu-procurement-market_mt).

([6]) https://www.un.org/development/desa/disabilities/convention-on-the-rights-of-persons-with-disabilities.html

([7]) Għal gwida dwar l-akkwist pubbliku ekoloġiku, ara l-Manwal tal-2016 *Buying Green! Manwal* (http://ec.europa.eu/environment/gpp/buying_handbook_en.htm).

([8]) Għal gwida dwar l-akkwist ċirkolari, ara "Public Procurement for a Circular Economy" (http://ec.europa.eu/environment/gpp/circular_procurement_en.htm).

([9]) Għal gwida dwar l-akkwist ta' innovazzjoni, ara *l-Avviż tal-Kummissjoni Gwida dwar l-Akkwist ta' Innovazzjoni* (https://ec.europa.eu/transparency/regdoc/rep/3/2018/MT/C-2018-3051-F1-MT-MAIN-PART-1.PDF).

([10]) Il-Komunikazzjoni ta-Kummissjoni lill-Istituzzjonijiet: *Nagħmlu l-Akkwist Pubbliku jaħdem fl-Ewropa u għaliha* tenfasizza "l-possibbiltajiet kollha li joffri l-akkwist pubbliku bħala għodda strateġika favur għanijiet u innovazzjoni sostenibbli fil-qasam tal-politika soċjali." Għal aktar informazzjoni, ara l-komunikazzjoni fuq: https://ec.europa.eu/docsroom/documents/25612/attachments/1/translations/en/renditions/native

([11]) Għal aktar informazzjoni dwar il-professjonalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku, ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1805 tat-3 ta' Ottubru 2017 dwar il-professjonalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku - Il-bini ta' struttura għall-professjonalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku u l-*ProcurComp EU*, il-Qafas Ewropew għall-Professjonisti tal-Akkwist Pubbliku: https://ec.europa.eu/growth/content/european-commission-unveils-procurcompeu-–-european-competency-framework-public-procurement_mt

Din il-Gwida turi firxa ta’ eżempji tal-SRPP fil-prattika minn madwar l-UE, filwaqt li turi approċċi differenti u l-kisba ta’ impatti reali, li jistgħu jintużaw bħala sors ta’ ispirazzjoni. Tista’ ssib aktar eżempji ta’ prattiki tajbin mill-UE u minn Pajjiżi Terzi fiż-żewġ rapporti “Making socially responsible procurement work - 71 good practice cases” ([12]) u “Buying for social impact - Good practice from around the EU” ([13]), disponibbli fuq il-paġna web tal-Kummissjoni dwar għodod ta’ appoġġ għax-xerrejja pubbliċi ([14]).

## 1.2 Identifikazzjoni u applikazzjoni tal-objettivi soċjali fl-akkwist pubbliku

L-akkwirenti pubbliċi għandhom ħafna modi kif jinkludu kunsiderazzjonijiet soċjali speċifiċi fid-deċiżjonijiet dwar l-akkwist. Hawn taħt hawn lista mhux eżawrjenti ta’ eżempji ta’ objettivi soċjali li inti tista’ ssegwi permezz tal-akkwist pubbliku. Madankollu, ftakar li l-konformità mar-regoli soċjali u tax-xogħol obbligatorji fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt mhijiex għażla, iżda obbligu skont id-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku ([15]). Il-Kapitoli 4 u 5 ta’ din il-Gwida jeżaminaw kif int tista’ tindirizza dawn il-kwistjonijiet fi stadji differenti tal-proċess tal-akkwist. Jenħtieġ li tiddeċiedi liema mill-kunsiderazzjonijiet soċjali ta’ hawn taħt huma rilevanti għall-akkwist tiegħek, skont l-objettivi tiegħek u s-suġġett tal-kuntratt.

### Il-promozzjoni tal-opportunitajiet ta’ impjieg ġusti u tal-inklużjoni soċjali

L-SRPP jista’ jkun mutur għal dawn:

— Opportunitajiet ta’ impjieg għaż-żgħażagħ u għall-ħaddiema akbar fl-età;

— L-ugwaljanza bejn is-sessi (eż. l-iffaċilitar tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, it-tnaqqis tas-segregazzjoni settorjali u okkupazzjonali ([16]), l-iżgurar ta’ trattament ugwali fuq il-post tax-xogħol).

— Opportunitajiet ta’ impjieg għal persuni li jesperjenzaw esklużjoni soċjali minħabba qgħad fit-tul, problema ta’ persuni mingħajr dar, diskriminazzjoni jew vulnerabbiltajiet oħra;

— Il-parteċipazzjoni soċjetali u l-opportunitajiet ta’ impjieg għal persuni b’diżabilità, inkluż permezz ta’ ambjenti tax-xogħol inklużivi u aċċessibbli;

— Politiki ta’ diversità mtejba, inklużjoni soċjali u opportunitajiet ta’ impjieg għal persuni minn gruppi żvantaġġati (eż. ħaddiema migranti, persuni bi sfond razzjali jew etniku ta’ minoranza, minoranzi reliġjużi, persuni b’livell edukattiv milħuq baxx u dawk f’riskju ta’ faqar u ta’ esklużjoni soċjali); u

— Opportunitajiet ta’ titjib tal-ħiliet u ta’ taħriġ mill-ġdid għall-ħaddiema kollha.

### L-għoti ta’ opportunitajiet għall-intrapriżi soċjali u tal-ekonomija soċjali

L-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali u l-intrapriżi soċjali ([17]) jistgħu jgħinu sabiex jinkisbu l-opportunitajiet ta’ impjieg u l-inklużjoni soċjali msemmija hawn fuq, billi jipprovdu redditi soċjali min-nefqa tiegħek. Pereżempju, id-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku jipprovdu l-kamp ta’ applikazzjoni sabiex jippromwovu l-inklużjoni soċjali billi l-kuntratti jiġu rriżervati għall-intrapriżi soċjali għall-integrazzjoni fix-xogħol jew għal dawk l-operaturi li jkollhom tal-anqas 30 % fost l-impjegati tagħhom b’diżabilità jew b’ħaddiema żvantaġġati ([18]). Huma jħeġġu wkoll lill-akkwirenti pubbliċi jikkunsidraw li jaqsmu l-kuntratti f’lottijiet, li jistgħu jkunu aktar aċċessibbli għall-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali u għall-intrapriżi soċjali ([19]).

([12]) https://ec.europa.eu/growth/content/making-socially-responsible-public-procurement-work-71-good-practice-cases_mt

([13]) https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/3498035f-5137-11ea-aece-01aa75ed71a1

([14]) https://ec.europa.eu/info/policies/public-procurement/support-tools-public-buyers_mt

([15]) L-Artikolu 18(2) tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 36(2) tad-Direttiva 2014/25/UE u l-Artikolu 30(3) tad-Direttiva 2014/23/UE. Dan is-sett ta’ dispożizzjonijiet minn hawn ’il quddiem se jissejjaħ “il-klawżola soċjali u ambjentali”. Ara 4.5 għal aktar dettalji dwar dan il-punt.

([16]) L-ugwaljanza bejn is-sessi hija valur fundamentali tal-UE, dritt fundamentali u prinċipju ewlieni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija kompitu tal-Unjoni, fl-attivitajiet kollha tagħha meħtieġa mit-Trattati. Dan jinkludi, pereżempju, il-kunċett ta’ bilanċ bejn il-ġeneri, li jkopri mhux biss is-sottorappreżentazzjoni tan-nisa f’setturi ddominati mill-irġiel bħax-Xjenza, it-Teknoloġija, l-Inġinerija u l-Matematika (STEM), iżda wkoll is-sottorappreżentazzjoni tal-irġiel f’setturi bħall-kura tas-saħħa, soċjali u l-indukrar tat-tfal u l-edukazzjoni primarja.

([17]) L-ekonomija soċjali tinkludi assoċjazzjonijiet, fondazzjonijiet, kooperattivi, assoċjazzjonijiet reċiproċi u intrapriżi soċjali. L-intrapriżi soċjali huma organizzazzjonijiet li, irrispettivament mill-forma ġuridika tagħhom, jikkombinaw l-attività intraprenditorjali ma’ għan soċjali. L-għan ewlieni tagħhom huwa li jkollhom impatt soċjali, aktar milli jimmassimizzaw il-profitt għas-sidien jew għall-azzjonisti. Sir af aktar fuq https://ec.europa.eu/growth/sectors/social-economy_mt

([18]) L-Artikoli 20 u 77 tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikoli 38 u 94 tad-Direttiva 2014/25/UE, l-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/23/UE. Ara t-Taqsima 4.3 għal aktar diskussjoni dwar ir-riżervi.

([19]) Artikolu 46 tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikolu 65 tad-Direttiva 2014/25/UE.

**Promozzjoni tax-xogħol deċenti**

L-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) tiddefinixxi x-xogħol deċenti ([20]) bħala:

"Xogħol li huwa produttiv u li jipprovdi introjtu ġust, sigurtà fuq il-post tax-xogħol u protezzjoni soċjali għall-familji, prospetti aħjar għall-iżvilupp personali u għall-integrazzjoni soċjali, libertà għan-nies li jesprimu t-tħassib tagħhom, jorganizzaw u jipparteċipaw fid-deċiżjonijiet li jaffettwawlhom ħajjithom, u l-ugwaljanza tal-opportunitajiet u tat-trattament għan-nisa u għall-irġiel kollha."

Skont din id-definizzjoni u f'konformità mal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli ([21]), l-UE tippromwovi, fi ħdan l-UE u fil-ktajjen tal-provvista globali ([22]):

— Impjieg sigur;

— Pagi ġusti;

— Kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri;

— Protezzjoni soċjali;

— Ugwaljanza tal-opportunitajiet u tat-trattament għan-nisa u għall-irġiel kollha;

— Ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni fl-aċċess għall-impjieg;

— Djalogu soċjali; u

— Salvagwardja tad-drittijiet fuq ix-xogħol.

**Żgurar tal-konformità mad-drittijiet soċjali u tax-xogħol**

L-UE għandha l-għan li tippromwovi l-progress soċjali u ttejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol taċ-ċittadini Ewropej ([23]). L-akkwist pubbliku jikkontribwixxi għal dawn l-għanijiet billi jiżgura li l-fornituri:

— Jikkonformaw mal-obbligi applikabbli fl-oqsma tal-liġi soċjali u tax-xogħol stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni, mid-dritt nazzjonali, minn ftehimiet kollettivi f'konformità mad-dritt tal-UE;

— Jikkonformaw mal-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO;

— Jikkonformaw mal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel, inkluż il-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali ([24]), u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri ([25]);

— Jikkonformaw mal-liġijiet dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali; u

— Jiġġieldu d-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta', pereżempju, il-ġeneru, l-età, id-diżabilità, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-orjentazzjoni sesswali u jinħolqu opportunitajiet indaqs.

**Aċċessibbiltà u disinn għal kulħadd**

L-akkwist ta' oġġetti, ta' servizzi u ta' xogħlijiet li huma aċċessibbli għal kulħadd, inklużi persuni b'diżabilità, huwa aspett fundamentali tal-SRPP u huwa obbligatorju fil-kuntratti pubbliċi. L-Artikolu 42 tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikolu 60(1) tad-Direttiva 2014/25/UE jiddikjaraw: "l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jitfasslu b'mod li jikkunsidraw il-kriterji ta' aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità jew ta' disinn għall-utenti kollha."

Din id-dispożizzjoni tappoġġa l-konformità tal-awtoritajiet nazzjonali mal-UNCRPD ([26]), li għaliha huma parti l-UE u l-Istati Membri kollha tagħha. Il-UNCRPD tistabbilixxi obbligi dwar l-aċċessibbiltà u l-Kumitat tal-UNCRPD relatat identifika x-xiri aċċessibbli bħala kwistjoni ewlenija għall-gvernijiet ([27]).

([20]) https://www.ilo.org/global/topics/decent-work/lang–en/index.htm

([21]) https://ec.europa.eu/info/strategy/international-strategies/sustainable-development-goals/eu-holistic-approach-sustainable-development_en

([22]) https://ec.europa.eu/international-partnerships/topics/employment-and-decent-work_en

([23]) https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=157&langId=mt

([24]) Ara l-Artikolu 157 tat-TFUE u d-Direttiva 2006/54/KE.

([25]) L-importanza tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija enfasizzata fil-linji gwida politiċi tal-President tal-Kummissjoni Ewropea u fl-ittri ta' missjoni kollha lill-Kummissarji tal-Kummissjoni Ewropea, https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/political-guidelines-next-commission_en_0.pdf

([26]) Il-Kumment Ġenerali 2 tal-UNCRPD jiddikjara li "Bħala parti mir-rieżami tagħhom tal-leġiżlazzjoni dwar l-aċċessibbiltà, l-Istati partijiet iridu jikkunsidraw ukoll il-liġijiet tagħhom dwar l-akkwist pubbliku sabiex jiżguraw li l-proċeduri ta' akkwist pubbliku tagħhom jinkorporaw rekwiżiti ta' aċċessibbiltà. Mhuwiex aċċettabbli li jintużaw fondi pubbliċi sabiex tinholoq jew biex tiġi pperpetwata l-inugwaljanza li inevitabbilment tirriżulta minn servizzi u minn faċilitajiet inaċċessibbli. L-akkwisti pubbliċi jenħtieġ li jintużaw sabiex tiġi implimentata azzjoni affermattiva f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4 tal-Artikolu 5 tal-UNCRPD sabiex jiġu żgurati l-aċċessibbiltà u l-ugwaljanza de facto għall-persuni b'diżabilità."

([27]) Ara, rispettivament, l-Artikolu 9 u l-Kumment Ġenerali 2 tal-UNCRPD.

Il-UNCRPD ([28]) tirrikonoxxi wkoll " l-importanza għall-persuni b'diżabbiltà li jkollhom l-awtonomija u indipendenza individwali tagħhom, inkluża l-libertà biex jagħmlu l-għażliet tagħhom stess", u " jkollhom l-opportunità biex ikunu involuti b'mod attiv fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet dwar linji ta' politika u programmi, inklużi dwak li jikkonċernawhom direttament". Fi kliem ieħor, l-akkwirenti pubbliċi:

— Għandhom jistinkaw sabiex jagħmlu akkwisti filwaqt li jirrikonoxxu l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità u jinvolvuhom fil-proċess tal-akkwist. Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet u l-involviment tal-fornituri sabiex jiġu żgurati servizzi pubbliċi effettivi li jqisu l-objettivi tal-inklużjoni soċjali u professjonali, u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-utenti tiegħek huma koperti fil-KAPITOLU 3 ta' din il-gwida;

— Iridu jqisu l-aċċessibbiltà fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ([29]) sabiex jiżguraw l-aċċess għall-persuni b'diżabilità għal, pereżempju, servizzi pubbliċi, binjiet pubbliċi, trasport pubbliku, informazzjoni pubblika u oġġetti u servizzi tal-ICT, inklużi applikazzjonijiet ibbażati fuq il-web; u

— Jistgħu jużaw kriterji għall-għoti sabiex jippremjaw offerti li jipproponu standards ogħla ta' aċċessibbiltà minn dawk stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

— Jistgħu jinkludu wkoll klawżoli ta' prestazzjoni sabiex jiżguraw li s-servizzi akkwistati jiġu eżegwiti b'mod li jiżgura li r-riżultat ikun aċċessibbli, fuq il-bażi ta' approċċ ta' disinn għal kulħadd.

**Rispett tad-drittijiet tal-bniedem u indirizzar ta' kwistjonijiet relatati mal-kummerċ etiku**

L-akkwist pubbliku jista' jintuża sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet soċjali fi ħdan il-ktajjen tal-provvista, bħad-drittijiet tal-bniedem ([30]) jew il-prinċipji tal-kummerċ ġust. Ir-rispett għad-drittijiet bażiċi tal-bniedem huwa parti essenzjali minn kwalunkwe relazzjoni kummerċjali li jidħol fiha Stat, kif stabbilit fil-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem ([31]). Barra minn hekk, fl-2012 il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) sostniet li l-kunsiderazzjonijiet tal-kummerċ ġust jistgħu jifformaw parti mid-deċiżjonijiet dwar l-akkwist ([32]), u d-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku jirriflettu dan ([33]).

Il-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tal-kuntratti tal-akkwist pubbliku ([34]), kif ukoll in-natura globali ta' ċerti ktajjen tal-provvista, jinvolvi riskju li l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem jistgħu jintrabtu mal-akkwist tiegħek. Każijiet bħan-nirien ta' Rana Plaza fil-Bangladesh huma magħrufa sew, iżda fl-Ewropa jeżistu wkoll kundizzjonijiet tax-xogħol perikolużi u inumani. Id-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku jeħtieġu l-esklużjoni ta' operaturi ekonomiċi kkundannati b'sentenza finali dwar tħaddim tat-tfal u dwar forom oħra ta' traffikar tal-bniedem, u l-konformità mal-Konvenzjonijiet Fundamentali tal-ILO ([35]) jenħtieġ li tiġi vverifikata mill-akkwirenti pubbliċi kollha. Din il-Gwida tħares ukoll lejn kif id-drittijiet tal-bniedem jistgħu jiġu protetti fl-akkwist permezz ta':

— Żieda fit-trasparenza fil-ktajjen tal-provvista inkluż permezz tal-monitoraġġ tas-sottokuntratturi u tas-sottosottokuntratturi;

— Analiżi ta' riskji speċifiċi fil-ktajjen tal-provvista;

— Ħtieġa li l-kuntratturi u s-sottokuntratturi jieħdu miżuri sabiex itejbu l-kundizzjonijiet tal-ħaddiema fil-katina tal-provvista u jindirizzaw ksur potenzjali jew identifikat tad-drittijiet tal-bniedem fil-proċess tal-produzzjoni; u

— Tħeġġiġ ta' kodiċijiet ta' kondotta stretti tal-fornituri għar-responsabbiltà soċjali.

([28]) www.un.org/development/desa/disabilities/convention-on-the-rights-of-persons-with-disabilities.html

([29]) Għal kuntratti pubbliċi u għal utilitajiet: ara, rispettivament, l-Artikolu 42(1) tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 60(1) tad-Direttiva 2014/25/UE.

([30]) Dan jinkludi l-konformità mal-obbligi u mal-prinċipji stabbiliti fit-Trattat u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u mad-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq il-Post tax-Xogħol, il-Karta Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni.

([31]) Il-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedemhuma sett ta' linji gwida għall-Istati u għall-kumpaniji sabiex jipprevjenu, jindirizzaw u jirrimedjaw abbużi tad-drittijiet tal-bniedem li jsiru f'operazzjonijiet kummerċjali. Dawn ingħataw appoġġ mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU f'Ġunju 2011 u jistgħu jiġu aċċessati fuq: www.business-humanrights.org/en/un-guiding-principles

([32]) Il-Kawża C-368/10 *Il-Kummissjoni vs Ir-Renju tan-Netherlands*, il-punti 91 u 92.

([33]) Il-Premessa 97 u l-Artikolu 67(3)(a) tad-Direttiva 2014/24/UE, il-Premessa 102 u l-Artikolu 82(3)(a) tad-Direttiva 2014/25/UE, il-Premessa 64 u l-Artikolu 41 tad-Direttiva 2014/23/UE.

([34]) L-espressjoni "kuntratt(i) ta' akkwist pubbliku/pubbliċi" tintuża f'dan id-dokument sabiex jiġu ddeżinjati kuntratti u konċessjonijiet pubbliċi b'mod distint.

([35]) L-Artikolu 7 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali.

**Forniment ta' servizzi soċjali, tas-saħħa, tal-edukazzjoni u kulturali ta' kwalità għolja**

Id-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku jistabbilixxu "reġim anqas strett" għas-servizzi soċjali, tas-saħħa, tal-edukazzjoni u kulturali speċifiċi, flimkien ma' diversi kategoriji oħra ([36]). L-akkwirenti pubbliċi huma mħeġġa jikkunsidraw "il-kwalità, il-kontinwità, l-aċċessibbiltà, l-aċċessibbiltà tal-prezz, id-disponibbiltà u l-komprensività tas-servizzi, il-ħtiġijiet speċifiċi tal-kategoriji differenti ta' utenti, inklużi l-gruppi żvantaġġati u vulnerabbli, l-involviment u s-setgħa tal-utenti u l-innovazzjoni" ([37]). Standards tal-kwalità jistgħu jiġu applikati wkoll meta jiġu akkwistati servizzi soċjali, bħall-Qafas Ewropew Volontarju tal-2010 għall-Kwalità għas-Servizzi Soċjali ([38]). It-Taqsima 4.2 tħares lejn kif l-akkwirenti pubbliċi għażlu li japplikaw ir-reġim anqas strett sabiex jiksbu benefiċċji soċjali.

**Stabbiliment u kisba tal-miri intelliġenti tal-SRPP f'Nantes (Franza)**

**Objettiv tal-akkwist**

Iż-Żona Metropolitana ta' Nantes ilha timplimenta l-Akkwist Pubbliku Responsabbli (RPP) sa mill-2001. Fl-2017, ġiet adottata Skema għall-Promozzjoni tal-Akkwist Responsabbli (SPAR) sabiex tissaħħaħ il-koerenza tad-diversi inizjattivi żviluppati matul il-15-il sena preċedenti, u sabiex jissaħħu r-rabtiet bejn l-attivitajiet tal-akkwist u l-inizjattivi sabiex jiġu appoġġati l-SMEs.

**Approċċ**

SPAR ħolqot gwida interna għall-implimentazzjoni tal-akkwist responsabbli, li enfasizzat metodi prattiċi u l-appoġġ disponibbli fiż-żona lokali, u fasslet Struttura ta' governanza tal-SPAR sabiex tissorvelja l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' azzjonijiet tal-akkwist responsabbli:

— Fil-livell politiku, il-membri eletti rilevanti kollha tal-kunsill metropolitan jiġu informati dwar l-investimenti pendenti sabiex jiddeċiedu b'mod kollettiv dwar il-klawżoli soċjali u ambjentali f'kull wieħed minnhom. Dawn il-membri jevalwaw ukoll b'mod regolari l-impatt tal-SPAR.

— Fil-livell tekniku, it-tim tal-akkwist pubbliku jaħdem flimkien ma' network ta' ambaxxaturi tas-CSR f'kull direttorat. L-akkwirenti jappoġġaw lid-direttorati operazzjonali sabiex jintegraw klawżoli soċjali u ambjentali fl-akkwisti tagħhom u sabiex jevalwaw il-kwalità tal-offerti riċevuti.

**Riżultati**

Il-kisbiet ewlenin tal-SRPP matul l-aħħar sentejn f'Nantes jinkludu:

— Klawżoli ta' inklużjoni f'143 kuntratt ta' xogħol u f'1 918 kuntratt ta' servizzi, li jirrappreżentaw 326 448 siegħa ta' xogħol għal persuni li jiffaċċaw xkiel biex jaċċessaw is-suq tax-xogħol;

— Fokus fuq id-diversifikazzjoni tal-kuntratti bi klawżola ta' inklużjoni sabiex jitwessa' l-ambitu tan-nies ikkonċernati (eż. il-kuntratti ta' xogħlijiet jilħqu aktar irġiel milli nisa qiegħda);

— Klawżoli relatati mal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni f'diversi kuntratti ta' prova, rikonoxxuti mill-għoti ta' tikketta tad-Diversità lil Nantes;

— L-użu ta' kuntratti riżervati, li jippermettu lil Nantes tillimita sejħa għal offerti għal workshops protetti, fejn xieraq.

**Tagħlimiet meħuda**

Id-definizzjoni, il-monitoraġġ u l-aġġornament tal-kriterji soċjali u ambjentali inklużi fil-politika dwar l-akkwist pubbliku fi sħubija mal-partijiet ikkonċernati kollha huma ta' importanza ċentrali għas-suċċess tal-akkwist responsabbli. Dawn jeħtieġu l-identifikazzjoni ta' riżorsi ddedikati u l-implimentazzjoni ta' għodod ta' verifika xierqa.

### 1.3 Skop u benefiċċji tal-SRPP

Fl-aktar livell bażiku tiegħu, l-SRPP għandu l-għan li jiżgura konformità mal-obbligi legali fil-qasam soċjali. Id-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku jirrikjedu li l-Istati Membri tal-UE jieħdu "miżuri xierqa" sabiex jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni Ewropea applikabbli, mad-dritt nazzjonali, mal-ftehimiet kollettivi u mad-dispożizzjonijiet tal-liġi internazzjonali dwar l-ambjent, l-aspetti soċjali u x-xogħol fl-eżekuzzjoni ta' kuntratti ta' akkwist

([36]) It-Titolu III (Artikoli 74-77) tad-Direttiva 2014/24/UE, it-Titolu III (Artikoli 91-94) tad-Direttiva 2014/25/UE, l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2014/23/UE.

([37]) L-Artikolu 76 tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 93 tad-Direttiva 2014/25/UE.

([38]) A Voluntary European Quality Framework for Social Services, SPC/2010/10/8 final

pubbliku ([39]). Filwaqt li l-Istati Membri implimentaw din id-dispożizzjoni b'modi differenti, huwa ċar li l-obbligi soċjali ma jistgħux jiġu injorati fl-akkwist, mhux l-anqas sabiex jipproteġu kontra kompetizzjoni inġusta minn operaturi li ma jikkonformawx ma' dawn ir-regoli.

Id-Dikjarazzjoni 22 dwar persuni b'diżabilità tat-Trattat ta' Amsterdam diġà indikat li fit-tfassil ta' miżuri bl-għan li jiġi stabbilit b'mod progressiv is-suq intern, l-istituzzjonijiet tal-Komunità jeħtieġ li jqisu l-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabilità ([40]). It-Trattat ta' Lisbona jimpenja lill-Ewropa sabiex tikseb "ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna, intiża li twassal għal livell massimu ta' impjieg u progress soċjali" u sabiex "tiġġieled kontra l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni, […] tippromwovi l-ġustizzja u l-protezzjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal" ([41]). Id-daqs tal-akkwist pubbliku u l-importanza tiegħu għas-suq intern jagħmluh għodda siewja sabiex jintlaħqu dawn l-ambizzjonijiet. L-SRPP jista' jikkontribwixxi wkoll għal impenji internazzjonali, bħall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU ([42]). L-iżvilupp sostenibbli jeħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jisimgħu u jqisu l-fehmiet u d-drittijiet tal-individwi, tal-komunitajiet u tal-gruppi tas-soċjetà ċivili ([43]) – suġġett li jkompli jiġi esplorat fil-Kapitoli 2 u 3.

Minbarra l-obbligi stabbiliti fid-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku u f'leġiżlazzjoni oħra, l-applikazzjoni tal-SRPP tgħin lill-akkwirenti pubbliċi:

**Jidentifikaw ir-riskji ta' konformità għal-liġi soċjali u tax-xogħol**

Organizzazzjonijiet li jimplimentaw b'mod attiv l-SRPP huma aktar probabbli li jidentifikaw riskji ta' konformità għal-leġiżlazzjoni li tapplika għalihom direttament jew għall-fornituri. L-ebda korp pubbliku ma jrid ikun imxandar għal prattiki tax-xogħol illegali jew mhux etiċi f'xi stadju fil-ktajjen tal-provvista tiegħu. Il-politika u l-azzjonijiet tal-SRPP jgħinuk tidentifika r-riskji tal-katina tal-provvista u timminimizzahom matul l-akkwist u l-ġestjoni tal-kuntratti.

**Jistimolaw swieq soċjalment konxji**

L-SRPP jista' joħloq domanda u inċentivi għal produzzjoni aktar responsabbli u sostenibbli. L-akkwirenti pubbliċi jistgħu jistimolaw l-innovazzjoni u ż-żieda fil-kompetizzjoni billi jisfidaw is-suq bl-għan li joħloq soluzzjonijiet ġodda u aktar sostenibbli mil-lat soċjali. Barra minn hekk, dan jista' jagħti spinta lill-iżvilupp ta' negozji li, lil hinn mill-prestazzjoni ekonomika, ifittxu li jkollhom impatt pożittiv fuq is-soċjetà b'mod ġenerali, bħall-intrapriżi soċjali. Pereżempju, l-ispeċifikazzjoni ta' prodotti tal-ICT li huma aċċessibbli għal persuni b'diżabilità tista' tgħin sabiex jiddaħħlu prodotti aħjar u aktar affordabbli fis-suq.

**Juru governanza soċjalment risponsiva**

Int tista' tuża l-SRPP sabiex tiżgura li qed twieġeb għall-valuri u għall-ħtiġijiet tal-komunità kif ukoll sabiex tissodisfa d-domanda pubblika dejjem akbar sabiex il-gvernijiet ikunu soċjalment responsabbli fl-azzjonijiet tagħhom. Għalhekk, dan jista' jgħin sabiex jiżdiedu l-livelli ta' fiduċja tal-pubbliku fil-gvern. L-SRPP jista' jkollu wkoll effett pożittiv fuq il-persunal li jeżegwixxi l-kuntratt, li qed joħloq benefiċċju miżjud għall-komunitajiet tiegħu.

**Appoġġ għall-integrazzjoni u għall-inklużjoni**

L-SRPP iħeġġeġ l-integrazzjoni u l-inklużjoni ta' gruppi spiss emarġinati fis-soċjetà (pereżempju, persuni b'diżabilità, persuni f'riskji ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali, minoranzi) f'attivitajiet tas-suq. L-SRPP jista' joħloq opportunitajiet għal negozji li huma proprjetà ta' tali gruppi, kif ukoll għal taħriġ u għal impjieg. L-SRPP juri wkoll kif il-kunsiderazzjonijiet soċjali u ekonomiċi jistgħu jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku, pereżempju intrapriżi soċjali li jipprovdu servizzi pubbliċi b'mod li joħloq valur addizzjonali permezz ta' eżiti u ta' impatti soċjali.

([39]) L-Artikolu 18(2) tad-Direttiva 2014/24/UE; L-Artikolu 36(2) tad-Direttiva 2014/25/UE; L-Artikolu 30(3) tad-Direttiva 2014/23/UE.

([40]) It-Trattat ta' Amsterdam li jemenda it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej u ċerti atti relatati, id-Dikjarazzjoni 22.

([41]) L-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

([42]) https://www.undp.org/content/undp/en/home/sustainable-development-goals.html u kif enfasizzat fid-Dokument ta' Riflessjoni tal-Kummissjoni "Lejn Ewropa Sostenibbli sal-2030" COM(2019)22 tat-30 ta' Jannar 2019.

([43]) Id-Dikjarazzjoni 22 tat-Trattat ta' Amsterdam dwar persuni b'diżabilità diġà indikat li "L-Konferenza taqbel li, fit-tfassil tal-miżuri skont l-Artikolu 100a (issa l-Artikolu 95) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, l-istituzzjonijiet tal-Komunità għandhom iqisu l-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabilità".

**Jiżguraw nefqa pubblika effettiva**

Il-volum tal-akkwist pubbliku u l-limiti mqiegħda fuq l-intervent soċjali dirett mir-restrizzjonijiet baġitarji jistgħu jagħmlu l-akkwist qasam attraenti għall-promozzjoni tal-objettivi soċjali. L-akkwist pubbliku strateġiku jipprovdi opportunitajiet sabiex jintużaw baġits eżistenti u ppjanati bl-għan li jingħataw kontributi pożittivi u innovattivi għall-isfidi tas-soċjetà.

## 1.4 Rabtiet mal-Politiki u mal-Leġiżlazzjoni tal-UE u Internazzjonali

Din il-Gwida tiffoka fuq ir-rekwiżiti u fuq l-opportunitajiet għall-SRPP, li jirriżultaw skont id-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku. Madankollu, ħafna strumenti oħra fil-livell tal-UE u dak nazzjonali huma rilevanti u jaffettwaw kif int timplimenta l-SRPP. Din it-taqsima tenfasizza xi wħud mill-aktar liġijiet u politiki importanti li jaffettwaw l-SRPP.

Il-liġi tal-UE dwar ix-xogħol u n-nondiskriminazzjoni ġiet żviluppata sabiex tipproteġi lill-ħaddiema madwar l-Ewropa. Tali leġiżlazzjoni tipprovdi lill-ħaddiema bi drittijiet relatati mat-trattament ugwali u man-nondiskriminazzjoni ([44]), informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom, rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja privata u professjonali ([45]), drittijiet relatati ma' kuntratti tax-xogħol mhux standard ([46]), regolamentazzjoni tal-ħin tax-xogħol, protezzjoni tas-saħħa u tas-sikurezza, u informazzjoni u konsultazzjoni tal-ħaddiema ([47]).

Din il-leġiżlazzjoni torbot lill-kuntratturi u lis-sottokuntratturi fl-UE, u l-akkwirenti pubbliċi jridu jiżguraw li dawn id-dispożizzjonijiet jiġu implimentati fil-postijiet tax-xogħol kollha. Aktar informazzjoni dettaljata dwar il-leġiżlazzjoni rilevanti tingħata hawn taħt u fil-Kapitoli 4 u 5.

Il-Kummissjoni Ewropea tiddiskuti u tikkoopera ma' partijiet ikkonċernati differenti madwar l-Istati Membri tal-UE dwar il-promozzjoni ta' prattiki ta' xogħol ta' kwalità u diċenti fl-akkwist pubbliku. F'dawn l-aħħar snin, is-sħab soċjali Ewropej, jiġifieri t-trade unions u l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi pproduċew diversi gwidi settorjali dwar l-akkwist tal-aħjar valur, spiss bl-appoġġ finanzjarju tal-Kummissjoni. Dawn il-gwidi jikkonċernaw is-servizzi tal-catering b'kuntratt ([48]), is-servizzi tas-sigurtà privata ([49]) u s-servizzi tat-tindif industrijali ([50]). Dawn il-gwidi ta' referenza jenfasizzaw il-benefiċċji tas-servizzi tal-akkwist ibbażati fuq kriterji tal-kwalità u l-aħjar valur għall-flus. Il-gwidi jipprovdu wkoll eżempji speċifiċi fil-qasam tal-kuntratti tas-servizzi tas-sigurtà, tat-tindif u tal-catering li juru kif approċċ ibbażat fuq il-kwalità jeħtieġ kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti għall-impjegati. Teżisti wkoll gwida dwar l-akkwist pubbliku fil-qasam tas-servizzi tal-inġinerija, li tinkludi indikazzjonijiet dwar it-teħid ta' kont ta' kunsiderazzjonijiet soċjali ([51]).

**Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali**

Fl-2017, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, u l-Kummissjoni ħabbru l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali li jistabbilixxi prinċipji għal Unjoni Ewropea aktar ġusta u inklużiva, li tqiegħed il-prijoritajiet soċjali fiċ-ċentru tal-aġenda Ewropea ([52]).

---

([44]) Fl-oqsma tal-impjiegi, ara, fost l-oħrajn, id-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23); Ir-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1); Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità (ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22); Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16).

([45]) Ara fost l-oħrajn id-Direttiva 92/85/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' mizuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu (ĠU L 348, 28.11.1992, p. 1), id-Direttiva 2010/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill (ĠU L 180, 15.7.2010, p. 1).

([46]) Ara *inter alia* id-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija (ĠU L 327, 5.12.2008, p. 9); Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP (ĠU L 175, 10.7.1999, p. 43).

([47]) Ħarsa ġenerali lejn l-acquis soċjali tal-UE hija ppreżentata fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD(2016)50 final tat-8.3.2016. Inizjattivi addizzjonali żviluppati wara din id-data huma ppreżentati fil-paragrafi li ġejjin.

([48]) "Choosing best value in contracting food services"https://contract-catering-guide.org/wp-content/uploads/2019/09/Catering-Services_Best-Value-Guide_EN_Web.pdf

([49]) "Buying quality private security services"http://www.securebestvalue.org/wp-content/uploads/2014/11/Best-Value-Manual_Final.pdf

([50]) "Selecting Best Value – A guide for public and private organisations awarding contracts for cleaning services" http://www.cleaningbestvalue.eu/the-guide.html

([51]) "How to derive MEAT criteria – Introducing quality criteria into public procurement" https://www.efcanet.org/sites/default/files/2020-01/MEAT%20booklet_final.pdf

([52]) https://ec.europa.eu/info/european-pillar-social-rights_mt

F'Jannar 2020, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-Komunikazzjoni "Ewropa soċjali b'saħħitha għal tranżizzjonijiet ġusti" ([53]), li tistabbilixxi l-ewwel riflessjonijiet għal pjan ta' Azzjoni sabiex jiġi implimentat il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Din issemmi wkoll l-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli bħala għodda sabiex jintużaw il-fondi eżistenti b'mod li jappoġġa l-inklużjoni u l-opportunitajiet ta' impjieg.

Ġiet adottata wkoll leġiżlazzjoni konkreta fil-livell tal-UE, li tpoġġi din l-ambizzjoni għal Unjoni Ewropea aktar ġusta u inklużiva fil-prattika u taffettwa l-proċeduri ta' akkwist. Id-Direttiva (UE) 2019/1152 *dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli* għandha l-għan li tiżgura li l-ħaddiema kollha, inklużi dawk f'arranġamenti tax-xogħol "mhux standard", ikollhom aċċess għal informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom u ma jkunux soġġetti għal termini inġusti. B'mod speċifiku, dan jeħtieġ li sal-2022 il-ħaddiema kollha fl-UE:

— Ikollhom aċċess għal informazzjoni bil-miktub dwar l-aspetti essenzjali tax-xogħol tagħhom, mill-bidu tar-relazzjoni tax-xogħol;

— Ma jkunux soġġetti għal perjodi ta' prova itwal minn sitt xhur sakemm ma japplikawx ċirkostanzi eċċezzjonali;

— Jistgħu jfittxu impjieg addizzjonali, bi projbizzjoni fuq klawżoli ta' esklużività u mingħajr ma jkunu soġġetti għal trattament avvers, u b'limiti fuq klawżoli ta' inkompatibbiltà;

— Ikunu jafu b'perjodu raġonevoli minn qabel meta jkun se jsir ix-xogħol;

— Jirċievu tweġiba bil-miktub għal talba għal trasferiment għal impjieg ieħor aktar sikur; u

— Jirċievu taħriġ obbligatorju mingħajr spejjeż li l-impjegatur għandu d-dmir li jipprovdi.

Barra minn hekk, l-Istati Membri jeħtieġ li jippromulgaw regoli sabiex jevitaw l-abbuż ta' kuntratti fuq talba bħal arranġamenti li fihom il-ħaddiema ma jkunux iggarantiti xogħol mill-impjegaturi tagħhom (spiss imsejħa "kuntratti ta' żero sigħat"). Sett b'saħħtu ta' dispożizzjonijiet ta' infurzar huwa wkoll għad-dispożizzjoni tal-ħaddiema f'każ ta' nuqqas ta' konformità mill-impjegatur tagħhom.

Il-kuntratti ta' akkwist pubbliċi jistgħu jinkludu termini li jiżguraw li l-impjegaturi jirrispettaw dawn il-kundizzjonijiet (kemm il-kuntratturi kif ukoll is-sottokuntratturi), u li jipprevedu sanzjonijiet xierqa jekk jinkisru.

Id-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE, li l-Istati Membri jeħtieġ li jittrasponu sat-2 ta' Awwissu 2022, tintroduċi diversi intitolamenti minimi ġodda fil-qasam tal-liv relatat mal-familja u tal-arranġamenti tax-xogħol flessibbli, inklużi:

— Liv tal-paternità: il-missirijiet/it-tieni ġenituri ekwivalenti jistgħu jieħdu tal-anqas għaxart ijiem ta' xogħol ta' liv tal-paternità madwar iż-żmien tat-twelid tal-wild, ikkumpensati tal-anqas bil-livell ta' paga fi żmien ta' mard;

— It-tisħiħ tad-dritt eżistenti għal erba' xhur liv tal-ġenituri, billi tnejn mill-erba' xhur isiru mhux trasferibbli minn ġenitur għal ieħor,u kkumpensat f'livell adegwat. Il-ġenituri għandhom ukoll id-dritt li jitolbu li jieħdu l-liv b'mod flessibbli;

— L-introduzzjoni tal-liv tal-persuni li jindokraw għall-ħaddiema li jipprovdu kura jew appoġġ personali lil qarib jew lil persuna li tgħix fl-istess unità domestika bħall-ħaddiem. Il-persuni li jindokraw li jaħdmu jistgħu jieħdu ħamest ijiem fis-sena;

— Estensjoni tad-dritt eżistenti li jintalbu arranġamenti tax-xogħol flessibbli (sigħat tax-xogħol imnaqqsa, sigħat tax-xogħol flessibbli u flessibbiltà fil-post tax-xogħol) għall-ġenituri kollha li jaħdmu tat-tfal li għandhom sa tal-anqas tmien snin, u għall-persuni kollha li jindokraw.

Għal darb'oħra, il-kuntratti ta' akkwist pubbliċi jista' jkun fihom termini li jiżguraw li dawn il-kundizzjonijiet jiġu rrispettati mill-impjegaturi, inklużi kemm il-kuntratturi kif ukoll is-sottokuntratturi.

Inizjattivi futuri oħra tal-Kummissjoni fil-qasam tas-sostenibbiltà u tad-drittijiet tax-xogħol (eż. il-proposta għal Direttiva dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea ([54])) jista' jkollhom ukoll impatt, fil-futur qrib, fuq kif għandhom jiġu eżegwiti l-kuntratti ta' akkwist pubbliċi.

([53]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Ewropa soċjali b'saħħitha għal tranżizzjonijiet ġusti" tal-14 ta' Jannar 2020, COM(2020) 14 final.

([54]) Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ottubru 2020 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea, COM(2020) 682 final. Din il-proposta leġiżlattiva teħtieġ l-adozzjoni mill-koleġiżlaturi tal-UE u t-traspożizzjoni fil-livell nazzjonali.

**Att Ewropew dwar l-Aċċessibilità**

Id-Direttiva (UE) 2019/882 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi ([55]) – magħrufa bħala l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà (EAA) – tistabbilixxi standards u obbligi komuni sabiex jiġu armonizzati r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà ta' ċerti prodotti u servizzi. B'riżultat ta' dan, se tiżgura li l-persuni b'diżabilità u l-adulti anzjani jkunu jistgħu jaċċessaw prodotti u servizzi. Dan jirrifletti wkoll l-obbligu skont il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD) sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità mal-obbligi ta' aċċessibbiltà għall-Istati Partijiet. Dan jiffaċilita wkoll l-iżgurar li l-persuni b'diżabilità jkollhom l-opportunità li jkunu involuti b'mod attiv fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-politiki u l-programmi, inklużi dawk li jikkonċernawhom direttament. Id-Direttiva tkopri l-prodotti u s-servizzi li ġejjin ([56]):

— Kompjuters u sistemi operattivi

— Terminals tal-pagamenti u ATMs

— Magni tal-biljetti u taċ-check-in

— Terminals interattivi self-service li jipprovdu informazzjoni

— Smartphones

— Tagħmir tat-TV relatat mas-servizzi tat-televiżjoni diġitali

— Servizzi tat-telefonija u tagħmir relatat

— Aċċess għal servizzi tal-midja awdjoviżiva bħax-xandir tat-televiżjoni u tagħmir relatat għall-konsumatur

— Ċerti servizzi relatati mat-trasport tal-passiġġieri bl-ajru, bix-xarabanks, bil-ferrovija u fuq l-ilma

— Servizzi bankarji għall-konsumatur

— Kotba elettroniċi

— Kummerċ elettroniku

— It-tweġib għan-numru uniku Ewropew ta' emerġenza "112"

Ir-rekwiżiti obbligatorji ta' aċċessibbiltà għal dawn il-prodotti u s-servizzi se japplikaw mill-2025 ([57]).

**Titjib tal-aċċessibbiltà tal-funtani tal-ilma fil-Pajjiż Bask (Spanja)**

**Introduzzjoni/objettiv tal-akkwist**

Sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' skart tal-plastik u sabiex jitnaqqas l-infiq fuq l-ilma bbottiljat, Mutualia, fornitur ta' servizzi soċjali u ta' kura medika, li topera 17-il ċentru ta' servizz fil-Pajjiż Bask, iddeċidiet li tinstalla funtani tal-ilma mqabbda man-network pubbliku tal-ilma, li joffru ilma tal-vit bħala alternattiva għax-xiri ta' ilma bbottiljat. L-għan kien li jiġi offrut ilma tax-xorb ta' kwalità għolja f'temperaturi li jvarjaw.

**Approċċ**

Il-kuntratt, li kien taħt il-limitu tal-UE, ingħata lill-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża, ponderata skont il-prezz (50 %) u l-kwalità (50 %). Il-kriterji tal-kwalità kienu jinkludu kunsiderazzjonijiet ta' aċċessibbiltà, bħall-għoli tal-funtani u l-faċilità tal-użu għal persuni b'mobilità mnaqqsa.

Mutualia tat aktar punti lill-kumpanija li offriet magni tal-ilma li kienu faċli sabiex jintużaw minn persuni b'diffikultajiet fil-vista tagħhom jew minn persuni b'mobilità mnaqqsa f'dirgħajhom jew f'idejhom.

**Riżultati**

F'Jannar 2019, Mutualia introduċiet 40 funtana tal-ilma ġodda fis-17-il ċentru ta' servizz tagħha, u pprovdiet lill-persunal tagħha bi fliexken tal-ilma li jistgħu jerġgħu jintużaw. Huwa stmat li Mutualia qed tiffranka EUR 17 000 fis-sena f'ilma għall-pazjenti, għall-impjegati u għall-viżitaturi tagħha. Minħabba l-inklużjoni tar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà, ir-rebbieħ offra buttuni akbar għall-identifikazzjoni tat-tip ta' ilma. Barra minn hekk, il-pożizzjoni li fiha jinsabu t-tazzi

([55]) Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70).

([56]) L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2019/882/UE.

([57]) Id-Direttiva tipprovdi eżenzjoni għas-servizzi tat-trasport urban, suburban u reġjonali kif ukoll għas-servizzi pprovduti minn mikrointrapriżi (intrapriża li timpjega anqas minn 10 persuni u li għandha fatturat annwali li ma jaqbiżx iż-EUR 2 miljun jew total tal-karta bilanċjali annwali li ma jaqbiżx iż-EUR 2 miljun).

tagħmilha aktar faċli għan-nies fis-siġġijiet tar-roti sabiex jaqbduhom u jimlewhom. Minbarra l-pożizzjoni tat-tazzi, Mutualia qiset ukoll l-għoli tal-post fejn jimtlew it-tazzi, filwaqt li tat aktar punti lil dawk il-magni bi slot aktar baxxa.

**Tagħlimiet meħuda**

Bl-inklużjoni tal-kriterji ta' aċċessibbiltà, Mutualia setgħet tiżgura li l-funtani tal-ilma mixtrija jaħdmu għall-pazjenti u għall-viżitaturi kollha fiċ-ċentru tas-saħħa. Billi tippermetti lil kulħadd jaċċessa stazzjonijiet ta' mili mill-ġdid tal-ilma, hija mhux biss qed tgħin lin-nies jibqgħu idratati u f'saħħithom, iżda qed tiffranka wkoll madwar EUR 17 000 fi spejjeż u tnaqqas b'mod sinifikanti l-iskart tal-plastik.

*Sors:*

https://ec.europa.eu/environment/gpp/pdf/news_alert/Issue_91_Case_Study_173_Mutualia.pdf

Skont l-Artikoli 42(1) tad-Direttiva 2014/24/UE u 60(1) tad-Direttiva 2014/25/UE, ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stabbiliti fl-atti legali tal-UE jridu jiġu inklużi fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi fejn l-akkwist huwa maħsub li jintuża minn persuni fiżiċi, kemm jekk ikunu membri tal-pubbliku kif ukoll jekk ikunu persunal tal-akkwirent pubbliku. Barra minn hekk, id-Direttivi 2014/24/UE u 2014/25/UE jirrikjedu li, fejn ir-rekwiżiti obbligatorji ta' aċċessibbiltà jkunu adottati permezz ta' att legali tal-Unjoni, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, f'dak li jkollu x'jaqsam mal-aċċessibilità għal persuni b'diżabilità jew id-disinn għall-utenti kollha, iridu jiġu stabbiliti b'referenza għalihom. L-EAA jistabbilixxi rekwiżiti obbligatorji ta' aċċessibbiltà bħal dawn għall-prodotti u għas-servizzi koperti minnu. Dawn ir-rekwiżiti obbligatorji ta' aċċessibbiltà jiżguraw li l-prodotti u s-servizzi jiġu ddisinjati u prodotti b'tali mod li jimmassimizzaw l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'diżabilità. Dawn jenħtieġ li jkunu akkumpanjati wkoll, fejn possibbli fil-prodott jew fuqu, minn informazzjoni aċċessibbli dwar il-karatteristiċi tal-funzjonament u tal-aċċessibbiltà tagħhom. Fid-dokumenti tal-akkwist, int tista' tirreferi għal standards armonizzati jew għal speċifikazzjonijiet tekniċi għar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà tal-prodott jew tal-eżekuzzjoni tas-servizz żviluppati minn organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni, pereżempju EN 17161:2019 dwar l-Aċċessibbiltà.

Għal prodotti u għal servizzi li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà (EEA), ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà tal-EEA mhumiex vinkolanti. Madankollu, meta l-Att dwar l-Aċċessibbiltà jew leġiżlazzjoni oħra tal-UE tistabbilixxi regoli u obbligi dwar l-aċċessibbiltà għal kwalunkwe prodott jew servizz, jekk il-karatteristiċi, l-elementi jew il-funzjonijiet jikkonformaw mar-rekwiżiti korrispondenti tal-EEA, dawn jistgħu jiġu preżunti li jikkonformaw ukoll mal-leġiżlazzjoni l-oħra, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor. L-akkwirenti pubbliċi jistgħu fi kwalunkwe każ jiddeċiedu li japplikaw rekwiżiti ta' aċċessibbiltà li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stabbiliti fid-dritt tal-UE. L-EEA tinkludi wkoll rekwiżiti ta' aċċessibbiltà volontarji dwar l-ambjent mibni użat mill-klijenti ta' servizzi koperti bid-Direttiva tal-EEA stess. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jesiġu konformità ma' dawn ir-rekwiżiti ([58]).

## Direttiva Riveduta dwar l-Istazzjonar ta' Ħaddiema

Ħaddiem stazzjonat tfisser persuna li, għal perjodu limitat ta' żmien, twettaq ix-xogħol tagħha fi Stat Membru ieħor li ma jkunx l-Istat li normalment taħdem fih ([59]). Hemm madwar 3 miljun ħaddiem ippostjat ([60]) fi ħdan l-UE, li ħafna minnhom huma involuti fil-forniment ta' servizzi jew ta' xogħlijiet pubbliċi. Id-Direttiva dwar il-Ħaddiema Stazzjonati (PWD) ([61]) ġiet adottata għall-ewwel darba fl-1996 u ġiet emendata b'mod sinifikanti fl-2018. Din għandha l-għan li tibbilanċja l-libertà ta' forniment ta' servizzi bejn il-fruntieri mal-protezzjonijiet għall-ħaddiema. Ir-reviżjoni tal-2018 saħħet il-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-ħaddiema stazzjonati u dawk fl-Istat ospitanti, inkluża remunerazzjoni ugwali. Skont il-PWD riveduta ([62]) ħaddiema ppostjati huma intitolati għat-termini u għall-kundizzjonijiet tal-impjieg obbligatorji ([63]) kollha fl-Istat ospitanti li huma relatati ma':

a) Il-perjodi massimi ta' xogħol u l-perjodi minimi ta' mistrieħ;

b) Il-liv annwali minimu mħallas;

([58]) Il-Premessa 49, l-Artikolu 4(4) u l-Anness III tad-Direttiva 2019/882.

([59]) L-Artikolu 2 tad-Direttiva 96/71/KE.

([60]) Sors: Posting of workers - Report on A1 Portable Documents maħruġ fl-2018, id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, Novembru 2019, disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=22302&langId=en

([61]) Id-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1), kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/957.

([62]) Id-Direttiva (UE) 2018/957 trid tiġi trasposta fil-liġijiet nazzjonali sat-30 ta' Lulju 2020 u ma tistax tiġi applikata qabel dik id-data. Għas-settur tat-trasport bit-triq, ir-regoli tal-PWD tal-1996 għadhom applikabbli sakemm tiġi adottata direttiva ta' infurzar ġdida li temenda d-Direttiva 2006/22/UE. Għal aktar informazzjoni, ara l-Practical Guide on Posting of Workers (2019) tal-Kummissjoni Ewropea: https://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=21472&langId=en

([63]) Dawk stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'dispożizzjoni amministrattiva u/jew bi ftehimiet kollettivi applikabbli b'mod universali jew ġenerali u b'deċiżjonijiet ta' arbitraġġ.

c) Ir-remunerazzjoni , inklużi r-rati tas-sahra; dan il-punt ma japplikax għal skemi supplimentari ta' pensjoni okkupazzjonali tal-irtirar;

d) Il-kondizzjonijiet għall-forniment ta' ħaddiema, b'mod partikolari l-forniment ta' ħaddiema minn impriżi tal-impjieg temporanju;

e) Is-saħħa, is-sikurezza u l-iġjene fuq ix-xogħol;

f) Il-miżuri ta' protezzjoni rigward it-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg ta' nisa tqal jew ta' nisa li welldu reċentement, tat-tfal u taż-żgħażagħ;

g) L-ugwaljanza tat-trattament bejn l-irġiel u n-nisa u dispożizzjonijiet oħrajn dwar in-nondiskriminazzjoni;

h) Il-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni tal-ħaddiema fejn ipprovduti mill-impjegatur lill-ħaddiema li jkunu l-bogħod mill-post tax-xogħol regolari tagħhom;

i) L-allowances jew ir-rimborż ta' nefqa sabiex jiġu koperti l-ispejjeż ta' vjaġġar, tal-ikel u tal-alloġġ għal ħaddiema mbiegħda minn djarhom għal raġunijiet professjonali.

Wara 12-il xahar – jew, fejn iġġustifikat mill-impjegatur, 18-il xahar – it-termini u l-kundizzjonijiet obbligatorji kollha skont il-liġi tal-impjieg tal-Istat ospitanti jsiru applikabbli għall-ħaddiem ippostjat, bl-eċċezzjoni ta' (a) ċerti termini rigward il-konklużjoni u t-terminazzjoni tal-kuntratt tal-impjieg, inklużi klawżoli ta' nonkompetizzjoni; u (b) skemi supplimentari ta' pensjoni okkupazzjonali tal-irtirar.

L-akkwirenti pubbliċi jenħtieġ li jkunu konxji ta' dawn ir-rekwiżiti meta jevalwaw l-offerti u jimmonitorjaw il-konformità mal-liġi tax-xogħol.

**Konvenzjonijiet tal-ILO**

Il-konvenzjonijiet fundamentali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) huma msemmija b'mod espliċitu fid-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku ([64]), u l-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali dwar l-akkwist pubbliku wkoll ta' spiss jirrikjedu konformità mal-konvenzjonijiet tal-ILO. It-8 konvenzjonijiet fundamentali jindirizzaw:

1. Il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Protezzjoni tad-Dritt għall-Organizzazzjoni
2. Id-Dritt għall-Organizzazzjoni u għan-Negozjar Kollettiv
3. Ix-Xogħol Furzat
4. L-Abolizzjoni tax-Xogħol Furzat
5. L-Età Minima
6. L-Agħar Forom ta' Tħaddim tat-Tfal
7. Ir-Remunerazzjoni Indaqs
8. Id-Diskriminazzjoni (fl-Impjiegi u fix-Xogħol)

**Ħolqien ta' task force għall-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-fornituri fil-Belt ta' Copenhagen (id-Danimarka)**

**Objettiv tal-akkwist**

Il-belt ta' Copenhagen tieħu azzjoni kontra d-dumping soċjali billi tinkludi klawżoli tax-xogħol f'kuntratti sabiex tiżgura kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti għall-impjegati kollha li jaħdmu għall-fornituri u għas-sottofornituri tagħha.

**Approċċ**

1) Paga ġusta u kundizzjonijiet tax-xogħol
2) Kompetizzjoni ġusta għan-negozji kollha
3) Aktar postijiet ta' apprendistat u ta' esperjenza ta' xogħol għaż-żgħażagħ

L-impjegati tal-fornituri tal-Belt ta' Copenhagen u s-sottokuntratturi tagħhom li jaħdmu fid-Danimarka huma intitolati għal rata minima ta' ħlas, li jinkludu r-rati tas-sahra, il-perjodi massimi ta' xogħol u l-perjodi minimi ta' mistrieħ, u l-vaganzi annwali mħallsa minimi f'konformità kemm mal-klawżola dwar il-ħaddiema kif ukoll mad-Direttiva.

([64]) L-Anness X tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Anness XIV tad-Direttiva 2014/25/UE, l-Anness X tad-Direttiva 2014/23/UE.

**Riżultati**

Copenhagen stabbilixxiet task force li tikkonsisti f'disa' persuni sabiex timmonitorja l-konformità mal-klawżoli dwar il-ħaddiema mill-fornituri kollha tagħha, inklużi s-sottokuntratturi. It-task force hija intitolata żżur it-tipi kollha ta' postijiet tax-xogħol fid-Danimarka f'kull ħin. Il-kundizzjonijiet tal-paga u tax-xogħol tal-fornituri li joperaw f'diversi oqsma bħall-kostruzzjoni, it-tindif u t-trasport huma mmonitorjati mill-qrib. Kull sena jsiru madwar 600 kontroll tal-konformità. Madwar terz huma spezzjonijiet fuq il-post filwaqt li l-bqija huma investigazzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet ta' impjegati speċifiċi bbażati fuq dokumentazzjoni tal-paga, fuq is-sigħat tax-xogħol, fuq it-taxxa eċċ.

It-task force għandha approċċ ibbażat fuq ir-riskju għall-ispezzjonijiet tagħha li jiffoka l-isforzi primarji tagħha f'oqsma fejn ir-riskju ta' skorrettezza jitqies bħala l-ogħla. F'każ ta' ksur, jinbeda djalogu mal-impjegatur. Jekk ma jkun jista' jiġi osservat l-ebda titjib, l-impjegatur irid iħallas penali u, fl-aħħar, il-belt ikollha d-dritt li tikkanċella l-kuntratt.

**Tagħlimiet meħuda**

Irriżulta li approċċ ibbażat fuq iż-żjarat implimentat minn aġenti interni huwa aktar effettiv minn esternalizzazzjoni tal-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet tax-xogħol. B'mod ġenerali, il-kuntrattur ewlieni jinżamm responsabbli għal kull ksur tul il-katina tal-provvista. Il-biċċa l-kbira tal-ksur iseħħ tul il-katina tal-provvista minn sottokuntratturi u minn sottosottokuntratturi. Meta jkun hemm suspett ta' ksur ta' kuntratt, huwa kruċjali li tinġabar informazzjoni dwar l-identità tal-ħaddiema impjegati fis-sit u s-sigħat tax-xogħol eżatti tagħhom. Kultant, dan jista' jkun kompitu diffiċli. Il-Belt ta' Copenhagen bdiet proġett pilota li permezz tiegħu l-ħaddiema jridu jirreġistraw lilhom infushom billi jużaw karta tal-identità meta jaċċessaw u jħallu s-sit tax-xogħol. Din is-sistema tagħmilha aktar faċli sabiex jiġu mmirati kuntratti b'riskju akbar ta' dumping soċjali billi tiġi pprovduta informazzjoni dwar in-numru ta' ħaddiema impjegati, it-tip ta' xogħol, il-forma ta' impjieg, is-sigħat ta' xogħol eċċ.

Id-Direttiva dwar il-Ħlas Tard ([65])

Anqas minn 40 % tan-negozji fl-UE jitħallsu skont it-termini miftiehma fil-kuntratti. L-effetti tal-ħlas tard imorru lil hinn mir-relazzjonijiet kuntrattwali speċifiċi peress li dawn jinfirxu fuq l-ekonomija kollha. Meta n-negozji jitħallsu tard, jingħataw is-sensji, jiġu ttardjati l-pagamenti lill-fornituri, u jiġu posposti l-pjanijiet ta' investiment. Il-katina tal-provvista sħiħa titqiegħed f'riskju u ssir anqas reżiljenti.

Il-ħlas fil-ħin huwa obbligu skont id-Direttiva dwar il-Ħlas Tard ([66]). Dan l-obbligu japplika kemm fi tranżazzjonijiet kummerċjali bejn l-awtoritajiet pubbliċi u n-negozji kif ukoll bejn in-negozji. L-akkwirenti pubbliċi jridu jiżguraw ħlas fil-pront lill-kuntratturi tagħhom billi jagħmlu pagamenti fi ħdan il-limitu ta' żmien ta' 30 jum impost mid-Direttiva (dan il-limitu ta' żmien jista' jkun ta' 60 jum biss għall-entitajiet pubbliċi tas-servizz tal-kura tas-saħħa nazzjonali, fejn dan ikun applikabbli) ([67]). Barra minn hekk, hemm azzjonijiet li l-akkwirenti pubbliċi jistgħu jieħdu matul il-proċess tal-akkwist pubbliku sabiex iżidu l-probabbiltà li s-sottokuntratturi jitħallsu fil-pront matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Tista' ssib aktar informazzjoni dwar dan fit-Taqsima 5.5.

*KAPITOLU 2*

## *Strateġija Organizzazzjonali għax-Xiri Soċjali*

### 2.1 L-SRPP inkluż fl-Aġenda

L-SRPP jeħtieġ tmexxija u impenn tul l-istrutturi maniġerjali, mil-livell politiku, sa dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet ewlenin u l-maniġers tal-baġits. Dan il-KAPITOLU jeżamina kif dan l-impenn jista' jiġi ssalvagwardjat u jippreżenta eżempji ta' strateġiji organizzazzjonali għall-SRPP.

**Enfasizza l-benefiċċji u l-opportunitajiet**

Kemm f'komunitajiet iżgħar kif ukoll f'komunitajiet akbar, l-SRPP jista' jgħin sabiex isir progress li jista' jitkejjel lejn għanijiet soċjali, bħall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-promozzjoni tal-ugwaljanza u l-ħolqien ta' impjiegi u inklużjoni ta' kwalità għolja. Għalhekk fil-prinċipju, l-iżgurar ta' appoġġ ta' livell għoli għall-implimentazzjoni tiegħu jenħtieġ li jkun faċli.

([65]) Għal aktar informazzjoni, ara https://ec.europa.eu/growth/smes/sme-strategy/late-payment_mt
([66]) Id-Direttiva 2011/7/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard fi transazzjonijiet kummerċjali (ĠU L 48, 23.2.2011, p. 1).
([67]) L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2011/7/UE.

L-SRPP jista' jikkontribwixxi wkoll għal għanijiet globali. Pereżempju, l-Għan tal-Iżvilupp Sostenibbli 12 tan-NU - "Jiġu żgurati xejriet sostenibbli ta' konsum u ta' produzzjoni" – jistieden lill-gvernijiet jippromwovu l-użu ta' prattiki tal-akkwist pubbliku sabiex ikomplu l-aġenda tal-iżvilupp sostenibbli (Mira 12.7) ([68]).

**Indirizza l-isfidi u t-tħassib**

L-adozzjoni ta' strateġija tal-SRPP teħtieġ li int tindirizza t-tħassib possibbli tal-mexxejja, tal-maniġers, u tal-maniġers tal-baġits, inklużi l-kost u r-riżorsi addizzjonali perċepiti meħtieġa għax-xiri soċjali.

Il-wiri tal-SRPP fil-prattika, jew permezz ta' eżempji mill-organizzazzjoni tiegħek jew minn akkwirenti pubbliċi oħra, huwa mod effettiv ta' kif turi l-benefiċċji tiegħu. Din il-gwida tinkludi ħafna studji tal-każ li juru akkwist kosteffettiv u soċjalment responsabbli.

Barra minn hekk, enfasizza l-kost li ma titteħidx azzjoni, bħal riskji reputazzjonali, nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni, miri mitlufa, jew il-kostijiet indiretti tal-problemi soċjali għas-settur pubbliku.

***Prattika tajba***

— Żgura appoġġ ta' livell għoli għall-SRPP billi tenfasizza l-obbligi u l-opportunitajiet tiegħu, kif ukoll ir-riskji li jġib miegħu n-nuqqas ta' azzjoni. Sostni dak li tgħid permezz ta' eżempji mill-ħajja reali ta' akkwist soċjali li diġà twettaq fl-organizzazzjoni tiegħek jew minn oħrajn.

## 2.2 **Definizzjoni tal-Objettivi**

Kif diskuss fil-KAPITOLU 1, hemm ħafna kunsiderazzjonijiet soċjali differenti li jistgħu jfeġġu fl-akkwist. Il-ħolqien ta' strateġija tal-SRPP jista' jgħin sabiex tiġi ddefinita l-enfasi fix-xiri soċjali.

**Identifika l-objettivi eżistenti**

Ikkunsidra li tibbaża l-objettivi tal-SRPP fuq prijoritajiet Ewropej, nazzjonali, reġjonali jew lokali eżistenti – bħall-inklużjoni soċjali jew il-ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjieg għal gruppi żvantaġġati. Identifika dawn il-prijoritajiet u kkunsidra l-kontribut potenzjali li jista' jagħmel l-akkwist.

**Immappja l-politiki u l-attivitajiet tal-akkwist**

Bħala akkwirent pubbliku, jista' diġà jkollok fis-seħħ politiki ta' akkwist, bħal politika ta' akkwist ekoloġika jew sostenibbli, jew strateġiji ta' innovazzjoni jew industrijali li huma mmirati lejn setturi speċifiċi. Immappja l-objettivi u l-attivitajiet eżistenti tal-akkwist u identifika l-opportunitajiet għall-allinjament tal-SRPP ma' dawn l-objettivi.

Billi tidentifika l-prijoritajiet eżistenti u timmappja l-politiki u l-attivitajiet attwali tal-akkwist, tkun tista' tidentifika l-objettivi soċjali bl-ogħla rilevanza. L-irbit tal-objettivi tal-SRPP ma' politiki u ma' prijoritajiet eżistenti jista' jgħin sabiex jiġi lleġittimizzat ix-xiri soċjali u jiżdiedu l-attenzjoni u r-riżorsi disponibbli għall-SRPP.

***Prattika tajba***

— Ifhem l-objettivi soċjali eżistenti tal-organizzazzjoni tiegħek, u kkunsidra kif dawn jikkonformaw mal-politika u mal-prattika attwali tal-akkwist. Identifika s-sinerġiji, in-nuqqasijiet, jew l-ostakli potenzjali għall-kisba tal-objettivi soċjali permezz tal-akkwist.

## 2.3 **Konsultazzjoni mal-Partijiet Ikkonċernati**

L-SRPP effettiv jinvolvi ħafna partijiet ikkonċernati, u l-konsultazzjoni hija pass kruċjali fl-iżvilupp ta' strateġija organizzazzjonali għax-xiri soċjali.

([68]) Ara https://www.un.org/sustainabledevelopment/sustainable-consumption-production/

**Konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati dwar l-iżvilupp tal-istrateġija tal-SRPP fl-Uffiċċju tal-Akkwist tal-Ministeru Federali tal-Intern, il-Ġermanja**

**Objettiv tal-akkwist**

Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għall-Akkwist Sostenibbli fil-Ministeru Federali tal-Intern (KNB) ħadem flimkien mal-Assoċjazzjoni Federali għat-Teknoloġija tal-Informazzjoni, għat-Telekomunikazzjoni u għall-Midja l-Ġdida (Bitkom) fuq strateġija komuni għall-akkwist ta' prodotti u ta' servizzi sostenibbli tal-ICT. L-għan ewlieni tal-inizjattiva konġunta huwa li l-akkwirenti pubbliċi u l-fornituri jaħdmu flimkien sabiex jiżguraw standards soċjali u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti fil-katina tal-provvista globali tal-produzzjoni tal-ICT.

**Approċċ**

Delegazzjoni minn Bitkom, magħmula minn fornituri ta' daqsijiet u ta' portafolli ta' prodotti differenti mis-settur tal-ICT, u l-KNB innegozjaw it-tielet verżjoni tad-dikjarazzjoni bejn l-2017 u l-2019. Skont id-dikjarazzjoni, l-akkwirenti pubbliċi fil-gvernijiet federali, tal-istat u lokali se jkunu jistgħu jivverifikaw jekk il-kuntratti fuq skala kbira sat-tielet stadju tal-katina tal-provvista humiex trasparenti u jirrieżaminaw jekk l-istandards soċjali tax-xogħol ġewx irrispettati fil-produzzjoni tal-oġġett tal-akkwist. Id-dikjarazzjoni tkopri l-konformità mal-Konvenzjonijiet ewlenin tal-ILO u mal-Konvenzjonijiet numri 1, 102, 131, 155 u 170. Meta ntlaħaq qbil dwar abbozz ta' verżjoni, saret konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati. L-esperti minn Bitkom u minn KNB stiednu aktar minn 20 rappreżentant tas-soċjetà ċivili, tal-knejjes u ta' akkwirenti pubbliċi oħra sabiex jikkummentaw dwar id-dikjarazzjoni u jieħdu sehem f'laqgħa ta' segwitu. KNB u Bitkom implimentaw direttament xi suġġerimenti, filwaqt li xi wħud ġew innotati għal aktar evalwazzjoni jew ġew irrifjutati. Wara l-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni l-ġdida f'Mejju 2019, KNB u Bitkom stiednu lill-partijiet ikkonċernati għal laqgħa oħra sabiex jispjegaw id-deċiżjonijiet meħuda fir-rigward tal-kummenti u tal-input proposti.

**Riżultati**

L-eżitu tal-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati kien verżjoni aġġornata tad-dikjarazzjoni ta' impenn. Ħafna mis-suġġerimenti magħmula mill-partijiet ikkonċernati ġew inklużi u għenu sabiex jiġu ċċarati ċerti aspetti tad-dikjarazzjoni. Il-proċess għen ukoll lil KNB u lil Bitkom sabiex jorbtu d-dikjarazzjoni mal-attivitajiet ta' monitoraġġ tas-soċjetà ċivili. Id-dikjarazzjoni aġġornata, li tinkludi rekwiżiti ta' verifika aktar stretti minn qabel għall-kumpaniji, isservi bħala mudell għall-akkwist ta' prodotti u ta' servizzi tal-ICT minn entitajiet tas-settur pubbliku fil-Ġermanja, li jistgħu jużaw id-dikjarazzjoni sabiex din tgħinhom fl-iżgurar li l-fornituri jeżegwixxu l-kuntratti b'mod li jkun trasparenti u konformi mal-istandards tax-xogħol soċjali. Għal kuntratti fuq skala kbira, din it-trasparenza tista' tilħaq sat-tielet stadju tal-katina tal-provvista.

**Tagħlimiet meħuda**

Il-proċess ta' involviment tal-partijiet ikkonċernati kien jeħtieġ ħidma kbira, speċjalment l-evalwazzjoni tal-kummenti pprovduti. Madankollu, kien ta' għajnuna f'ħafna aspetti, speċjalment il-feedback dwar il-komprensibbiltà u ċ-ċarezza tal-istandard. Permezz ta' dan il-proċess, il-partijiet setgħu jifhmu l-fehmiet u l-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati kollha.

Il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati tista' tinvolvi stħarriġ jew intervisti, jew l-organizzazzjoni ta' workshops, ta' seminars u ta' konferenzi li jiġbru flimkien lill-partijiet ikkonċernati interni u esterni rilevanti u jħeġġu approċċ kollaborattiv għar-responsabbiltà soċjali permezz ta' djalogu parteċipatorju. Il-konsultazzjonijiet jeħtieġ li jkunu aċċessibbli sabiex jinkludu lill-persuni b'diżabilità.

### Stabbilixxi l-linja bażi tal-akkwist soċjali

Il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati tista' tistabbilixxi linja bażi tal-prattiki attwali tal-akkwist soċjali. Pereżempju, ir-rekwiżiti soċjali diġà huma inklużi f'xi sejħiet għal offerti? Is-suq jista' jissodisfa dawn ir-rekwiżiti? Sa liema punt l-aspettattivi attwali jirriflettu l-aħjar prattika fis-suq?

### Iġbor feedback u għarfien espert

L-involviment tal-partijiet ikkonċernati fil-proċess tal-iżvilupp tal-istrateġija jinforma u jtejjeb il-kontenut tagħha, u jista' jibni impenn għall-ilħuq tal-objettivi tagħha.

Partijiet ikkonċernati differenti li għandhom jiġu kkonsultati jinkludu:

— L-akkwirenti pubbliċi - l-esperti tax-xiri, li l-ħiliet tagħhom huma meħtieġa sabiex iħejju u jevalwaw l-offerti;

— L-utenti - inklużi l-impjegati u ċ-ċittadini kif ukoll is-soċjetà ċivili (eż. persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet tagħhom), li jistabbilixxu d-domanda għall-oġġetti u għas-servizzi, u li jinfluwenzaw l-aspettattivi soċjali;

— Is-sħab soċjali, jiġifieri l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u t-trade unions, li jistgħu jgħinu sabiex jiżguraw l-aħjar kundizzjonijiet tax-xogħol tal-impjegati u l-konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u mal-ftehimiet kollettivi qabel u matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratti;

— Negozji (inklużi organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali u intrapriżi soċjali) - kuntratturi u sottokuntratturi potenzjali, li jipprovdu għarfien dwar il-prattika attwali, il-ktajjen tal-provvista, u l-possibbiltajiet għal titjib;

— Korpi oħra li jistgħu jipprovdu għarfien dwar kwistjonijiet tax-xogħol;

— Organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) jipprovdu materjal ta' gwida u jistgħu jiġu kkonsultati għal informazzjoni;

— Assoċjazzjonijiet kummerċjali jew industrijali, li jaf ikunu jistgħu jxerrdu informazzjoni u jiġbru fehmiet mill-parteċipanti fis-suq; u

— Organizzazzjonijiet esterni rilevanti oħra - inklużi NGOs u gruppi ta' ċittadini, li għandhom rwol fil-promozzjoni tar-responsabbiltà soċjali, esperti tekniċi (eż. dwar l-aċċessibbiltà), u li l-involviment tagħhom jista' jżid it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-istrateġija tal-SRPP.

**Identifikazzjoni ta' opportunitajiet sabiex jiġu appoġġati l-intrapriżi soċjali fil-Belt ta' Söderhamn (l-Iżvezja)**

**Objettiv tal-akkwist**

Wara proposta formali tal-kunsill tagħha, il-Belt ta' Söderhamn bdiet proċess sabiex tinvestiga l-opportunitajiet li tagħżel tal-anqas żewġ akkwisti bl-għan li jingħata kont lill-kriterji soċjali u jinxteħet enfasi fuq l-appoġġ tal-inklużjoni soċjali u tal-intrapriżi soċjali.

**Approċċ**

Twettqet valutazzjoni tal-ħtiġijiet, u nbeda djalogu mal-intrapriżi soċjali sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-akkwirent mas-servizzi disponibbli mill-intrapriżi soċjali. L-eżitu tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet u tad-djalogu mal-intrapriżi soċjali kien offerta sabiex jinxtraw kunsinni ta' boroż frott frisk għall-impjegati tal-muniċipalità darba jew darbtejn fil-ġimgħa. L-intrapriżi soċjali biss kellhom l-opportunità li jipparteċipaw u jissottomettu offerti għal dan il-kuntratt, li kien taħt il-limitu għall-applikazzjoni tad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku.

**Riżultati**

L-offerta rebbieħa offriet kunsinni ta' boroż frott ekoloġiċi prodotti lokalment li jiġu forniti minn intrapriża soċjali integrata fix-xogħol. Il-fornitur kellu l-opportunità li jimpjega persuna li kienet qiegħda fit-tul sabiex twassal il-boroż frott. Il-kost tal-boroż kien kompletament komparabbli ma' kumpanija kummerċjali li tforni lis-settur privat. Barra minn hekk, qabel il-fornitur kien irċieva benefiċċju monetarju mill-muniċipalità li jammonta għal EUR 60 000 fis-sena li ma baqax meħtieġ.

Fl-2016, il-fornitur rebbieħ kellu erba' impjegati u, sal-2019, kellu disgħa. Minn meta rebħet din is-sejħa għal offerti inizjali, l-intrapriża soċjali stabbilixxiet ukoll ċentru li għandu l-għan li jgħin lill-muniċipalità tappoġġa l-ftuħ ta' aktar intrapriżi soċjali, bl-akkwist pubbliku bħala waħda mill-istrateġiji għat-tkabbir. Flimkien ma' disa' intrapriżi soċjali oħra, hija bdiet ukoll assoċjazzjoni nazzjonali sabiex tiġbor l-intrapriżi soċjali integrati fix-xogħol Żvediżi kollha fuq sit web uniku.

**Tagħlimiet meħuda**

Akkwist pubbliku żgħir jista' jkun effettiv ħafna. F'dan il-każ, kellu impatt pożittiv fuq is-suċċess kemm kummerċjali kif ukoll soċjali tal-fornitur. Minkejja li kien akkwist żgħir, xorta waħda jeħtieġ iż-żmien u d-dedikazzjoni tal-akkwirent u ġestjoni u linji gwida ta' appoġġ.

Il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati hija siewja fl-istadji kollha tal-iżvilupp tal-istrateġija, mill-ftehim inizjali tal-objettivi sal-istabbiliment tal-miri, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-SRPP. Approċċ organizzazzjonali għall-SRPP ikun konvinċenti biss jekk il-partijiet ikkonċernati jifhmu n-natura tal-isfida, ir-rwol tagħhom fis-soluzzjoni, u l-impatt pożittiv li jista' jkollhom l-azzjonijiet tagħhom.

***Prattika tajba***

— Ikkonsulta lill-partijiet ikkonċernati rilevanti, kemm interni kif ukoll esterni, sabiex iżżid il-fehim tiegħek tal-ostakli u tal-opportunitajiet għax-xiri soċjali, u sabiex iżżid il-konvinzjoni tal-partijiet ikkonċernati rigward l-attivitajiet tal-SRPP.

## 2.4 **Valutazzjoni tar-Riskji, Prijoritizzazzjoni tal-Kuntratti u Stabbiliment tal-Miri**

Minħabba r-riżorsi limitati tal-biċċa l-kbira tal-akkwirenti pubbliċi, ma jkunx possibbli li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet soċjali kollha fil-prodotti u fis-servizzi kollha f'daqqa. Barra minn hekk, mhux il-prodotti u s-servizzi kollha jkollhom l-istess livell ta' impatti u ta' riskju soċjali. Għalhekk, jista' jkun jagħmel sens li tingħata prijorità lil grupp iżgħar ta' prodotti u ta' servizzi li fihom l-SRPP jista' jkollu l-ogħla impatt fuq l-objettivi soċjali identifikati tiegħek.

### **Valutazzjoni tar-riskju**

Valutazzjoni tar-riskju tal-akkwist tal-organizzazzjoni tiegħek tista' tidentifika l-impatti soċjali assoċjati ma' kategoriji ta' akkwisti differenti. Pereżempju, xi setturi għandhom proporzjon ogħla ta' ħaddiema vulnerabbli jew livelli akbar ta' inugwaljanza bejn il-ġeneri. Ċerti prodotti jistgħu jinkludu materja prima jew ingredjenti miksuba minn żoni ta' kunflitt jew minn reġjuni bi standards tax-xogħol baxxi.

Valutazzjoni tar-riskju tidentifika avvenimenti jew kundizzjonijiet li jistgħu jipprevjenu lill-akkwist tiegħek milli jilħaq l-objettivi soċjali. Din tkejjel ir-riskju skont żewġ fatturi: kemm huwa probabbli li jseħħu dawn l-avvenimenti jew kundizzjonijiet? U jekk huwa probabbli, sa liema punt ikollhom impatt fuq l-objettivi soċjali?

Il-kwistjonijiet li għandhom jitqiesu f'valutazzjoni tar-riskju ta' prodotti u ta' servizzi jinkludu:

— Il-kundizzjonijiet bażiċi tax-xogħol - hemm riskju li l-Konvenzjonijiet tal-ILO, jew l-istandards nazzjonali jew tal-UE rilevanti, ma jiġux irrispettati fi ħdan industrija? Il-kundizzjonijiet ħżiena huma problema magħrufa fil-proċess tal-produzzjoni (pereżempju, it-tessuti, il-prodotti elettroniċi, il-ġebel għall-pavimentar) jew fil-provvista ta' servizz (pereżempju, id-dumping soċjali fil-catering, fit-tindif u fil-kostruzzjoni)?

— Il-forza tax-xogħol - liema tip ta' xogħol jintuża fil-produzzjoni jew fil-provvista ta' servizz, u liema riskji huma assoċjati ma' dan? Pereżempju, industrija tipikament tagħmel użu minn xogħol mhux standard eż. kuntratti ta' żero sigħat, ħaddiema mingħajr dokumenti jew migranti, jew turi differenzi fit-trattament tal-ħaddiema fuq il-bażi tas-sess, tar-razza jew ta' fatturi oħra?

— Il-kontinwità tas-servizzi – hemm riskju li, billi tbiddel il-fornitur jew it-termini ta' kuntratt eżistenti, int tista' taffettwa ħażin lill-utenti tas-servizzi? L-analiżi benefiċċji/riskji jenħtieġ li tkopri l-effetti potenzjali fuq is-sikurezza u fuq il-benesseri tal-persuni li jużaw is-servizzi u tal-persuni li jindukrawhom. Dan huwa partikolarment rilevanti għas-servizzi soċjali li jassistu lill-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, lill-anzjani, jew lill-persuni b'diżabilità.

— Rabta mas-suġġett – ir-rekwiżiti soċjali jrid ikollhom rabta suffiċjenti mal-prodotti jew mas-servizzi *speċifiċi* li jkunu qed jinxtraw (ara l-KAPITOLU 4). Din ir-rabta tista' tkun aktar diffiċli li tiġi stabbilita għal ktajjen tal-provvista twal u kumplessi, bħal dawk fis-settur tal-ICT. Jenħtieġ li tikkunsidra sa liema fond tista' tevalwa r-riskju fil-katina tal-provvista.

Mudell minnhom għall-valutazzjoni tar-riskji huwa l-klassifikazzjoni – bl-użu ta' skala numerika – il-probabbiltà li jseħħu r-riskji u l-konsegwenzi jekk isehħu. Din il-klassifikazzjoni tista' tifforma wkoll parti minn eżerċizzju ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati. Il-prodotti u s-servizzi bi klassifikazzjoni għolja f'termini ta' probabbiltà u ta' konsegwenza, fejn tkun tista' tistabbilixxi rabta ċara mas-suġġett, jenħtieġ li jintgħażlu bħala prijorità.

Il-valutazzjoni tar-riskju hija importanti wkoll għal offerti individwali. Tgħinek tidentifika punti fil-katina tal-provvista jew fil-forniment tas-servizz fejn ir-riskji jkunu għoljin, u tiżgura li jiġi rrispettat il-prinċipju tal-proporzjonalità (jiġifieri, ir-rekwiżiti inklużi fl-offerta jkunu adattati sabiex jintlaħqu objettivi soċjali speċifiċi u ma jmorrux lil hinn minn dak li jkun meħtieġ).

Ktajjen tal-provvista globali twal u kumplessi huma nieqsa mit-trasparenza, u jista' jkun diffiċli għax-xerrejja pubbliċi sabiex jaċċessaw l-informazzjoni. Madankollu, ħafna NGOs qed jaħdmu sabiex jagħmlu din l-informazzjoni aktar aċċessibbli, pereżempju, Electronics Watch ([69]) jew Swedwatch ([70]). Filwaqt li parti minn din l-informazzjoni tista' tiffoka fuq il-konsum fil-livell tal-konsumatur u dak pubbliku, din tibqa' rilevanti ħafna għal prodotti simili akkwistati mis-settur pubbliku. Tista' tgħin sabiex jiġu identifikati riskji soċjali li għalihom jeżistu għodod u programmi ta' verifika, u b'hekk tevita restrizzjonijiet żejda fuq il-kompetizzjoni.

**Valutazzjoni tar-riskji fl-akkwist pubbliku fl-Aġenzija għall-Ġestjoni Pubblika u għall-Gvern elettroniku (Difi), in-Norveġja**

**Objettiv tal-akkwist**

L-Aġenzija għall-Ġestjoni Pubblika u għall-Gvern elettroniku (Difi) fin-Norveġja pprovdiet lista ta' prodotti ta' riskju għoli għall-akkwirenti pubbliċi sabiex tgħinhom jibnu sensibilizzazzjoni dwar il-ħtieġa li titwettaq diliġenza dovuta fuq il-konformità mad-drittijiet tal-bniedem. Din il-lista tgħin lill-akkwirenti pubbliċi jallokaw riżorsi xierqa sabiex jevalwaw l-offerti u jsegwu l-kriterji tal-SRPP matul il-fażi tal-kuntratt. Il-lista tinkludi setturi differenti, eż. il-materjali tal-kostruzzjoni, il-prodotti elettroniċi u l-ICT, l-għamara, il-provvisti tal-uffiċċju, it-tessuti u l-ikel, u tkopri l-livelli kollha tal-proċess tal-produzzjoni - mill-estrazzjoni tal-materja prima sal-assemblaġġ finali.

**Approċċ**

Difi tieħu data għall-valutazzjonijiet tar-riskju minn rapporti, minn artikli, minn films u minn riċerka akkademika. Il-fornituri, u sa ċertu punt organizzazzjonijiet/inizjattivi tal-industrija, ġew intervistati wkoll sabiex jagħtu kontribut għall-fehim tal-ktajjen tal-provvista. Id-data dwar in-negozjar intużat għall-immappjar tal-ktajjen tal-provvista, peress li t-trasparenza u t-traċċabbiltà spiss ikunu limitati.

**Riżultati**

Il-Lista ta' Riskju Għoli ta' Difi tipprovdi informazzjoni utli dwar ir-riskju fi ħdan il-gruppi ta' prodotti kif ukoll speċifikament fil-kategoriji ta' prodotti magħżula. Din tista' sservi bħala għodda ta' gwida sabiex jiġi indirizzat il-prinċipju tal-proporzjonalità li jikkonċerna liema gruppi ta' prodotti u kategoriji ta' prodotti speċifiċi għandhom jintgħażlu meta jintużaw strumenti tal-SRPP fl-ippjanar tal-attività tal-akkwist. Din tista' tgħin ukoll lill-fornituri ta' prodotti b'riskju għoli sabiex jagħtu prijorità lid-diliġenza dovuta dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-ktajjen tal-provvista globali tagħhom. Aktar informazzjoni dwar il-Lista ta' Riskju Għoli tista' tinstab hawn: https://www.anskaffelser.no/public-procurement/socially-responsible-public-procurement/information-about-high-risk-products

**Tagħlimiet meħuda**

Hemm diversi diffikultajiet inerenti fil-kisba tal-aċċess għall-informazzjoni dwar il-katina tal-provvista. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, hemm nuqqas ta' trasparenza minħabba xibka kumplessa u dinamika ta' fornituri mill-materja prima sal-produzzjoni, sal-wasla fl-Ewropa, jew għal servizzi pprovduti minn atturi domestiċi u mhux domestiċi. Il-Lista ta' Riskju Għoli ta' Difi hija għodda utli għall-akkwirenti pubbliċi meta jieħdu deċiżjonijiet dwar liema prodotti jagħżlu bħala parti mill-SRPP. L-użu tal-lista jista' jnaqqas ir-riskju li jkun seħħ ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-katina tal-provvista ta' prodotti ta' riskju għoli. Madankollu, il-lista mhijiex eżawrjenti. Prodotti li bħalissa mhumiex fil-lista xorta jistgħu jkunu ta' riskju għoli, u f'dawn il-każijiet, l-akkwirenti pubbliċi jenħtieġ li jagħmlu aktar riċerka dwar ir-riskju għad-drittijiet tal-bniedem assoċjat ma' dawk il-prodotti u s-servizzi.

**Prijoritizzazzjoni tal-kuntratti**

Mhux il-kuntratti kollha jipprovdu l-istess opportunitajiet sabiex jintlaħqu l-objettivi soċjali. Eżerċizzju ta' prijoritizzazzjoni jista' jgħin sabiex jiġu identifikati kuntratti bl-ogħla impatt potenzjali. Sabiex tipprijoritizza l-kuntratti, ikkunsidra l-mistoqsijiet li ġejjin:

— X'riskji soċjali, jew benefiċċji soċjali potenzjali, huma marbuta mal-kuntratt u kemm huma importanti?

— Il-kuntratti huma ta' daqs u ta' durata suffiċjenti sabiex jinfluwenzaw il-prattiki tal-fornituri? Jekk le, tista' taħdem ma' korpi pubbliċi oħra sabiex tiġbor id-domanda fil-kategorija?

([69]) Electronics Watch hija organizzazzjoni indipendenti li għandha l-għan li tiġbor flimkien lill-akkwirenti mis-settur pubbliku u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fir-reġjuni tal-produzzjoni tal-prodotti elettroniċi, ma' esperti fid-drittijiet tal-bniedem u fil-ktajjen tal-provvista globali. Aktar informazzjoni fuq: http://electronicswatch.org/en

([70]) Swedwatch hija organizzazzjoni indipendenti b'fokus fuq id-drittijiet tal-bniedem u fuq l-abbużi ambjentali f'diversi setturi, inklużi s-setturi tal-ikel, tal-metalli, tal-qtugħ tas-siġar għall-injam, tal-minerali u tat-tessuti. Aktar informazzjoni fuq: https://swedwatch.org/en/teman/public-procurement/

— Hemm alternattivi soċjalment preferibbli li huma disponibbli u affordabbli? L-inklużjoni ta' kunsiderazzjonijiet soċjali tkun tirrestrinġi l-kompetizzjoni b'mod mhux xieraq?

— Kemm hija twila l-katina tal-provvista ta' prodott? L-akkwist kif jista' jimmira b'mod effettiv il-punt fil-katina tal-provvista li fih iseħħu r-riskji, jew li fih jistgħu jinkisbu l-benefiċċji?

— L-objettivi soċjali jistgħu jiġu mmirati direttament permezz ta' kriterji tal-akkwist verifikabbli? Inkella, hemm mod aktar effettiv sabiex titwassal il-politika bl-użu ta' għodod oħra disponibbli għall-akkwirent pubbliku?

— Kemm se tkun viżibbli l-azzjoni soċjali? Tista' tgħin sabiex titqajjem aktar kuxjenza dwar kwistjonijiet soċjali fil-ktajjen tal-provvista fost il-persunal, il-fornituri, u forsi anke fost il-pubbliku ġenerali? Hemm riskju reputazzjonali jekk ma tittieħidx azzjoni f'dan il-qasam?

— Jeżistu opportunitajiet sabiex jiġi rriżervat kuntratt għall-organizzazzjonijiet soċjali li jappoġġaw direttament l-impjieg ta' persuni b'diżabilità jew ta' persuni żvantaġġati?

Kunsiderazzjoni oħra meta tingħata prijorità lill-kuntratti, speċjalment meta l-SRPP isir obbligatorju, hija l-limitu tal-akkwist li fih tintroduċi r-rekwiżiti soċjali. Id-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku japplikaw biss għal offerti li l-valur tagħhom jaqbeż il-limiti ddefiniti fuq il-bażi tan-natura tal-kuntratt u tal-korp tal-akkwist ([71]). Inti tista' ssegwi wkoll l-SRPP f'kuntratti taħt dawn il-limiti, jew li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi.

### Stabbiliment ta' miri

L-istabbiliment ta' miri juri impenn favur l-għanijiet soċjali, iżid il-motivazzjoni, u jipprovdi qafas għall-kejl tal-progress.

F'kull kategorija ta' prodotti jew ta' servizzi rilevanti, stabbilixxi mira speċifika relatata ma' kull objettiv soċjali. Miri effettivi jistgħu jitkejlu (jistgħu jiġu kkwantifikati), jistgħu jintlaħqu (stabbiliti skont il-linja bażi attwali), u jispeċifikaw id-data tal-kisba.

### *Prattiki tajbin*

— Ifhem l-impatti soċjali tal-akkwist tiegħek billi twettaq valutazzjoni tar-riskju. Fejn meħtieġ, ikkonsulta ma' esperti fi ħdan dipartimenti oħra tal-organizzazzjoni tiegħek (bħad-dipartiment tax-xogħol), ma' unions, ma' fornituri, jew ma' NGOs indipendenti, sabiex tifhem aħjar il-ktajjen tal-provvista u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-prodotti u tas-servizzi li inti takkwista.

— Oħloq strateġija tal-SRPP, li tiddeskrivi l-kategoriji tal-akkwist jew kuntratti speċifiċi fejn int se tagħti prijorità lill-SRPP. Għal kull prijorità, stabbilixxi mira li tista' titkejjel u li tista' tintlaħaq, li għandha tintlaħaq sa data speċifika.

## 2.5 Integrazzjoni tal-SRPP fil-Proċeduri u fil-Politiki tal-Akkwist

Ikkunsidra dan li ġej meta timplimenta l-SRPP fi proċeduri u f'politiki tal-akkwist:

— Il-qafas legali u regolatorju - inkluż kif l-SRPP jikkonforma mal-leġiżlazzjoni tal-UE u nazzjonali dwar l-akkwist u mal-obbligi internazzjonali tal-UE;

— Il-qafas istituzzjonali - inkluż jekk l-akkwist huwiex ċentralizzat jew deċentralizzat, u x'dan ifisser għall-ġestjoni u għall-monitoraġġ tal-SRPP;

— L-istruttura maniġerjali - inkluż il-ħolqien ta' strutturi ġodda sabiex titmexxa l-integrazzjoni tal-SRPP, bħal grupp ta' ħidma li jinvolvi partijiet ikkonċernati ewlenin, jew it-tħabbir tar-rebbieħa fil-qasam tal-SRPP fost id-dipartimenti rilevanti;

— L-assenjazzjoni tar-responsabbiltajiet - inkluża l-identifikazzjoni ta' mexxejja, ta' esperti u ta' akkwirenti f'pożizzjonijiet xierqa - li jistgħu jixprunaw l-azzjoni u jiżguraw il-kisba tal-miri;

— Aċċess għall-għarfien espert – inklużi l-involviment ta' esperti fi ħdan l-organizzazzjoni tiegħek dwar kwistjonijiet rilevanti għall-SRPP, il-kooperazzjoni ma' dipartimenti jew ma' organizzazzjonijiet rilevanti kemm internament kif ukoll esternament, u l-komunikazzjoni ma' organizzazzjonijiet oħra li jistgħu jagħtu pariri jew imexxu l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-SRPP;

— Id-disponibbiltà tal-kapaċità professjonali u tar-riżorsi – qis jekk humiex meħtieġa attivitajiet ta' bini tal-kapaċità jew l-għoti ta' linji gwida u ta' kriterji ċari.

([71]) Il-limiti attwali jistgħu jiġu aċċessati fuq: https://ec.europa.eu/growth/single-market/public-procurement/rules-implementation/thresholds_mt

**Appoġġ għall-integrazzjoni permezz tal-komunikazzjoni**

Ikkomunika b'mod mifrux l-objettivi tal-SRPP sabiex tintegrah fi ħdan l-organizzazzjoni. Kun żgur li r-rwol u r-responsabbiltajiet tal-persunal fl-organizzazzjoni tiegħek huma espliċiti. L-attivitajiet ta' komunikazzjoni interna jistgħu jinkludu seminars, bullettini, jew l-inklużjoni fuq l-intranet tal-organizzazzjoni tiegħek.

Il-komunikazzjoni esterna hija essenzjali wkoll. Il-komunikazzjoni tal-objettivi soċjali lis-suq qabel ma jiġu ppubblikati is-sejħiet għal offerti tipprovdi żmien sabiex il-fornituri jirreaġixxu. Il-komunikazzjoni tal-objettivi lill-pubbliku żżid ukoll ir-responsabbiltà tiegħek u tagħti eżempju li jista' jispira azzjoni aktar mifruxa. Din tista' tgħin ukoll sabiex jinbena kunsens rigward prattiki li jinvolvu l-użu ta' kunsiderazzjonijiet soċjali.

Fl-aħħar nett, il-kondiviżjoni tal-għarfien ma' akkwirenti pubbliċi oħra dwar prattika tajba (jew riskji li jistgħu jiġu evitati) tista' tgħin sabiex jitħaffef it-tagħlim dwar l-SRPP. Din il-kondiviżjoni tal-għarfien tista' ssir f'livell lokali, reġjonali, nazzjonali jew saħansitra internazzjonali. B'mod partikolari, il-kondiviżjoni tal-għarfien fi ħdan l-UE tista' tgħin sabiex jogħlew l-istandards meħtieġa mill-akkwirenti pubbliċi madwar l-Ewropa, filwaqt li tippromwovi responsabbiltà soċjali akbar bħala norma.

**Grupp ta' Ħidma tan-Network Procura+ dwar l-Akkwist Soċjalment Responsabbli tal-ICT**

**Objettiv tal-akkwist**

In-Network Procura+ ħoloq il-Grupp ta' Interess dwar l-Akkwist Pubbliku Soċjalment Responsabbli sabiex irawwem l-iskambju dwar l-attivitajiet ta' akkwist u sabiex jappoġġa lill-akkwirenti pubbliċi fl-akkwist ta' prodotti tal-hardware tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT). Il-grupp jinkludi akkwirenti pubbliċi minn madwar l-Ewropa, inklużi l-Greater London Authority, il-Belt ta' Stokkolma, il-Kunsill tal-Belt ta' Barċellona, l-Advanced Procurement for Universities and Colleges Scotland (APUC) u l-Belt ta' Haarlem.

**Approċċ**

Il-membri tal-Grupp ta' Interess jikkomunikaw u jikkondividu l-għarfien tagħhom dwar l-SRPP permezz ta' laqgħat fiżiċi u virtwali regolari. B'appoġġ minn Electronics Watch u minn ICLEI Europe, il-grupp qed jiżviluppa kriterji, speċifikazzjonijiet u klawżoli li jqisu r-responsabbiltà soċjali tul il-katina kollha tal-provvista tal-prodotti tal-ICT.

**Riżultati**

Billi jikkondividu l-esperjenzi tagħhom u l-eżempji tal-aħjar prattika, l-akkwirenti pubbliċi parteċipanti jistgħu jibnu l-għarfien u l-għarfien espert tagħhom dwar l-SRPP. Il-grupp iservi wkoll bħala pjattaforma biex jiġu ppreżentati sejħiet għal offerti futuri u sabiex jiġu ffaċilitati l-iskambji bejn l-akkwirenti pubbliċi u l-fornituri u r-rivendituri potenzjali fir-rigward tal-ħtiġijiet u tal-kapaċitajiet rispettivi tagħhom. Bħala sforz konġunt, il-grupp żviluppa sett speċifiku ta' kriterji: "How to procure fair ICT hardware – criteria set for socially responsible public procurement". Id-dokument jinkludi kriterji tal-għażla, speċifikazzjonijiet tekniċi, kriterji għall-għoti u klawżoli tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Il-kriterji stabbiliti huma ambizzjużi peress li jmorru lil hinn mil-livell tal-funderija u jindirizzaw il-kwistjonijiet fl-istadju tal-estrazzjoni wkoll.

**Tagħlimiet meħuda**

L-involviment ta' akkwirenti oħra mis-settur pubbliku u l-kondiviżjoni tal-għarfien dwar is-suq iħallu l-frott peress li jippermettu lill-akkwirenti pubbliċi jidentifikaw ħtiġijiet komuni u jiżviluppaw strateġiji dwar kif jixtru prodotti mmanifatturati b'mod soċjalment responsabbli li jissodisfaw il-ħtiġijiet bl-aħjar mod.

***Prattika tajba***

— Integra l-istrateġija tal-SRPP tiegħek fl-attivitajiet tal-akkwist tiegħek. Assenja r-responsabbiltajiet, ikkunsidra t-twaqqif ta' grupp ta' ġestjoni, u kkomunika l-objettivi tal-akkwist soċjali tiegħek b'mod mifrux, sabiex il-persunal u l-fornituri jkunu jafu bl-aspettattivi, u akkwirenti pubbliċi oħra jkunu mħeġġa jieħdu miżuri simili.

## 2.6 Monitoraġġ u Rieżami tal-Progress

**Ġbir ta' *data* dwar il-prestazzjoni tal-SRPP**

L-implimentazzjoni effettiva tal-SRPP tinvolvi l-istabbiliment ta' sistema ta' monitoraġġ li tkejjel il-progress fl-ilħuq tal-miri. Is-sistemi ta' monitoraġġ ivarjaw minn bażijiet ta' *data* sempliċi li jirreġistraw l-użu ta' kriterji soċjali, sa sistemi speċjalizzati integrati ma' pjattaformi tal-akkwist elettroniku.

**Integrazzjoni tal-monitoraġġ tal-SPP fis-sistemi ta' rapportar eżistenti fi Flanders (il-Belġju)**

**Objettiv tal-akkwist**

Il-Gvern ta' Flanders ilu jaħdem fuq l-akkwist pubbliku sostenibbli (SPP) mill-2008, meta stabbilixxa l-mira ta' 100 % SPP sal-2020 għall-akkwist pubbliku tiegħu. Matul il-perjodu 2009-2015, ġew adottati żewġ pjanijiet ta' azzjoni sabiex jiggwidaw il-progress lejn din il-mira, u wara dan l-SPP saret parti minn strateġija integrata dwar l-akkwist pubbliku. Din stabbilixxiet kriterji minimi ta' sostenibbiltà għal disa' gruppi ta' prodotti, flimkien ma' suġġerimenti ta' gwida u ta' kriterji dwar 17-il grupp ta' prodotti oħra. Il-prodotti mixtrija jridu jissodisfaw dawn il-kriterji sabiex fi Flanders l-akkwist jitqies sostenibbli.

**Approċċ**

Fl-2017, il-monitoraġġ tal-SPP ġie integrat fis-sistema ta' ġestjoni tal-kuntratti tal-Gvern ta' Flanders. Kull akkwist ta' EUR 30 000 jew aktar irid jiġi rreġistrat fis-sistema ta' ġestjoni tal-kuntratti, u jridu jitwieġbu d-disa' mistoqsijiet obbligatorji dwar l-SPP li ġejjin:

1. L-użu ta' kriterji essenzjali ta' sostenibbiltà: kompletament integrati fid-dokument tal-offerta / mhux jew parzjalment integrati fid-dokument tal-offerta / l-akkwist ma jikkonċernax grupp ta' prodotti li għalih ġew iddefiniti kriterji essenzjali

2. L-użu ta' kriterji oħra ta' sostenibbiltà: kriterju ta' sostenibbiltà wieħed ieħor jew aktar fid-dokument tal-offerta / Ebda kriterju ieħor ta' sostenibbiltà fid-dokument tal-offerta

3. Ċertifikati dwar il-ġestjoni ambjentali meħtieġa: rilevanti u fid-dokument tal-offerta / rilevanti iżda mhux fid-dokument tal-offerta minħabba raġunijiet speċifiċi / mhux rilevanti

4. Aċċess limitat għall-intrapriżi soċjali: iva / le

5. Parti mill-fażi tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt irriżervata għall-intrapriżi soċjali: iva / le

6. Użu tal-klawżola ta' nondiskriminazzjoni: iva / le

7. Użu ta' klawżola soċjali fid-dokument tal-offerta mmirata lejn l-impjiegi, l-edukazzjoni u t-taħriġ: iva / le

8. Użu ta' klawżola etika: rilevanti u fid-dokument tal-offerta / rilevanti iżda mhux fid-dokument tal-offerta minħabba raġunijiet speċifiċi / mhux rilevanti – L-akkwist ma jikkonċernax oġġetti ta' riskju għoli

9. Akkwist innovattiv: l-innovazzjoni tinsab f'fażi prekummerċjali ta' riċerka u ta' żvilupp/ l-innovazzjoni tinsab fil-fażi kemm prekummerċjali kif ukoll fil-fażi kummerċjali / L-innovazzjoni tinsab fl-fażi kummerċjali ( (PPI) / ma hemm l-ebda aspett innovattiv

**Tagħlimiet meħuda**

Il-monitoraġġ tal-użu tal-għodda huwa meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-effettività tagħha. Wara li ġie nnotat tnaqqis fl-użu rrapportat tal-SPP bejn l-2015 u l-2016, Flanders seta' jindirizza ostakli importanti għall-mira tiegħu għall-2020, inklużi l-integrazzjoni ta' klawżoli ta' sostenibbiltà fil-mudelli tal-offerti u l-identifikazzjoni ta' ftehimiet qafas fejn kienet meħtieġa azzjoni futura.

*Sorsi*

http://www.procuraplus.org/fileadmin/user_upload/Procura__case_studies/Procuraplus_case_study_Flanders.pdf u https://overheid.vlaanderen.be/monitoring-duurzame-overheidsopdrachten%20

L-irbit tal-monitoraġġ tal-SRPP mas-sistemi ta' rapportar u mal-proċeduri tal-awditjar eżistenti huwa l-aktar effettiv. X'aktarx li jkollok bżonn aġġustamenti fis-sistemi tiegħek, bħall-inklużjoni ta' kampijiet ġodda tad-*data* fis-software ta' monitoraġġ. Barra minn hekk, ikkunsidra l-awditjar estern indipendenti tal-prestazzjoni tal-SRPP, inkluża l-valutazzjoni komparattiva tal-akkwirent pubbliku mal-prestazzjoni fil-passat jew mal-prestazzjoni ta' organizzazzjonijiet oħra.

**Rieżami u titjib tal-SRPP**

Irrieżamina b'mod perjodiku r-riżultati tal-monitoraġġ sabiex tiżgura l-progress fil-miri u li l-azzjonijiet qed jagħtu l-kontribut mixtieq għall-objettivi.

Ikkomunika mal-kollegi u esternament meta l-organizzazzjoni tilħaq il-miri tagħha. Imbagħad, il-proċess ta' konsultazzjoni u ta' ffissar tal-miri jibda mill-ġdid – filwaqt li jiġi żgurat titjib kontinwu fl-objettivi soċjali.

Bidla sistemika fis-suq mhijiex possibbli jekk l-eżiti tajbin b'mod iżolat għalihom. L-SRPP jista' jgħin sabiex tintwera l-kapaċità tas-suq li jissodisfa standards ogħla, u l-komunikazzjoni ta' din tista' tgħin sabiex jiżdiedu l-aspettattivi aktar ġenerali tal-partijiet ikkonċernati.

***Prattika tajba***

— Immonitorja l-implimentazzjoni tal-SRPP, u rrieżamina b'mod perjodiku r-riżultati, sabiex tiżgura l-progress u tagħmel l-aġġustamenti meħtieġa għall-istrateġija jew għall-prattiki tal-akkwist.

*KAPITOLU 3*

## *Identifikazzjoni tal-ħtiġijiet u ppjanar tal-akkwist*

### 3.1 Ir-Rwol tal-Valutazzjoni tal-Ħtiġijiet fl-SRPP

Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tista' tkun l-ewwel stadju fiċ-ċiklu tal-akkwist għall-SRPP, qabel ma titnieda offerta. Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet għandha l-għan li tiżgura li teżisti domanda reali għall-oġġetti, għas-servizzi jew għax-xogħlijiet, u li tidentifika l-modi kif jiġu ssodisfati dawk il-ħtiġijiet bl-aktar mod soċjalment responsabbli. Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet reali f'termini ta' eżiti tistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni u n-natura tar-rekwiżiti, filwaqt li tippermetti rispons aktar flessibbli u potenzjalment kosteffettiv mis-suq. F'kuntest tal-SRPP, il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet hija dwar:

— L-iżgurar li dak li jinxtara jissodisfa r-rekwiżiti soċjali;

— It-tfassil ta' akkwist u ta' kuntratti li jippermettu flessibbiltà tul iż-żmien u l-iżgurar li jkunu jistgħu jipparteċipaw firxa wiesgħa ta' organizzazzjonijiet, inklużi organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali u intrapriżi soċjali, korpi mingħajr skop ta' qligħ jew volontarji; u

— Iż-żieda tal-impatti u tal-eżiti soċjali: il-verifika ta' jekk l-akkwist joffrix opportunitajiet sabiex jiġu avvanzati l-eżiti soċjali u etiċi rilevanti.

Eżempji ta' kif il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tista' taffettwa l-impatti u l-eżiti soċjali fl-akkwist:

— Awtorità lokali tagħżel alternattivi ta' mobilità aktar flessibbli u varjati sabiex tipprovdi aktar libertà tat-trasport għaċ-ċittadini anzjani u għall-persuni b'diżabilità;

— Awtorità lokali tipprovdi servizzi soċjali u tal-kura mfassla apposta għall-ħtiġijiet tal-individwi b'attenzjoni speċifika għall-aspetti tal-ġeneru ([72]);

— Dipartiment tal-gvern jinkludi klawżola f'kuntratt ta' kostruzzjoni għal opportunitajiet ta' impjieg u ta' taħriġ għal persuni qiegħda u żvantaġġjati;

— Sptar jitlob lil fornitur ta' tagħmir mediku għal trasparenza fil-katina tal-provvista tiegħu sabiex jimmonitorja u jivverifika l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema flimkien mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet għandha l-potenzjal li tiffranka l-flus kif ukoll tiġġenera redditi soċjali, u b'hekk issir parti essenzjali mill-fażi tal-preakkwist. Din tista' tirrikjedi bidla kulturali fi ħdan organizzazzjoni – lil hinn mill-ħsieb f'termini tan-numru ta' unitajiet mixtrija għal mod ta' ħsieb dwar kif jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet b'mod sostenibbli u b'kunsiderazzjoni tal-eżiti soċjali.

**Konsultazzjoni mal-utenti**

L-utenti ta' prodott, ta' servizz jew ta' xogħol spiss ma jkunux l-istess persuni li jixtruh. Dawn jistgħu jkunu individwi oħra fi ħdan l-istess organizzazzjoni, impjegati ta' korp pubbliku ieħor, jew ċittadini (eż. pazjenti fi sptar, residenti, studenti tal-iskola jew tal-università). Il-konsultazzjoni tista' tidentifika kwistjonijiet soċjali u tiżgura li s-sejħa għal offerti tkun imfassla sabiex tisfrutta bl-aħjar mod kwalunkwe opportunità għal impatti soċjali pożittivi. It-tekniki li ġejjin jistgħu jintużaw sabiex l-utenti jiġu kkonsultati qabel ma jitnieda akkwist:

— Niedi kwestjonarju jew stħarriġ online sabiex tiddetermina l-ħtiġijiet u l-preferenzi tal-utenti;

— Osserva u analizza l-mudelli ta' użu eżistenti;

— Stieden lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha għal laqgħa sabiex tirrieżaminaw il-prattiki attwali u tippjanaw flimkien għal eżiti soċjali mtejba fl-akkwist li jmiss; u/jew

— Stieden lill-utenti kollha jattendu dimostrazzjonijiet tal-fornituri, li jsiru bħala parti minn konsultazzjoni preliminari mas-suq (ara t-taqsima 3.2);

— Agħmel il-kwestjonarju aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità.

([72]) Valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet jistgħu jkunu bbażati wkoll fuq analiżi tal-ġeneri. L-EIGE jiddefiniha bħala "eżami kritiku ta' kif id-differenzi fir-rwoli tal-ġeneri, fl-attivitajiet, fil-ħtiġijiet, fl-opportunitajiet u fid-drittijiet/fl-intitolamenti jaffettwaw lill-irġiel, lin-nisa, lill-bniet u lis-subien f'ċerti sitwazzjoni jew kuntesti. L-analiżi tal-ġeneri teżamina r-relazzjonijiet bejn in-nisa u l-irġiel u l-aċċess tagħhom għar-riżorsi u l-kontroll tagħhom u r-restrizzjonijiet li jiffaċċjaw meta mqabbla ma' xulxin" ara: EIGE, Gender mainstreaming, concepts and definitions

**Konsultazzjoni mal-utenti bi ħtiġijiet speċjali ta' mobilità fil-Belt ta' Rotterdam (In-Netherlands)**

**Objettiv tal-akkwist**

F'Rotterdam, 30 000 ċittadin bi bżonnijiet speċjali jagħmlu użu mis-servizzi tat-trasport. Hemm servizzi differenti disponibbli għal gruppi fil-mira differenti, li fil-passat wasslu għal servizzi frammentati u xi kultant insuffiċjenti. Il-Belt ta' Rotterdam iddeċidiet li tintegra s-servizzi kollha ta' mobilità, topera l-flotot tagħha b'mod aktar effiċjenti u, b'riżultat ta' dan, tipprovdi trasport li jaqdi l-ħtiġijiet tal-klijenti tagħha bl-aħjar mod.

**Approċċ**

Rotterdam wettqet riċerka komprensiva ffokata fuq il-klijenti sabiex tikxef il-ħtiġijiet mhux issodisfati u l-vjaġġi ta' klijenti li talbu soluzzjonijiet multidixxiplinari. Il-belt użat proċedura innovattiva ta' Akkwist ta' Impenn bil-Quddiem, li fiha hija kkomunikat il-ħtiġijiet soċjali tagħha u l-eżiti mixtieqa lis-suq qabel it-tnedija tas-sejħa għal offerti u qablet li tixtri s-servizz maħluq ġdid jekk jissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet. Il-proċess ta' djalogu mas-suq kien jinkludi rappreżentanti minn gruppi ta' utenti aħħarin li taw feedback dirett.

**Riżultati**

Il-kuntrattur rebbieħ huwa konsorzju ta' diversi partijiet mis-suq, inklużi SMEs, li issa qed jimplimenta servizz tat-trasport iffokat fuq l-utent b'mekkaniżmi għal titjib kostanti. Is-servizz joffri adattament għall-mobilità (inkluż baġit għall-mobilità personali), u għalhekk Rotterdam tista' tqis il-preferenzi u l-karatteristiċi personali tal-utenti fuq bażi ta' kuljum. Dan jipprovdi wkoll appoġġ personali u taħriġ għat-tagħlim sabiex il-klijenti jivvjaġġaw b'mod aktar indipendenti bl-għan li jżidu l-awtonomija tagħhom. Barra minn hekk, is-sewwieqa huma f'kuntatt dirett mal-organizzazzjonijiet tal-benesseri sabiex jimmonitorjaw u jwieġbu għall-ħtiġijiet tal-klijenti. Il-vetturi akkwistati huma kważi kompletament b'emissjonijiet żero (elettriċi), u l-investiment annwali jaqbeż iż-EUR 2 miljun f'redditu soċjali fuq l-investiment.

**Tagħlimiet meħuda**

Tissottovalutax il-kumplessità u r-riżorsi meħtieġa għal djalogu sinifikattiv. Ibda l-proċess kmieni sabiex tkun tista' tikseb l-informazzjoni kollha meħtieġa fid-dettall mingħand l-utenti u l-fornituri, ivvaluta l-aspetti legali tal-approċċ, u żgura li s-soluzzjoni personalizzata tkun qrib kemm jista' jkun tal-ħtiġijiet tal-utenti.

## Ħolqien ta' dikjarazzjoni dwar il-ħtiġijiet

Fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura matul il-konsultazzjoni mal-utenti, jenħtieġ li jkun possibbli li tiġi fformulata dikjarazzjoni sempliċi dwar il-ħtiġijiet, li tiddeskrivi r-raġuni għax-xiri u tieħu kont ta' kwalunkwe alternattiva għax-xiri.

Id-dikjarazzjoni dwar il-ħtiġijiet tista' tintuża kemm sabiex jiġi żviluppat l-argument għall-vijabbiltà għall-akkwist kif ukoll sabiex il-fornituri jiġu informati matul il-konsultazzjoni preliminari tas-suq u s-sejħa għal offerti. Il-partijiet ikkonċernati ewlenin, bħall-utenti tas-servizzi, iċ-ċittadini jew l-NGOs, jistgħu jintalbu jirrieżaminaw, jikkontestaw u japprovaw id-dikjarazzjoni tal-ħtiġijiet minn perspettiva soċjali.

***Prattika tajba***

— Agħmel il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet waħda mill-ewwel attivitajiet tal-proċess tal-akkwist tiegħek. Il-konsultazzjoni mal-kollegi u mal-utenti aħħarin tgħin sabiex tiżgura li int qed tixtri l-prodott jew is-servizz it-tajjeb, u b'mod li jista' jipprovdi eżiti soċjali pożittivi.

**Eżempju ta' SRPP f'Dikjarazzjoni dwar il-Ħtiġijiet**

L-akkwirent pubbliku jeħtieġ tiġdid ta' kuntratt ta' servizzi tat-tindif għat-tindif ta' kuljum tal-binjiet muniċipali kollha.

Sabiex jissodisfa l-impenji tal-politika soċjali tiegħu, wara konsultazzjoni mal-impjegati attwali u ma' partijiet ikkonċernati oħra, l-akkwirent pubbliku jeħtieġ li l-kuntratt jiġi eżegwit bil-kunsiderazzjonijiet soċjali li ġejjin:

— Remunerazzjoni ġusta tal-impjegati, inkluż għal kwalunkwe sahra maħduma;

— Progressjoni fil-karriera, inklużi taħriġ u tqassim tax-xogħol adattati għall-attendenza tal-korsijiet;

— Ibbilanċjar tal-impenji tax-xogħol/ tal-familja, bl-użu ta' kuntratti full-time u part-time bi tqassim tax-xogħol u b'xiftijiet li jqisu l-ħajja tal-familja;

— Is-saħħa okkupazzjonali, permezz tal-użu ta' prodotti tat-tindif li ma jagħmlux ħsara.

## 3.2 **Djalogu mas-Suq**

Qabel is-sejħa għal offerti, il-konsultazzjoni mas-suq tipikament tintuża sabiex jiġu identifikati fornituri potenzjali u prodotti u servizzi rilevanti. Il-fornituri jingħataw żmien u avviż sabiex iħejju għas-sejħa għal offerti; pereżempju, l-intrapriżi formali u soċjali jistgħu jifformaw sħubiji sabiex isaħħu l-eżiti soċjali.

Xi proċeduri – b'mod partikolari djalogi kompetittivi jew proċeduri kompetittivi permezz tan-negozjar, jistgħu jippermettu wkoll aktar opportunitajiet ta' djalogu mal-offerenti matul il-proċess tas-sejħa għal offerti. Wara sejħa għal offerti, l-offerenti jenħtieġ li jiġu offruti tagħrif dwar ir-riżultati u pariri dwar kif jistgħu jtejbu l-offerta soċjali tagħhom f'offerti futuri.

Id-djalogu mas-suq għall-SRPP jista':

— Jidentifika offerenti u soluzzjonijiet potenzjali b'impatti soċjali pożittivi;

— Jibni kapaċità fis-suq sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet u r-rekwiżiti soċjali;

— Jinforma t-tfassil tal-akkwist u tal-kuntratt sabiex il-kriterji soċjali jkunu rilevanti, marbuta mas-suġġett, ikunu jistgħu jintlaħqu u ma jkunux diskriminatorji;

— Jgħin lill-fornituri jissottomettu offerti li jkollhom elementi soċjali b'saħħithom; u

— Ipprovdi feedback lill-fornituri wara l-proċess.

Il-benefiċċji tad-djalogu mas-suq jinkludu ppjanar u ġestjoni mtejba tal-SRPP, speċjalment meta jitwettqu bħala parti minn proċess ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet. Dawn l-attivitajiet itejbu wkoll il-fehim mill-akkwirenti pubbliċi tal-kapaċità ta' offerenti potenzjali sabiex jilħqu l-għanijiet u l-ambizzjonijiet soċjali. Id-djalogu jista' jżid il-fiduċja u l-kredibbiltà tiegħek mal-fornituri, u ħafna jilqgħu l-opportunità li jirreaġixxu għar-rekwiżiti soċjali qabel it-tnedija tal-akkwist. Fi ftit kliem, id-djalogu mas-suq jista' jgħin sabiex jinħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex l-SRPP jiġi pprovdut kemm internament fi ħdan l-akkwirent pubbliku kif ukoll fis-suq.

### 3.2.1 ***Konsultazzjoni preliminari mas-suq***

Ir-regoli tal-UE jippermettu speċifikament konsultazzjoni preliminari mas-suq mal-fornituri, filwaqt li jiddikjaraw li ([73]): "Qabel ma jniedu proċedura ta' akkwist, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jwettqu konsultazzjonijiet dwar is-suq bil-ħsieb li jitħejja l-akkwist u jiġu infurmati l-operaturi ekonomiċi dwar il-pjanijiet tagħhom dwar l-akkwist u r-rekwiżiti." Huma jiddikjaraw ukoll li f'konsultazzjoni mas-suq tista' tfittex parir mingħand esperti indipendenti, awtoritajiet jew parteċipanti fis-suq, sakemm dan ma jkollux l-effett ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni u ma jirriżultax fi ksur tal-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u ta' trasparenza.

Fil-prattika, huwa kruċjali li jiġi żgurat li l-konsultazzjonijiet preliminari tas-suq jiġu ppubblikati b'mod trasparenti u ferm bil-quddiem. Barra minn hekk, kwalunkwe informazzjoni li tipprovdi lill-parteċipanti matul il-konsultazzjoni mas-suq issir disponibbli wkoll għal operaturi ekonomiċi oħra li ma jistgħux jipparteċipaw fil-konsultazzjoni tas-suq, u li jingħata żmien adegwat għas-sottomissjoni tal-offerti. L-akkwirenti pubbliċi għandhom ir-responsabbiltà li jiżguraw li l-offerenti kollha jiġu ttrattati b'mod ugwali fil-proċeduri ta' akkwist u, għalhekk, jenħtieġ li l-konsultazzjoni tas-suq ma tirriżultax f'vantaġġ jew fi żvantaġġ inġust għal offerent ([74]).

### 3.2.2 ***Tħejjija għal konsultazzjoni preliminari mas-suq***

L-ewwel pass ta' kwalunkwe proċess ta' konsultazzjoni preliminari mas-suq huwa li jiġi kkunsidrat x'jenħtieġ li jkunu l-eżiti tal-kuntratt tiegħek – inklużi l-eżiti soċjali. L-ifformar tat-tim it-tajjeb minn ġewwa l-organizzazzjoni tiegħek sabiex jidħol f'kuntatt mas-suq huwa attività preparatorja importanti wkoll. Involvi persunal tal-akkwist, persunal tekniku u maniġers u, fejn rilevanti, utenti aħħarin, kif ukoll esperti interni jew esterni b'għarfien speċjalizzat dwar l-elementi soċjali tal-kuntratt.

([73]) L-Artikolu 40 tad-Direttiva 2014/24/UE. Dispożizzjoni simili għall-kuntratti tal-utilitajiet hija mnaqqxa fl-Artikolu 58 tad-Direttiva 2014/25/UE.

([74]) F'xi każijiet, il-konsultazzjoni tas-suq qabel it-tnedija tas-sejħa għal offerti, filwaqt li għadha ta' benefiċċju għat-tħejjija tal-akkwist, tista' twassal għal distorsjonijiet inevitabbli tal-kompetizzjoni. Dan jista' jseħħ, pereżempju, meta twassal sabiex kompetitur wieħed jew aktar ikollu ċerti vantaġġi fuq offerenti prospettivi li ma kinux ħadu sehem fil-konsultazzjoni. F'dawn iċ-ċirkostanzi, jekk ma jkunux jistgħu jittieħdu miżuri anqas intrużivi sabiex jiġi pprovdut għal kompetizzjoni fuq l-istess livell (bħall-kondiviżjoni ta' ċerta informazzjoni mal-offerenti kollha jew formulazzjoni xierqa tal-kundizzjonijiet tas-sejħa għal offerti), jista' jkun meħtieġ li jiġu esklużi kandidati jew offerenti li kienu involuti fit-tħejjija tal-akkwist sabiex jiġu rrimedjati tali distorsjonijiet.

Imbagħad, analizza s-suq sabiex taħseb dwar kif il-fornituri jistgħu jissodisfaw il-ħtiġijiet soċjali għall-prodott, għas-servizz jew għax-xogħol ippjanat. Il-mistoqsijiet li għandhom jiġu kkunsidrati jinkludu:

— Is-suq huwa matur biżżejjed sabiex jissodisfa r-rekwiżiti soċjali? Il-fornituri eżistenti huma kapaċi jissodisfaw il-ħtiġijiet soċjali, jew hemm fornituri ġodda b'innovazzjonijiet soċjali diħlin fis-suq?

— Is-suq se jkun teknikament kapaċi jissodisfa r-rekwiżiti soċjali? Pereżempju, il-fornituri jistgħu jirreaġixxu għad-domandi għal informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-katina tal-provvista, jew għal klawżoli ta' benefiċċju komunitarju relatati mal-ħolqien ta' impjiegi? Dawn l-impenji kif se jiġu vverifikati u infurzati?

— Kemm-il fornitur jista' jipprovdi dak li huwa meħtieġ? Il-kapaċità tas-suq tfisser li se jkun hemm kompetizzjoni fis-sejħa għal offerti, jew id-domandi soċjali potenzjalment se jirrestrinġu l-offerti?

— Ir-rekwiżiti soċjali jistgħu jġibu lill-fornituri minn mudelli kummerċjali differenti, bħal organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali u intrapriżi soċjali, flimkien b'mod soċjalment innovattiv? Kieku dan kif jaħdem, u x'jista' jsir fit-tfassil tas-sejħa għall-offerti sabiex dan jiġi promoss?

— Il-fornituri joperaw b'mod differenti jew jipprovdu oġġetti jew servizzi oħra f'żoni ġeografiċi differenti, u dan kif ikun jaffettwa l-aspetti soċjali tal-offerta?

Ir-riċerka u l-analiżi dokumentarji tas-suq partikolari jistgħu jikxfu soluzzjonijiet soċjalment responsabbli li diġà jkunu disponibbli, jew il-fornituri jistgħu jkunu qed jiżviluppaw prodotti u approċċi ġodda li jistgħu jissodisfaw il-ħtiġijiet soċjali.

Fl-aħħar nett, qabel ma tikkonsulta s-suq direttament, tkellem mal-kollegi f'akkwirenti pubbliċi oħra sabiex issir taf x'qed jixtru sabiex jiġu indirizzati l-problemi soċjali, u t-tagħlimiet li kisbu. Il-fehim ta' x'jaħdem (jew x'ma jaħdimx) minn akkwirent pubbliku ieħor jista' jikkonvinċi wkoll lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u lill-kollegi aktar avversi għar-riskju sabiex jadottaw approċċ soċjali ġdid għall-akkwist.

### 3.2.3 *Kif tinvolvi s-suq*

Hemm diversi strateġiji u metodi għall-involviment tas-suq. Ħafna jiddependi fuq ir-riżorsi u miż-żmien disponibbli, u mil-livell ta' innovazzjoni soċjali meħtieġ.

***Kwestjonarji ta' sondaġġ tal-fornituri u tas-suq***

Il-kwestjonarji huma metodu utli u komparattivament rapidu ta' kif tinkiseb l-informazzjoni, u ta' kif jitkejlu l-livell ta' interess u l-kapaċità tal-fornituri sabiex jipprovdu soluzzjonijiet soċjali. Il-kwestjonarji jenħtieġ li jiġu rreklamati b'mod kemm jista' jkun mifrux, bl-istennija li tinkiseb parteċipazzjoni massima tal-fornitur.

L-analiżi tat-tweġibiet riċevuti jenħtieġ li tgħin sabiex jiġu żviluppati l-kamp ta' applikazzjoni u l-passi li jmiss tal-istrateġija u tal-proċess tal-akkwist. Oqgħod attent(a) li ma tużax id-*data* sabiex tagħti vantaġġ dirett jew indirett lil xi fornitur potenzjali, anki jekk mhux intenzjonalment. L-evitar trasparenti ta' vantaġġ bħal dan jenħtieġ li jkun objettiv ta' dan l-approċċ.

***Avviż ta' Informazzjoni minn Qabel (PIN)***

Avviż ta' Informazzjoni minn Qabel (PIN) huwa metodu tipiku sabiex is-suq jiġi pprovdut b'notifika bikrija tal-intenzjoni li jingħata kuntratt/qafas u jista' jintuża sabiex jinbeda eżerċizzju ta' konsultazzjoni mas-suq. PIN jiġi ppubblikat fuq is-sit web Tenders Electronic Daily (TED), sabiex jintlaħqu operaturi barra mir-reġjun ta' oriġini tiegħek, li jista' jkollhom approċċi differenti għall-aspetti soċjali.

PIN ma joħloq l-ebda obbligu sabiex tinbeda proċedura ta' akkwist u jingħata kuntratt, iżda fejn possibbli jenħtieġ li jkun fih dettalji u skedi ta' żmien għall-akkwist ippjanat, peress li dan jgħin fl-iffokar ta' moħħ il-parteċipanti. Kun żgur(a) li tiddikjara fil-PIN liema forma ta' rispons qed titlob mis-suq, kemm jekk il-mili ta' kwestjonarju, tweġibiet individwali jew parteċipazzjoni f'avveniment ta' konsultazzjoni mas-suq.

***Pjan ta' akkwist bil-quddiem***

Pjan ta' akkwist bil-quddiem jagħti lill-fornituri avviż bil-quddiem dwar l-opportunitajiet ta' kuntratt li ġejjin u jagħtihom iż-żmien sabiex jippjanaw u jħejju sabiex jissottomettu tweġibiet ta' kwalità tajba. Il-pjanijiet jistgħu jinkludu dikjarazzjoni tal-ħtiġijiet sabiex tiġi pprovduta informazzjoni aktar speċifika lill-fornituri dwar il-ħtiġijiet u r-rekwiżiti soċjali tiegħek.

***Avvenimenti ta' Laqgħa mal-Akkwirent / Laqgħa mal-Fornitur***

Avvenimenti fejn akkwirenti potenzjali jiltaqgħu ma' fornituri potenzjali jipprovdu forum fejn:

**Il-Belt ta' Haarlem (in-Netherlands) tikkonsulta s-suq dwar soluzzjonijiet tal-ICT soċjalment responsabbli**

**Objettivi tal-Akkwist**

Fl-2019, il-Belt ta' Haarlem ospitat avveniment "Laqgħa mal-Akkwirent" għall-fornituri u għar-rivendituri ta' prodotti u ta' servizzi tal-ICT. L-għan ta' din il-konsultazzjoni preliminari mas-suq kien li jiġi rrieżaminat ir-rispons tas-suq attwali u tiġi vvalutata l-prontezza tas-suq sabiex jiġu inklużi kriterji għall-għoti soċjalment responsabbli u klawżoli kuntrattwali f'sejħa għall-offerti futura ta' hardware tal-ICT.

**Approċċ**

Qabel l-avveniment, Haarlem talbet lill-fornituri kollha li xtaqu jipparteċipaw fil-Laqgħa mal-Akkwirent sabiex iħejju tweġibiet għal mistoqsijiet speċifiċi bil-quddiem. Dawn kienu jinkludi mistoqsijiet lill-fornituri dwar:

1. X'jeħtieġu li akkwirent pubbliku jipprovdi fid-dokumentazzjoni tas-sejħa għal offerti sabiex jinforma bis-sħiħ is-soluzzjonijiet proposti tiegħu għat-titjib tar-responsabbiltà fil-katina tal-provvista?
2. Xi standards relatati mar-responsabbiltà soċjali jenħtieġ li jistenna l-akkwirent pubbliku bħala l-minimu aċċettabbli minn fornitur kapaċi għal din is-sejħa għal offerti?
3. Ikunu lesti u kapaċi jiddivulgaw informazzjoni relatata mal-programm ta' responsabbiltà tal-fornitur tagħhom lill-akkwirenti pubbliċi fuq talba?
4. Id-data dwar il-prestazzjoni tax-xogħol u tad-drittijiet tal-bniedem tintuża sabiex jinkisbu deċiżjonijiet? Dan kif jista' jiġi vverifikat?
5. Il-kumpanija tagħhom, jew il-katina tal-provvista, qed jieħdu passi sabiex jindirizzaw l-impatti fuq il-ħaddiema u fuq id-drittijiet tal-bniedem matul il-fażi tal-estrazzjoni tal-produzzjoni? Għal darb'oħra, dan kif jista' jiġi vverifikat?
6. Għandhom katina tal-provvista li tista' a) tissodisfa r-rekwiżiti kollha u b) tiġi mmobilizzata pjuttost malajr wara l-għoti tal-kuntratt?

Il-format tal-avveniment ipprovda lill-fornituri bl-opportunità li jipprovdu "pitch slams", li tfisser preżentazzjonijiet qosra bl-għan li jinformaw lill-akkwirenti pubbliċi dwar is-sitwazzjoni attwali u x'jista' jkun possibbli bħala tweġiba għas-sejħa għal offerti li ġejja. Element ewlieni tal-avveniment kien World Café Session, li tipprovdi lill-akkwirenti u lill-fornituri pubbliċi opportunità għal diskussjoni fil-fond diretta dwar it-temi mqajma matul il-jum. F'dan il-każ, akkwirenti pubbliċi oħra ġew mistiedna jattendu u jospitaw mejda għall-iskambji mal-fornituri, u b'hekk ġie mmoltiplikat l-effett tal-involviment.

**Riżultati**

Bil-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar is-sejħa għal offerti li jmiss ta' Haarlem u tal-mistoqsijiet ewlenin relatati qabel il-Laqgħa mal-Akkwirent, il-fornituri u r-rivendituri setgħu jħejju minn qabel. Dan huwa importanti b'mod speċjali għal setturi bi ktajjen tal-provvista kumplessi kif ukoll bi kriterji mill-aktar avvanzati, peress li rappreżentant ta' fornitur ma jistax ikun mistenni li jkollu ħarsa ġenerali sħiħa lejn l-operazzjonijiet. Il-World Café rriżultat f'għarfien ġdid għal Haarlem rigward is-sejħa għal offerti li jmiss, mhux biss billi ħeġġet il-kriterji l-ġodda għar-responsabbiltà soċjali iżda kkombinathom ma' mudell ta' akkwist ċirkolari wkoll.

**Tagħlimiet meħuda**

L-avvenimenti Laqgħa mal-Akkwirent ikunu l-aktar ta' suċċess meta l-akkwirent ikollu objettiv ċar jew ħtieġa identifikata li jiddiskuti mas-suq. Dan jenħtieġ li jiġi kkomunikat minn qabel sabiex il-fornituri jkunu jistgħu jikkunsidraw il-pożizzjoni tagħhom stess. Ipprova sib bilanċ bejn l-għoti ta' informazzjoni, li tista' tiffoka d-diskussjoni ta' dakinhar, u li ma tgħabbix b'wisq informazzjoni lill-fornituri. Sabiex tirċievi għarfien importanti, ipprovdi spazju ddedikat għall-iskambju dirett u mhux biss sessjonijiet ta' stil plenarju.

— L-akkwirenti jistgħu jiddiskutu l-ħtiġijiet tagħhom, inklużi r-rekwiżiti soċjali;

— Il-fornituri jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar il-prodotti u s-servizzi tagħhom, u kif jistgħu jeżegwixxi l-kuntratti b'mod soċjalment responsabbli; u

— Partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, bħas-sħab soċjali jew l-NGOs, jistgħu jipprovdu kontribut espert.

Ħafna akkwirenti pubbliċi jorganizzaw avvenimenti "Laqgħa mal-Akkwirent", fejn il-fornituri jkunu mistiedna jattendu open day u jiltaqgħu mal-persuni responsabbli għax-xiri ta' oġġetti u ta' servizzi speċifiċi. Il-fornituri jistgħu jsiru jafu aktar dwar l-opportunitajiet ta' kuntratt u jiżviluppaw fehim aħjar tal-politiki u tal-proċeduri ta' akkwist. F'xi każijiet, il-fornituri jistgħu jintalbu wkoll jippreżentaw is-soluzzjonijiet u l-approċċi tagħhom.

### 3.2.4 *Djalogu matul u wara l-proċedura tal-għoti*

***Djalogu mal-fornituri matul sejħa għal offerti***

Filwaqt li hija meħtieġa attenzjoni għall-komunikazzjoni mal-offerenti matul il-proċess tal-akkwist formali, għadu possibbli li l-offerenti jiġu involuti f'aspetti soċjali tas-sejħiet għal offerti tagħhom. Dan huwa partikolarment minnu għal ċerti proċeduri bħad-djalogu kompetittiv, għal proċedura kompetittiva permezz tan-negozjar, jew għal proċeduri taħt ir-reġim anqas strett (ara t-Taqsimiet 3.4 u 4.1.1). F'dawn il-proċeduri, jista' jkun possibbli li jittejbu l-aspetti soċjali tal-offerti inizjali tal-offerenti, billi jiġi pprovdut feedback fuq il-bażi tal-kriterji għall-għoti għall-offerta.

**Involviment tas-suq għall-ilbies tax-xogħol soċjalment responsabbli f'Ghent (Il-Belġju)**

**Objettiv tal-akkwist**

Fl-2014, il-belt ta' Ghent aġġornat il-politika tal-akkwist tagħha sabiex tinkludi għanijiet soċjali bħat-tħeġġiġ ta' impjieg ta' gruppi żvantaġġati, it-trawwim tat-tkabbir ekonomiku lokali u l-integrazzjoni ta' standards internazzjonali u ta' prinċipji tal-kummerċ ġust. Fl-2016, Ghent, flimkien mal-Assoċjazzjoni tal-Bliet u tal-Muniċipalitajiet ta' Fjammingi (VSG), bdiet missjoni għall-akkwist ta' lbies tax-xogħol miksub b'mod aktar ġust. L-objettivi ewlenin kienu li jiġu integrati garanziji rigward konvenzjonijiet internazzjonali tax-xogħol u li tiżdied it-trasparenza tul il-katina tal-provvista tat-tessuti.

**Approċċ**

Ghent wettqet l-akkwist fi tliet fażijiet: l-ewwel saret analiżi ta' sejħiet għal offerti pubbliċi preċedenti, li fittxet l-aħjar prattiki fir-reġjun tal-Flanders fir-rigward tal-inkorporazzjoni tas-sostenibbiltà fl-ispeċifikazzjonijiet għall-ilbies tax-xogħol. It-tieni, Ghent u VVSG wettqu studju estensiv tas-suq li vvaluta l-istat ta' tħejjija tas-suq, it-trasparenza tal-ktajjen tal-provvista u l-potenzjal ta' tikketti fis-settur, u ġabru l-fehmiet tal-fornituri dwar id-domanda sostenibbli u l-użu ta' klawżoli soċjali fl-akkwist pubbliku. Ghent irrealizzat li s-suq ma kienx lest li jipprovdi l-livell ta' prestazzjoni ambjentali u soċjali meħtieġ u, għalhekk, fit-tielet fażi, ħolqot Sett ta' Għodod għal Ilbies tax-Xogħol Soċjalment Sostenibbli għall-fornituri li jipprovdilhom gwida sabiex jagħmlu titjib matul il-kuntratti. Il-belt qasmet il-ftehim qafas f'ħames lottijiet li kienu jeħtieġu livelli differenti ta' prestazzjoni soċjali u ambjentali, bis-sett ta' għodod li jiddefinixxi kull livell, u l-provi li l-offerenti kellhom jissottomettu. Is-sett ta' għodod jiddeskrivi wkoll il-vjaġġ lejn ilbies tax-xogħol miksub b'mod aktar responsabbli, li l-fornituri jimpenjaw ruħhom għalih permezz ta' klawżoli kuntrattwali.

**Riżultati**

Fejn possibbli, l-ilbies tax-xogħol akkwistat issa jkun magħmul minn qoton organiku u ta' kummerċ ġust, u minn poliester riċiklat. Il-maturità tal-kunsiderazzjonijiet soċjali tvarja skont il-kategorija tal-ħwejjeġ u ġew ifformulati ambizzjonijiet differenti. It-trasparenza fil-katina tal-provvista ntalbet mill-fornituri, iżda f'kategorija minnhom din it-trasparenza marret lil hinn minn f'oħrajn. B'mod ġenerali, l-għan kien li l-kuntrattur jiġi attivat sabiex jipparteċipa fi proċess ta' titjib kontinwu tal-kundizzjonijiet soċjali matul il-qafas. Il-prestazzjoni tal-fornitur tiġi vverifikata minn partijiet terzi, li jaħdmu fi sħubija ma' Ghent sabiex iwasslu titjib.

**Tagħlimiet meħuda**

Is-suq lest li jikkoopera sabiex itejjeb kontinwament il-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-katina tal-provvista, iżda l-fornituri jeħtieġ li jkunu involuti, stimolati u appoġġati sabiex jagħmlu dan. Il-klawżoli kuntrattwali huma biss parti mis-soluzzjoni; sabiex jirnexxu, id-djalogu u s-sħubija mal-fornituri huma essenzjali, u dawn jenħtieġ li jibdew qabel ma titnieda l-offerta u jkomplu matul l-eżekuzzjoni ta' kuntratt.

***Debrief tal-fornituri wara s-sejħa għal offerti***

Ipprovdi debriefing lill-offerenti mhux magħżula wara sejħa għal offerti sabiex tinformahom bir-raġunijiet għaliex il-proposta tagħhom ma ntgħażlitx u spjega kif marret fid-dawl tal-kriterji soċjali. Debrief jista' jindirizza t-tħassib tal-offerent, jiġbor feedback dwar il-proċess tal-akkwist (inklużi l-kriterji soċjali), u jħeġġeġ lill-fornituri jtejbu l-offerta soċjali tagħhom għall-opportunità tal-akkwist li jkun imiss. Barra minn hekk, "rieżami tal-kuntratt rebbieħ" mal-fornitur magħżul tista' tinvolvi diskussjoni tal-aspetti b'saħħithom u tad-dgħufijiet tal-elementi soċjali tal-offerta, u tal-implimentazzjoni u tal-monitoraġġ matul il-kuntratt.

### 3.2.5 *Ġestjoni tar-riskji fid-djalogu mas-suq*

Wettaq djalogu mas-suq b'attenzjoni u b'tali mod li dan ma jkunx ta' xkiel għall-kompetizzjoni. Ir-riskji potenzjali jinkludu:

— L-għoti ta' vantaġġ inġust lil fornitur wieħed, eż. billi l-ispeċifikazzjoni tiġi fformata favur fornitur jew soluzzjoni potenzjali waħda;

— L-involviment b'mod li joħloq żvantaġġ lil fornitur wieħed jew aktar; jew

— In-nuqqas ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ta' fornitur jew ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva.

Passi sabiex jiġu megħjuna l-ġestjoni tar-riskji involuti fid-djalogu tas-suq jinkludu:

— Ippjanaw ta' kif u meta jsir l-involviment mas-suq;

— Agħmel il-proċess ċar għall-fornituri kollha u mmaniġġja l-aspettattivi;

— Tratta lill-fornituri kollha b'mod ugwali – tiddiskriminax;

— Ikkondividi l-istess informazzjoni mal-fornituri kollha;

— Żomm rekords tal-laqgħat;

— Ara li l-istess informazzjoni tkun disponibbli bħala parti mid-dokumenti tal-akkwist; u

— Agħti biżżejjed żmien sabiex jiġu sottomessi l-offerti – inkluż minn dawk mhux involuti fil-konsultazzjoni mas-suq.

Il-konsultazzjoni mas-suq tista' tinħass diffiċli, iżda l-gwadanji soċjali jistgħu jkunu sinifikanti jekk il-proċess jirnexxielu jifforma b'mod trasparenti s-suq sabiex jipprovdi soluzzjonijiet ġodda li ġenwinament jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-utenti.

***Prattiki tajbin***

— Ara li tagħmel riċerka dwar is-suq qabel ma tinvolvi lill-fornituri. Aktar ma jkollok għarfien dwar l-innovazzjonijiet soċjali u l-possibbiltajiet għal titjib, aktar tidher realistika id-dikjarazzjoni dwar il-ħtiġijiet tiegħek, li twassal għal djalogu produttiv u rilevanti.

— Djalogu effettiv dwar is-suq jista' jieħu ż-żmien u r-riżorsi, iżda hemm għażliet differenti disponibbli. Ikkunsidra l-metodu li jkun proporzjonat għall-mezzi tiegħek, għad-daqs u għall-valur tal-akkwist, u r-riskji soċjali involuti.

## 3.3 **X'Tip ta' Kuntratt?**

Id-disinn tal-kuntratt jista' jkollu rwol kruċjali fid-determinazzjoni tal-impatt soċjali tal-akkwist.

**Daqs u durata tal-kuntratt**

Żgura li d-daqs tal-kuntratt ma jkunx ostaklu għall-parteċipazzjoni minn organizzazzjonijiet li jistgħu joffru valur soċjali, inklużi l-SMEs, l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali u l-intrapriżi soċjali. Kuntratti iżgħar, inkluż il-qsim tal-kuntratti f'lottijiet, jistgħu jiffaċilitaw l-aċċess minn organizzazzjonijiet li diġà huma attivi fit-twassil ta' benefiċċji soċjali, peress li d-daqs jista' jkun aktar adattat għall-kapaċitajiet ta' produzzjoni tagħhom. Madankollu, kuntratti li huma żgħar wisq jistgħu jillimitaw il-medda ta' kompetituri u jirrestrinġu l-ambitu għall-investiment fl-eżiti soċjali. Kun af li huwa pprojbit li taqsam kuntratt bl-effett li jiġu evitati l-obbligi tal-UE, sakemm dan ma jkunx iġġustifikat b'mod oġġettiv ([75]).

([75]) L-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 2014/25/UE, l-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 2014/23/UE.

Id-durata tal-kuntratt jista' jkollha wkoll rwol sinifikanti fid-determinazzjoni tal-ambitu għal redditi soċjali. Kuntratti qosra, ta' sena jew anqas, jistgħu jagħmluha diffiċli għall-kuntrattur sabiex jinvesti u jipprovdi eżiti soċjali. Dan huwa partikolarment minnu jekk ikunu qed jiġu introdotti metodi jew sistemi ġodda, pereżempju, sabiex jiġu mmonitorjati d-drittijiet tal-bniedem tul il-katina tal-provvista jew sabiex jitharreġ persunal li qabel kien qiegħed. Inizjattivi bħal dawn jieħdu ż-żmien sabiex jieqfu u juru r-riżultati, u b'hekk għandek tikkunsidra dan meta tiddeċiedi dwar it-tul tal-kuntratt. Jekk id-durata tal-kuntratt ma tkunx biżżejjed, din tista' taffettwa b'mod negattiv ukoll il-kwalità u l-kontinwità ta' servizz. Din jista' jkollha effetti detrimentali fuq ċerti benefiċjarji tas-servizzi (bħal persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli). Approċċ minnhom huwa li t-tiġdid/l-estensjoni tal-kuntratti jsiru kondizzjonali fuq il-kisba ta' eżiti soċjali speċifiċi, kif ukoll prestazzjoni sodisfaċenti ġenerali.

## Użu ta' lottijiet

Ir-regoli tal-UE jenfasizzaw il-possibbiltà li l-kuntratti jinqasmu f'lottijiet u jirrikjedu li l-akkwirenti pubbliċi jispjegaw fejn tittieħed id-deċiżjoni sabiex dan ma jsirx ([76]). L-użu ta' lottijiet fi ħdan l-SRPP jista' jiżgura li operaturi iżgħar, organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali jew intrapriżi soċjali jkunu jistgħu jikkompetu – peress li jaf ma jkunux jistgħu jissodisfaw l-aspetti kollha ta' kuntratt kbir. Huwa possibbli wkoll li jiġi llimitat in-numru ta' lottijiet mogħtija lil kwalunkwe offerent uniku, fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, stabbiliti minn qabel ([77]). L-użu tal-lottijiet jista' jgħinek tiżgura li diversi organizzazzjonijiet ikunu involuti fit-twassil ta' benefiċċji soċjali.

L-akkwirenti pubbliċi jistgħu jiddeċiedu kif jiddefinixxu l-lottijiet, pereżempju skont:

— It-tip ta' riżultat;

— Id-daqs tal-kuntratti individwali; jew

— Iż-żona ġeografika tal-konsenja.

Il-konsultazzjoni preliminari mas-suq (ara t-taqsima 3.2) tista' tipprovdilek informazzjoni dwar kif taqsam il-lottijiet b'mod li jkun adattat għas-suq u tiġġieġ l-aħjar valur għall-flus.

Tista' taċċetta offerti għal lottijiet ikkombinati kif ukoll għal lottijiet individwali. Fl-ewwel każ, trid tispeċifika fl-avviż dwar kuntratt liema lottijiet jistgħu jiġu kkombinati. Għall-kuntrarju, tista' tagħżel li tillimita n-numru ta' lottijiet li għalihom fornitur jista' jagħmel offerta, u n-numru massimu ta' lottijiet li kwalunkwe fornitur wieħed jista' jirbaħ.

Id-deċiżjoni li ma jingħatax kuntratt f'lottijiet tista' tkun xierqa fejn il-lottijiet jistgħu:

— Jirrestrinġu l-kompetizzjoni;

— Jirriskjaw li jagħmlu l-eżekuzzjoni tal-kuntratt teknikament diffiċli jew għalja b'mod eċċessiv; jew

— Ifixklu l-eżekuzzjoni tal-kuntratt permezz tal-ħtieġa li jiġu kkoordinati kuntratturi differenti għal-lottijiet.

## Għażla ta' ftehim jew ta' kuntratt qafas

Mod minnhom ta' kif tiżdied l-effiċjenza tas-sejħiet għal offerti filwaqt li jiġi implimentat l-SRPP huwa li jingħataw ftehimiet ta' qafas. Ftehim ta' qafas jista' jiġi stabbilit ma' operatur wieħed jew aktar, u jippermetti li jingħataw kuntratti multipli, mingħajr ma jiġi rripetut il-proċess kollu tal-akkwist. Il-ftehimiet ta' qafas jistgħu jikkontribwixxu għall-SRPP billi jippermettu flessibbiltà akbar fl-għoti ta' kuntratti, u jistgħu jżidu wkoll l-inċentivi għall-fornituri sabiex joffru soluzzjonijiet b'redditi soċjali ogħla, minħabba l-potenzjal li jintrebħu diversi kuntratti u, għalhekk, tiġi rkuprata kwalunkwe spiża addizzjonali involuta fl-implimentazzjoni ta' dawn is-soluzzjonijiet.

Il-KAPITOLU 5 fih aktar informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-SRPP permezz ta' termini ta' qafas u ta' kuntratt, inklużi dawk relatati mas-sottokuntratturi.

### *Prattika tajba*

— Ikkunsidra fi stadju bikri kif it-tip u d-durata tal-kuntratt jistgħu jaffettwaw il-valur soċjali tal-offerta. Int tista' titlob lill-fornituri, bħala parti mill-konsultazzjoni mas-suq tiegħek, liema tip ta' kuntratt jew ta' ftehim qafas ikun l-aħjar sabiex jippermettilhom jiksbu l-eżiti soċjali.

([76]) Il-Premessa 78 u l-Artikolu 46(1) tad-Direttiva 2014/24/UE, il-Premessa 87 u l-Artikolu 65(1) tad-Direttiva 2014/25/UE. Il-gvernijiet nazzjonali jistgħu jagħżlu wkoll li jagħmlu l-qsim tal-kuntratti f'lottijiet obbligatorju għal ċerti tipi ta' kuntratti.

([77]) L-Artikolu 46(2) tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 65(2) tad-Direttiva 2014/25/UE.

### 3.4 Għażla ta' Proċedura

Id-Direttivi 2014/24/UE u 2014/25/UE jipprovdu għażla bejn ħames proċeduri ta' akkwist ([78]):

— Proċedura Miftuħa – l-offerti jistgħu jiġu sottomessi minn kwalunkwe operatur;

— Proċedura Ristretta – jintgħażlu tal-anqas ħames offerenti sabiex jissottomettu offerti fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi;

— Proċedura Kompetittiva permezz tan-Negozjar – jintgħażlu tal-anqas tliet offerenti sabiex jissottomettu offerti fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi; l-offerti jistgħu jiġu nnegozjati;

— Djalogu Kompetittiv – jintgħażlu tal-anqas tliet kandidati sabiex jipprovdu soluzzjonijiet ibbażati fuq deskrizzjoni tar-rekwiżiti tal-akkwirent pubbliku; u

— Sħubija għall-Innovazzjoni – jintgħażlu tal-anqas tliet kandidati sabiex jiżviluppaw u jfornu oġġetti jew servizzi li għadhom ma jeżistux fis-suq, bl-użu ta' struttura kuntrattwali mqassma f'fażijiet.

Kun af li skont id-Direttiva 2014/24/UE, il-proċedura kompetittiva permezz tan-negozjar u d-djalogu kompetittiv jistgħu jintużaw biss f'sitwazzjonijiet speċifiċi ([79]), u fi kwalunkwe każ, jenħtieġ li tistieden numru ta' kandidati li jiżgura kompetizzjoni ġenwina. L-SRPP huwa possibbli fi kwalunkwe waħda minn dawn il-proċeduri, iżda l-approċċ preċiż jista' jvarja skont dak li jintgħażel.

Fi proċedura miftuħa, kwalunkwe fornitur jista' jagħmel offerta, iżda int tista' tevalwa l-kapaċità teknika u professjonali (inkluża esperjenza preċedenti) fuq bażi ta' suċċess/falliment qabel jew inkella wara l-evalwazzjoni tal-offerti. Proċeduri f'diversi stadji (jiġifieri, kollha ħlief il-proċedura miftuħa) joffru l-opportunità li jintgħażlu offerenti minn qabel fuq il-bażi ta' kriterji, li jistgħu jinkludu l-kapaċità li jiġu ssodisfati l-aspetti soċjali tal-kuntratt. Il-KAPITOLU 4 fih aktar informazzjoni dwar l-evalwazzjoni tal-kapaċità teknika u professjonali fl-SRPP.

**Użu ta' djalogu mal-offerenti: Sejħa għal offerti għall-indukrar matul il-jum għal adulti bi bżonnijiet kumplessi**

**Objettivi tal-akkwist**

L-iScottish Borders Council ried jevolvi s-servizzi ta' indukrar ta' matul il-jum tiegħu għal adulti bi ħtiġijiet kumplessi. Il-Kunsill irrieżamina s-servizzi, inkluża konsultazzjoni mal-utenti, u kellu l-għan li jtejjeb il-personalizzazzjoni u l-flessibbiltà tas-servizzi tal-kura sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet individwali. L-isfida għall-Kunsill kienet li jattira firxa ta' fornituri possibbli, inklużi organizzazzjonijiet bħall-intrapriżi soċjali, sabiex jagħmlu offerti għal dan it-tip ġdid ta' kuntratt flessibbli, minħabba l-grupp limitat ta' fornituri potenzjali.

**Approċċ**

Il-Kunsill l-ewwel uża proċess ta' akkwist standard, iżda l-ebda offerta ma ssodisfat ir-rekwiżiti għal twassil flessibbli tas-servizzi xierqa. Imbagħad żviluppa approċċ li kien jinkludi sessjonijiet ta' djalogu ma' diversi fornituri tas-settur terz. It-tim tal-akkwist ġabar pakkett ta' informazzjoni li spjega l-proċess u pprovda bażi għal diversi sessjonijiet ta' djalogu ma' kull fornitur li saru fuq perjodu ta' xahar. Il-fornituri tħallew jippreżentaw il-pjanijiet tagħhom lill-utenti tas-servizzi u lil dawk li jindukraw. Dan id-djalogu ppermetta lill-partijiet ikkonċernati jinvolvu ruħhom ma' fornituri potenzjali sabiex jifhmu u jikkontribwixxu għall-ispeċifikazzjoni finali tas-sejħa għal offerti. Il-mudell finali koprodott ġie diskuss ma' kull min kien involut u mbagħad tressaq fl-aħħar parti tal-proċess tal-akkwist. Is-sejħiet għal offerti li rriżultaw ġew evalwati u ngħata kuntratt.

**Riżultati**

Il-mudell ta' koproduzzjoni rriżulta f'aktar offerti u f'offerti ta' kwalità ogħla, b'rispons aħjar milli kien mistenni fil-bidu. L-offerta rriżultat fit-tnaqqis fin-numru ta' persuni li jivvjaġġaw barra miż-żona tagħhom sabiex jaċċessaw servizzi ta' kura u gwadann fl-effiċjenza ta' £200 000 fuq ħames snin miksuba permezz tal-mudell tal-akkwist. Il-kuntratt iddefinixxa wkoll id-dmir tal-kuntratturi li jipprovdu s-servizzi b'mod li japplika għall-utenti aħħarin kollha, filwaqt li jiżgura li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet individwali, kif ukoll ir-rekwiżiti tal-Kunsill.

([78]) Ara l-Kapitolu I tad-Direttiva 2014/24/UE (b'mod partikolari l-Artikoli 26-31), il-Kapitolu I tad-Direttiva 2014/25/UE (b'mod partikolari l-Artikoli 44-49).

([79]) L-Artikolu 26(4) tad-Direttiva 2014/24/UE. Skont id-Direttiva 2014/25/UE, id-djalogu kompetittiv u l-proċedura nnegozjata b'pubblikazzjoni minn qabel jistgħu jintużaw mingħajr ġustifikazzjoni speċjali.

**Tagħlimiet meħuda**

L-involviment kollettiv tal-fornituri, tal-partijiet ikkonċernati u tal-Kunsill ħoloq benefiċċji pożittivi li qabżu l-aspettattivi. B'mod partikolari, ikkonvinċa lill-individwi b'diżabilità fit-tagħlim u lill-persuni li jindukrawhom matul il-proċess kollu u ħoloq is-sjieda tas-servizz il-ġdid. Il-proċess flessibbli u ta' koproduzzjoni pprovda opportunitajiet sinifikanti għall-fornitur tat-tielet settur sabiex jinvolvi ruħu ma' persuni li jużaw is-servizz u għen sabiex jinforma s-sottomissjoni tas-sejħa għal offerti. Kif spjega l-fornitur: "L-opportunità li niltaqgħu mal-familji u mal-kummissarji fi stadju bikri ppermettielna nissodisfaw aħjar il-ħtiġijiet speċifiċi tal-grupp ta' klijenti identifikat".

Id-daqs tas-suq rilevanti li joffri soluzzjonijiet soċjalment responsabbli, is-suġġett speċifiku u l-ambitu tal-akkwist previst, kif ukoll il-kumplessità tiegħu, jistgħu jinformaw ukoll l-għażla tal-proċedura. Jekk ikun akkwist pjuttost sempliċi u standard u numru żgħir biss ta' fornituri jistgħu jipprovdu l-prodott/is-servizz, proċedura miftuħa tista' tkun effiċjenti. Min-naħa l-oħra, il-proċedura ristretta tista' tkun aktar konvenjenti f'każ li l-prodott/is-servizz ikun jeħtieġ kapaċitajiet finanzjarji u tekniċi importanti u jista' jiġi pprovdut minn numru kbir ta' fornituri, peress li mbagħad int tkun tista' tistabbilixxi n-numru massimu ta' kandidati li se jiġu mistiedna jipparteċipaw ([80]). Jekk l-ambitu speċifiku tal-kuntratt ikun aktar kumpless, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ma jkunux jistgħu jiġu stabbiliti bi preċiżjoni suffiċjenti jew ikunu meħtieġa soluzzjonijiet innovattivi, inti tista' tippreferi tuża l-proċedura kompetittiva permezz tan-negozjar jew djalogu kompetittiv, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-aċċess tagħhom. Il-limiti ta' żmien minimi għal kull proċedura huma stabbiliti fid-direttivi. Dawn huma soġġetti għal rekwiżit ġenerali li jippermetti żmien adegwat ibbażat fuq il-kumplessità tal-kuntratt ([81]). Meta jiġu stabbiliti l-limiti ta' żmien, ikkunsidra l-kwalità u l-kumplessità tat-tweġibiet mistennija – perjodi qosra ta' sejħiet għal offerti jistgħu xi drabi jkunu kontroproduċenti jekk dan ifisser li jrid jitqatta' aktar żmien sabiex jiġu ċċarati s-sottomissjonijiet.

Xi akkwirenti pubbliċi jistgħu jibżgħu li l-SRPP se jagħmilha aktar diffiċli għall-offerenti li jwieġbu għall-ta' sejħa għall-offerti u jinkwetaw li mhux se jirċievu offerti validi. Mod wieħed kif jiġi indirizzat dan it-tħassib huwa permezz ta' konsultazzjoni mas-suq, diskussa aktar 'il fuq. Xi proċeduri jippermettu aktar interazzjoni mal-offerenti, li tista' tintuża wkoll sabiex jiġi żgurat rispons tajjeb għall-kriterji soċjali. Pereżempju, fi proċedura kompetittiva permezz tan-negozjar, huwa possibbli li jiġu nnegozjati aspetti tal-prestazzjoni soċjali (aktar minn kwalunkwe rekwiżit minimu stabbilit) u l-arranġamenti ta' rapportar li se japplikaw. Il-proċeduri ta' djalogu kompetittiv u ta' sħubija għall-innovazzjoni jistgħu jgħinu sabiex jiġu indirizzati problemi soċjali kumplessi billi jippermettu lill-offerenti jiżviluppaw u jirfinaw soluzzjonijiet ġodda.

Skont id-Direttiva 2014/24/UE, id-djalogu kompetittiv jew il-proċedura kompetittiva permezz tan-negozjar jistgħu jintużaw meta s-suq ma jkunx jista' jissodisfa l-ħtiġijiet tal-akkwirent pubbliku mingħajr l-adattament ta' soluzzjonijiet faċilment disponibbli, jew jekk ikunu meħtieġa disinn addizzjonali jew soluzzjonijiet innovattivi ([82]). Huwa possibbli wkoll li dawn il-proċeduri jintużaw għal kuntratti koperti mir-reġim anqas strett, li jistgħu jippermettulek flessibbiltà proċedurali akbar (ara t-Taqsima 4.2).

Dawn il-proċeduri jistgħu jirriżultaw f'innovazzjoni soċjali u f'fehim aħjar tal-possibbiltajiet għal valur soċjali miżjud, iżda jirrikjedu l-impenn ta' riżorsi u ta' għarfien espert sabiex jiġu mmaniġġjati. Soluzzjoni aktar sempliċi tista' tkun li ssir konsultazzjoni preliminari tas-suq qabel proċedura miftuħa jew ristretta.

Fl-aħħar nett, l-akkwist prekummerċjali (jew PCP) ([83]) jista' jkun ta' għajnuna f'każijiet fejn ikollok bżonn tiżviluppa soluzzjonijiet innovattivi sabiex tindirizza l-ħtiġijiet tiegħek, inkluż fejn ikunu involuti l-għanijiet soċjali ([84]). Il-PCP jippermetti lill-akkwirenti pubbliċi jqabblu approċċi ta' soluzzjoni potenzjali alternattivi, u jagħżel l-aktar wieħed adattat sabiex jindirizza ħtieġa pubblika speċifika. L-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jużawh sabiex jixtru r-riċerka u l-iżvilupp minn diversi fornituri kompetituri b'mod parallel sabiex iqabblu approċċi ta' soluzzjoni alternattiva u jidentifikaw soluzzjonijiet tal-aħjar valur għall-flus.

([80]) L-Artikolu 65 tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 46 tad-Direttiva 2014/25/UE.
([81]) L-Artikolu 47 tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 66 tad-Direttiva 2014/25/UE, l-Artikolu 39 tad-Direttiva 2014/23/UE.
([82]) L-Artikolu 26(4) tad-Direttiva 2014/24/UE. Skont id-Direttiva dwar l-Utilitajiet, id-djalogu kompetittiv u l-proċedura nnegozjata b'pubblikazzjoni minn qabel jistgħu jintużaw mingħajr ġustifikazzjoni speċjali.
([83]) Il-PCP huwa eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku (ara l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikolu 32 tad-Direttiva 2014/25/UE). Il-PCP ma jkoprix l-użu ta' produzzjoni fuq skala kbira għal volumi kummerċjali ta' prodotti finali, li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku. Għal aktar informazzjoni dwar il-PCP, il-vantaġġi u l-limitazzjonijiet tiegħu, jekk jogħġbok ara https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/pre-commercial-procurement
([84]) Għal eżempju konkret ta' kif il-PCP jista' jintuża sabiex jiġu pprovduti servizzi ta' indukrar lil aktar utenti, ara https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/bioservo-technologies-gives-humans-robotic-super-strength-cyborgs

***Prattiki tajbin***

— Meta tiddeċiedi dwar il-proċedura, qis il-fatturi tal-SRPP, inkluża l-kapaċità attwali tas-suq li jissodisfa r-rekwiżiti soċjali tiegħek u l-kwalità u l-kwantità mistennija tal-offerti.

— Proċeduri flessibbli jistgħu jgħinu sabiex jiżguraw rispons tajjeb għall-kriterji soċjali billi jippermettu aktar interazzjoni mal-offerenti.

## 3.5 **Definizzjoni u Kontestazzjoni tal-Ispeċifikazzjonijiet**

Peress li l-ispeċifikazzjonijiet jistgħu jiddeterminaw l-ambitu għall-SRPP f'kuntratt partikolari, kif ukoll jaffettwaw il-medda ta' kompetituri, huwa essenzjali li dawn ikunu tajbin. Il-fatt li l-partijiet ikkonċernati jitħallew jikkummentaw dwar l-abbozzi ta' speċifikazzjonijiet bħala parti mill-konsultazzjoni mas-suq huwa mod wieħed kif dan jista' jsir. Proċess intern ta' kontestazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet jista' jkun utli wkoll.

It-Taqsima 4.4 tħares lejn l-użu ta' speċifikazzjonijiet ibbażati fuq il-prestazzjoni jew l-output għall-SRPP. Meta wieħed imur lil hinn minn speċifikazzjoni teknika ristretta għal prodott jew għal servizz u jesprimi r-rekwiżiti f'termini funzjonali jistgħu jinkisbu innovazzjonijiet soċjali u ideat ġodda mis-suq. Pereżempju, billi jiġu speċifikati:

— Trasport kompletament aċċessibbli għall-persuni kollha, inklużi dawk b'diżabilità, minflok xarabanks b'aċċess għas-siġġijiet tar-roti;

— Arkitettura aċċessibbli li tindirizza l-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabilità, minflok ma tiffoka fuq tip wieħed biss, bħal pereżempju s-sinjali fil-binjiet bl-użu tal-Braille jew ta' sistemi tal-awdjo; jew

— It-trasparenza tal-ktajjen tal-provvista u proċess għall-monitoraġġ tad-drittijiet tax-xogħol għall-prodott offrut, minflok ma tkun meħtieġa biss il-konformità mal-ILO.

Enfasi bikrija fuq it-tfassil tal-ispeċifikazzjonijiet tista' ttejjeb l-eżiti soċjali ta' kuntratt. Il-proċessi ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet, il-konsultazzjoni tas-suq u l-għażla tal-forma u l-proċedura tal-kuntratt deskritti hawn fuq jiżguraw li jistgħu jinkisbu eżiti soċjali aktar rilevanti u realistiċi.

***Prattika tajba***

— L-ippjanar għall-akkwist soċjalment responsabbli huwa importanti daqs l-għażla tal-ispeċifikazzjonijiet u tal-kriterji tas-sejħa għal offerti. Fejn possibbli u xieraq, ikkonsulta mal-persunal u mal-utenti aħħarin dwar il-ħtiġijiet soċjali, involvi lis-suq sabiex tippreżenta l-għanijiet tiegħek u tikseb feedback mingħand il-fornituri, u agħżel l-approċċ tal-akkwist li għandu l-potenzjal li jwassal l-aktar eżiti soċjali pożittivi.

## 3.6 **Użu ta' kampijiet fakultattivi fil-formoli standard**

Mill-25 ta' Ottubru 2023, l-akkwirenti pubbliċi se jkollhom jimlew formoli standard ġodda u aġġornati ([85]) (Formoli elettroniċi), li jippermettulhom jipprovdu informazzjoni dwar l-użu ta' kunsiderazzjonijiet soċjali u ta' kriterji ta' aċċessibbiltà fl-akkwisti tagħhom (għall-aspetti ta' aċċessibbiltà, inkluż fil-formoli standard, ara t-Taqsima 4.4.1). Il-formoli standard aġġornati jinkludu kamp fakultattiv fejn int tista' tindika li qed issegwi objettiv soċjali permezz tal-proċedura ta' akkwist. Billi tuża din l-għażla, int tikkontribwixxi għal ġbir ta' *data* u għal analiżi aktar preċiżi dwar l-użu tal-SRPP f'pajjiżek u madwar l-UE.

L-implimentazzjoni tajba tal-Formoli elettroniċi hija investiment. Din tirrikjedi biżżejjed żmien u riżorsi, iżda jkollha benefiċċji konsiderevoli bħala żmien iffrankat għall-implimentaturi u għall-utenti kollha. B'mod partikolari, b'differenza mill-formoli standard preċedenti, il-Formoli elettroniċi huma maħsuba sabiex jimtlew fil-biċċa l-kbira b'mod awtomatiku mis-sistemi tal-Akkwist elettroniku, u mhux mill-utenti, u b'hekk inaqqsu b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv. Il-Formoli elettroniċi jistgħu jitfasslu skont il-ħtiġijiet nazzjonali. Sabiex tifhem aħjar il-proċess u l-għażliet, jekk jogħġbok ara l-Manwal dwar l-Implimentazzjoni tal-Politika tal-Formoli Elettroniċi ([86]).

([85]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1780 tat-23 ta' Settembru 2019 li jistabbilixxi formoli standard għall-pubblikazzjoni ta' avviżi fil-qasam tal-akkwist pubbliku u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1986 (ĠU L 272, 25.10.2019, p. 7) ("Formuli Elettroniċi").

([86]) Ara https://ec.europa.eu/growth/single-market/public-procurement/digital/eforms_mt

*KAPITOLU 4*

## ***Il-proċedura ta' akkwist***

Dan il-KAPITOLU jagħti ħarsa aktar mill-qrib lejn kif tista' timplimenta l-SRPP matul il-proċess tal-għoti ta' kuntratt. Dan jiffoka fuq l-opportunitajiet skont id-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku, u jsegwi l-istadji tas-sejħa għal offerti mid-definizzjoni tas-suġġett sal-identifikazzjoni tal-offerta ta' suċċess. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet u tal-ippjanar diskuss fil-KAPITOLU 3, l-organizzazzjoni tiegħek tista' tagħżel liema mill-approċċi stabbiliti hawn huma xierqa għall-kuntratt tiegħek. Din l-għażla spiss tinvolvi l-użu ta' aktar minn miżura waħda tal-SRPP, pereżempju billi jiġu kkombinati kriterji ta' esklużjoni u għall-għoti.

Kull taqsima tinkludi eżempji minn akkwirenti pubbliċi reali u rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet li għandhom jittieħdu.

### 4.1 **Definizzjoni tas-Suġġett u Identifikazzjoni tar-Regoli Rilevanti**

Id-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku ma jippreskrivux approċċ "wieħed tajjeb għal kulħadd" għall-kuntratti ta' akkwist pubbliku. L-akkwirenti pubbliċi jistgħu jagħżlu minn firxa ta' proċeduri u ta' tekniki, u xi kuntratti jew arranġamenti finanzjarji mhumiex koperti mir-regoli dwar l-akkwist affattu – pereżempju, kuntratti ta' impjieg jew servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali ([87]). Għall-akkwist li huwa soġġett għad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku, id-determinazzjoni tas-suġġett tal-kuntratt hija fundamentali.

**Ir-Rabta mas-Suġġett**

L-Artikolu 67(3) tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikolu 82(3) tad-Direttiva 2014/25/UE jispjegaw xi tfisser "rabta mas-suġġett". Il-kriterji jitqiesu marbuta mas-suġġett meta jkunu relatati max-xogħlijiet, mal-provvisti jew mas-servizzi li għandhom jiġu pprovduti skont dak il-kuntratt fi kwalunkwe rispett u fi kwalunkwe stadju taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, inklużi fatturi involuti f'dawn li ġejjin:

(a) il-proċess speċifiku tal-produzzjoni, tal-provvista jew tal-kummerċ ta' dawk ix-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi; jew

(b) proċess speċifiku għal stadju ieħor taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom,

anke meta fatturi bħal dawn ma jagħmlux parti mis-sustanza materjali tagħhom.

Mod wieħed ta' ħsieb dwar dan huwa li jekk int sempliċiment qed tixtri t-tuffieħ, ma tistax titlob li l-offerenti jipproduċu wkoll il-laringi. Madankollu, tista' tistaqsi dwar il-kundizzjonijiet li fihom jipproduċu t-tuffieħ, inklużi fatturi li jistgħu ma jkunux ovvji billi tħares lejn il-prodott finali (eż. il-kundizzjonijiet tax-xogħol).

Eżempji oħra f'dan il-kapitolu juru kif ir-rabta mas-suġġett tapplika għall-kriterji tal- SRPP f'kull stadju ta' sejħa għal offerti, u liema approċċi ma jissodisfawx dan ir-rekwiżit.

Is-suġġett normalment jieħu l-forma ta' deskrizzjoni qasira tal-oġġetti, tas-servizzi jew tax-xogħlijiet li inti biħsiebek tixtri. Għal proċeduri li jaqbżu l-limiti tal-UE, dan jidher fl-avviż dwar il-kuntratt flimkien mal-kodiċijiet rilevanti tal-vokabularju komuni tal-akkwist (CPV). Dawn jippermettu li s-suq ikun jaf eżattament x'tixtieq tixtri u jiżguraw li l-operaturi interessati jkunu jistgħu jsiru jafu dwar is-sejħa għal offerti tiegħek. Il-kodiċijiet tas-CPV huma importanti wkoll għaliex jiddeterminaw liema reġim legali stabbilit bid-Direttivi japplika għall-kuntratt. Għal servizzi soċjali u għal servizzi speċifiċi oħrajn mixtrija fil-forma ta' kuntratt ta' akkwist pubbliku, id-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku jipprovdu "reġim anqas strett", li jippermetti flessibbiltà akbar fil-proċess tal-għoti ta' kuntratt ([88]). Is-CPV jiddetermina jekk ir-reġim anqas strett jkoprix il-kuntratt, u jekk jistax jiġi rriżervat għal organizzazzjonijiet b'missjoni ta' servizz pubbliku (ara t-Taqsima 4.3).

Id-deċiżjoni dwar is-suġġett tal-kuntratt hija kruċjali wkoll sabiex jiġu identifikati l-opportunitajiet rilevanti sabiex jiġu applikati kriterji soċjali fil-proċess tas-sejħa għal offerti. Fil-fatt, id-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku jagħmluha ċara li l-akkwirenti pubbliċi jistgħu japplikaw kriterji soċjali matul il-proċess tal-akkwist, dment li dawn il-kriterji jkunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt (ara l-kaxxa t'hawn fuq għal aktar informazzjoni dwar dan xi jfisser). It-tabella ta' hawn taħt tagħti xi eżempji ta' tipi differenti ta' kuntratti, tar-regoli applikabbli, u tal-approċċi potenzjali tal-SRPP.

([87]) Servizzi bħall-pulizija, il-ġustizzja u l-iskemi statutorji tas-sigurtà soċjali, mhumiex soġġetti għal leġiżlazzjoni Ewropea speċifika jew għal regoli tas-suq intern u tal-kompetizzjoni.

([88]) It-Titolu III (Artikoli 74-77) tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikoli 91-94 tad-Direttiva 2014/25/UE, l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2014/23/UE. Ara t-taqsima 4.2 hawn taħt

*Tabella 4.1*

**Eżempji ta' approċċi tal-SRPP marbuta mas-suġġett ta' kuntratt**

| Suġġett | Regoli applikabbli | Eżempju ta' approċċ tal-SRPP |
|---|---|---|
| Provvista ta' uniformijiet tal-isptar (valur stmat ta' EUR 300 000) | Direttiva 2014/24/UE (koperta bis-sħiħ) | — Il-kriterji ta' esklużjoni u tal-għażla sabiex jiġu żgurati prattiki tax-xogħol etiċi tul il-katina tal-provvista<br>— Il-kriterji għall-għoti jinkludu referenza għal tikketti ta' partijiet terzi li jiċċertifikaw produzzjoni etika<br>— Klawżoli kuntrattwali jsaħħu l-impenji u jippermettu l-monitoraġġ tal-katina tal-provvista<br>— L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jirrikjedu l-aċċessibbiltà u l-inklużività tad-diżabilità |
| Servizzi ta' kura għal żgħażagħ vulnerabbli (valur stmat ta' EUR 1 miljun) | Direttiva 2014/24/UE (reġim anqas strett) | — Konsultazzjoni preliminari mas-suq sabiex tittieħed deċiżjoni dwar l-aktar mod effettiv kif jiġi pprovdut servizz<br>— Konsultazzjoni mal-utenti u mal-esperti sabiex jiġu identifikati l-ħtiġijiet tal-utenti, inkluż dwar l-aċċessibbiltà<br>— Il-kuntratt jista' jiġi rriżervat għall-organizzazzjonijiet b'missjoni ta' servizz pubbliku (Kuntratti rriżervati għal servizzi soċjali)<br>— Il-kriterji għall-għoti jiffokaw fuq il-kwalità u fuq l-inklużjoni soċjali (eż. prijoritizzazzjoni ta' karatteristiċi inklużivi għad-diżabilità u elementi ta' aċċessibbiltà)<br>— Klawżoli kuntrattwali jistgħu jorbtu l-ħlas mar-riżultati, eż. eżiti pożittivi ddefiniti għaż-żgħażagħ |
| Shubija pubblika-privata (PPP) għall-iżvilupp ta' żona urbana inkluża l-akkomodazzjoni soċjali u servizzi komunitarji (valur stmat ta' EUR 25 miljun) | Id-Direttiva 2014/23/UE (Direttiva dwar il-Konċessjonijiet) | — Il-kriterji tal-għażla jinkludu esperjenza fit-twettiq ta' proġetti fil-passat b'mod soċjalment inklużiv<br>— L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jridu jinkludu kriterji ta' aċċessibbiltà għal kull bini, żona pubblika u amenità<br>— Il-klawżoli kuntrattwali jinkludu r-reklutaġġ u t-taħriġ ta' ċertu numru ta' ħaddiema żvantaġġati |

Filwaqt li t-tabella ta' hawn fuq tippreżenta biss firxa żgħira tat-tipi ta' kuntratti fejn il-kunsiderazzjonijiet soċjali jistgħu jingħataw l-ogħla prijorità, din turi l-medda ta' approċċi disponibbli skont id-dritt tal-UE. L-approċċi tal-SRPP deskritti hawn fuq ilkoll huma marbuta mas-suġġett tal-kuntratt. Xi eżempji ta' approċċi li ma jkunux marbuta mas-suġġett huma:

— Rekwiżit li l-offerenti jkollhom tikketti/ċertifikazzjoni minn partijiet terzi għall-prodotti kollha tagħhom (inklużi dawk li ma jkunux qed jinxtraw) jew iridu jirreklutaw ħaddiema żvantaġġati matul l-operazzjonijiet kollha tagħhom (minflok biss għall-kuntratt speċifiku inkwistjoni);

— L-għoti ta' marki żejda lill-offerenti li jaqblu li jagħmlu donazzjoni tal-karità jew jappoġġaw proġett mhux relatat mal-kuntratt li jkun qed jingħata;

— Rekwiżit li l-offerenti jrid ikollhom politika ġenerali dwar ir-responsabbiltà soċjali korporattiva, aktar milli rekwiżiti speċifiċi dwar kif jeżegwixxu l-kuntratt.

It-tielet eżempju huwa msaħħaħ mill-Premessa 97 tad-Direttiva 2014/24/UE u mill-Premessa 102 tad-Direttiva 2014/25/UE. Minflok ma titlob politika mifruxa mal-kumpanija kollha, int jenħtieġ li tiffoka fuq l-aspetti speċifiċi tar-responsabbiltà soċjali, li tixtieq tindirizza fil-kuntratt. F'xi każijiet, politika ta' responsabbiltà soċjali korporattiva tista' sservi bħala evidenza (parzjali) fir-rigward ta' rekwiżit speċifiku. Pereżempju, jekk il-kuntratt tiegħek jinkludi kundizzjonijiet sabiex jipproteġi lill-informaturi tul il-katina tal-provvista, l-offerenti jistgħu jindikaw il-politika ġenerali tagħhom ta' żvelar ta' informazzjoni protetta kif ukoll kwalunkwe miżura speċifika li għandha tiddaħħal fis-seħħ għall-kuntratt.

### 4.2 Ir-Reġim Anqas Strett

Matul ir-riforma tal-2014 tad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku, ġie rikonoxxut li għal ċerti servizzi – b'mod partikolari dawk relatati ma' attivitajiet soċjali, tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tal-komunità – jenħtieġ li japplikaw regoli separati. Min-natura tagħhom, dawn is-servizzi huma ġeneralment ta' interess transfruntier limitat, u huma organizzati wkoll b'modi differenti madwar l-UE, li jirriflettu tradizzjonijiet kulturali differenti. Għal dawn ir-raġunijiet, ġie stabbilit "reġim anqas strett" separat li joħloq opportunitajiet uniċi għall-SRPP.

> **Qafas Ewropew ta' Kwalità għas-Servizzi Soċjali**
>
> Fl-2010, ġie adottat il-Qafas Ewropew volontarju ta' Kwalità għas-Servizzi Soċjali. Il-Qafas jiddefinixxi prinċipji ta' kwalità għas-servizzi soċjali, u kriterji operazzjonali sabiex jgħinu fl-implimentazzjoni u fil-monitoraġġ. Huwa indirizzat kemm lill-akkwirenti pubbliċi inkarigati mis-servizzi soċjali kif ukoll lill-fornituri tas-servizzi u lill-impjegati tagħhom.
>
> Il-prinċipji kumplessivi tal-kwalità jiddikjaraw li s-servizzi soċjali jenħtieġ li jkunu disponibbli, aċċessibbli, affordabbli, iċċentrati fuq il-persuna, komprensivi, kontinwi u orjentati lejn l-eżiti. Spjegazzjoni ulterjuri ta' kull wieħed minn dawn il-prinċipji tingħata fil-Qafas.
>
> Il-prinċipji u l-kriterji huma partikolarment rilevanti għas-servizzi koperti mir-reġim anqas strett. Pereżempju, dawn jistgħu jgħinu sabiex jiġu strutturati l-konsultazzjoni u l-involviment tal-utenti fl-ippjanar u fl-għoti tas-servizzi. Il-Qafas sħiħ jista' jinstab hawnhekk.

Ir-reġim anqas strett għal servizzi soċjali u għal servizzi speċifiċi oħra ([89]) jistabbilixxi limitu ogħla għall-applikazzjoni tar-regoli tal-UE għal tali servizzi u jippermetti lill-Istati Membri jistabbilixxu regoli nazzjonali dwar l-għoti tagħhom. Minħabba l-marġni wiesa' ta' diskrezzjoni li jitħalla f'idejn l-Istati Membri f'dan il-qasam, ir-regoli proċedurali applikabbli għal servizzi soċjali u għal servizzi speċifiċi oħra jistgħu jvarjaw b'mod sinifikanti madwar l-UE. Skont id-dritt tal-UE, jibqgħu japplikaw biss il-prinċipji bażiċi tat-Trattat dwar it-trasparenza u t-trattament ugwali, kif ukoll ir-rekwiżit li jiġi ppubblikat avviż li jirreklama l-kuntratt u li jħabbar l-għoti tiegħu.

Fi ħdan dawn il-prinċipji bażiċi, huwa possibbli li jiġu applikati proċeduri ta' għoti għal kuntratti ta' reġim anqas strett, li huma aktar flessibbli minn dawk użati għal kuntratti koperti bis-sħiħ. Pereżempju, l-utenti u l-fornituri ta' servizzi potenzjali jistgħu jkunu involuti aktar mill-qrib fit-tfassil tas-servizz, u jistgħu jsiru negozjati dwar diversi aspetti bħall-kwalità, il-kopertura, u l-arranġamenti relatati mal-persunal. Huwa possibbli wkoll li jiġu applikati proċeduri bbażati fuq dawk stabbiliti fid-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku, iżda b'adattamenti speċifiċi li jagħmluhom aktar adattati għas-servizzi li tkun qed tixtri ([90]). Pereżempju, tista' tkun tixtieq torganizza laqgħat ta' djalogu mal-offerenti qabel ma tippubblika l-istedina għal sejħa għal offerti/dokument deskrittiv, jew taġġusta l-limiti ta' żmien jew in-numru ta' offerenti li jiġu mistiedna jagħmlu offerta.

Eżempji oħra ta' kif ir-reġim anqas strett jintuża fil-prattika nazzjonali jinsabu fil-kaxxi li jakkumpanjaw din it-taqsima.

> **Eżempji tal-Liġi/Gwida Nazzjonali dwar ir-Reġim Anqas Strett: Franza u l-Iskozja**
>
> Fl-2019, ġiet ippubblikata gwida aġġornata dwar l-aspetti soċjali tal-akkwist b'mod konġunt minn tliet ministeri Franċiżi. Din tirrifletti d-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku, kif implimentati fid-dritt Franċiż bid-décret 2016-360 tal-25 ta' Marzu 2016.
>
> Fost ħafna suġġetti oħra, il-gwida tħares lejn l-użu tal-"proċedura adattata" li tista' tintuża għal servizzi soċjali u għal servizzi speċifiċi oħra, kif stabbilit fl-Artikoli 27 u 28 tad-décret. Hija tissuġġerixxi modi li bihom din il-proċedura tista' tintuża sabiex jintlaħqu l-objettivi soċjali bħall-inklużjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni qiegħda. Pereżempju, jistgħu jiġu offruti varjanti mill-offerenti sabiex jipproponu modi differenti ta' kif jistgħu jintlaħqu l-objettivi soċjali.
>
> Il-gwida tenfasizza wkoll li l-proċedura adattata ma tippermettix li l-kuntratti jitwarrbu għal intrapriża partikolari waħda, iżda li jistgħu jintużaw riżervi fejn xieraq.

([89]) It-Titolu III (Artikoli 74-77) tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikoli 91-94 tad-Direttiva 2014/25/UE. L-Artikolu 19 tad-Direttiva 2014/23/UE jipprevedi li għal konċessjonijiet għal servizzi soċjali u servizzi speċifiċi oħra, japplikaw biss ir-regoli dwar il-pubblikazzjoni ta' avviż ta' informazzjoni minn qabel, ta' avviż ta' għoti u r-regoli dwar ir-rimedji.

([90]) Huwa importanti li fl-avviż dwar kuntratt jiġi indikat jekk intix qed tuża waħda mill-proċeduri regolari, jew jekk adattajthiex għall-fini tal-għoti ta' kuntratt ta' reġim anqas strett.

Id-Direction des Affaires Juridiques ta' Franza ppubblikat ukoll linji gwida dwar l-użu tal-proċedura adattata, filwaqt li enfasizzat li din jenħtieġ li tippermetti parteċipazzjoni akbar tal-SMEs u ta' offerenti "mhux tradizzjonali" oħra.

Fl-Iskozja, tħejjiet gwida speċifika dwar l-akkwist ta' servizzi ta' kura u ta' appoġġ skont ir-reġim anqas strett. Din tiddeskrivi l-aħjar prattika f'termini ta' involviment tal-utenti tas-servizzi u tal-fornituri tal-kura, l-ippjanar tal-akkwist, inklużi r-rekwiżiti ta' benefiċċju komunitarju fejn xieraq, u l-ġestjoni tal-kuntratti wara l-għoti tagħhom. Tagħti eżempji ta' kif il-kontinwità u l-kwalità tas-servizzi jistgħu jiġu protetti f'kull stadju tal-proċess ta' akkwist.

Numru sinifikanti ta' servizzi rregolati permezz tar-reġim anqas strett huma servizzi għall-persuni. Bħala tali, dawn għandhom impatt rilevanti fuq il-benesseri tal-individwi li jirċivuhom u jeħtieġu t-twettiq ta' attivitajiet li jirrikjedu ħafna ħaddiema. Ir-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku jirrikonoxxu l-importanza li jitqiesu diversi aspetti u kunsiderazzjonijiet kwalitattivi meta jiġu akkwistati dawn is-servizzi. Din hija r-raġuni għaliex ir-regoli nazzjonali għal kuntratti tar-reġim anqas strett iridu jiżguraw li l-akkwirenti pubbliċi jkunu jistgħu jqisu: il-kwalità; il-kontinwità; l-aċċessibbiltà; l-affordabbiltà; id-disponibbiltà u l-komprensività tas-servizzi; il-ħtiġijiet speċifiċi ta' kategoriji differenti ta' utenti, inklużi gruppi żvantaġġati u vulnerabbli; l-involviment u l-għoti tas-setgħa lill-utenti; u l-innovazzjoni. Ir-regoli nazzjonali jistgħu jispeċifikaw ukoll li l-kriterji għall-għoti għal tali kuntratti jinkludu l-kwalità u s-sostenibbiltà tas-servizzi.

Ta' min ifakkar li jista' jkun hemm modi differenti ta' kif jiġi organizzat il-forniment ta' servizz, inklużi s-servizzi soċjali. Xi wħud mhumiex koperti affattu bir-regoli dwar l-akkwist. Pereżempju:

— Int tista' tagħti għotja lil organizzazzjoni komunitarja waħda jew aktar ([91]);

— L-organizzazzjoni tiegħek tista' tiddeċiedi li tipprovdi s-servizz billi tuża r-riżorsi tagħha stess; jew

— L-organizzazzjoni tiegħek tista' tuża fornitur intern jew tikkoopera ma' akkwirenti pubbliċi oħra sabiex tipprovdi s-servizz ([92]).

Ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat stabbiliti fl-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat jeħtieġ li jiġu kkunsidrati jekk ikun hemm riskju li jingħata vantaġġ selettiv lil kwalunkwe impriża ([93]).

Il-lista sħiħa ta' servizzi koperti mir-reġim anqas strett hija stabbilita fid-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku ([94]); fil-paġna li jmiss tintwera għażla ta' dawk l-aktar rilevanti għall-SRPP. Dawk elenkati b'tipa grassa jistgħu jiġu rriżervati għall-organizzazzjonijiet b'missjoni ta' servizz pubbliku (ara t-Taqsima 4.3).

***Prattiki tajbin***

— Meta tiddefinixxi s-suġġett tal-kuntratt tiegħek, ikkunsidra kif dan jiddetermina liema regoli legali japplikaw, pereżempju, jekk huwiex kopert mir-reġim anqas strett.

— Is-suġġett tal-kuntratt tiegħek, flimkien mal-kodiċijiet tas-CPV rilevanti, jiddeterminaw ukoll il-kamp ta' applikazzjoni tal-kriterji tal-SRPP li int tista' tapplika, u, għalhekk, għandek tara li tinkludi l-aspetti rilevanti kollha (eż. l-iżvilupp ta' żona urbana li jinkludi akkomodazzjoni soċjali u servizzi komunitarji).

— Jekk japplika r-reġim anqas strett, jeħtieġlek tikkonsulta r-regoli u l-linji gwida nazzjonali, u jenħtieġ li tikkunsidra kif torganizza l-proċedura sabiex timmassimizza l-valur soċjali, pereżempju, billi tinvolvi lill-utenti fil-proċedura ta' akkwist.

**Eżempji ta' Kuntratti Mogħtija taħt ir-Reġim Anqas Strett**

L-avviżi ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali juru xi wħud mill-modi li bihom qed jintuża ir-reġim anqas strett sabiex jintlaħqu l-objettivi soċjali. Pereżempju, f'kuntratt għal "Servizzi komunitarji ta' prevenzjoni u ta' benesseri", akkwirent pubbliku għażel li juża proċedura kompetittiva permezz tan-negozjar. L-objettiv kien li jkun hemm kodisinn kollaborattiv u eżekuzzjoni sussegwenti ta' network ta' servizzi.

([91]) Kif previst fil-Premessa 4 tad-Direttiva 2014/24/UE: "...il-finanzjament sempliċi, b'mod partikolari permezz ta' għotjiet, ta' attività, li ta' spiss hu marbut mal-obbligu tar-rimborż tal-ammonti li jkunu ngħataw meta dawn ma jintużawx għall-finijiet maħsuba, normalment ma jaqax fl-ambitu tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku." Ara wkoll il-Premessa 114 tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Premessa 120 tad-Direttiva 2014/25/UE.

([92]) F'dan il-każ, japplikaw ir-regoli dwar il-kuntratti pubbliċi u l-konċessjonijiet bejn entitajiet fis-settur pubbliku, stabbiliti fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 2014/24/UE u fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 2014/23/UE. L-Artikoli 28-30 tad-Direttiva 2014/25/UE stabbilew regoli applikabbli għal relazzjonijiet speċjali għall-akkwist ta' utilitajiet.

([93]) Għal aktar informazzjoni ara http://ec.europa.eu/competition/state_aid/overview/index_en.html

([94]) L-Anness XIV tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Anness XVII tad-Direttiva 2014/25/UE, l-Anness IV tad-Direttiva 2014/23/UE.

L-avviż speċifika l-eżiti mistennija mill-akkwist, inklużi:

— Kwalità tal-ħajja mtejba għall-individwi u għall-komunitajiet;

— Is-saħħa u l-benesseri ġenerali tan-nies mit-twelid tul ħajjithom kollha jitjiebu, u n-nies huma sostnuti sabiex iżommu l-indipendenza tagħhom;

— In-nies għandhom l-għażla u l-kontroll fuq is-servizzi u jappoġġaw l-aċċess tagħhom.

Il-kriterji għall-għoti jiffokaw fuq il-valur soċjali u aspetti kwalitattivi oħra tas-servizz.

Eżempju ieħor huwa ftehim qafas għall-provvista ta' servizzi soċjali lill-anzjani. Dan ingħata wkoll abbażi tal-proċedura kompetittiva bin-negozjar. Il-fornituri interessati ntalbu jissottomettu kunċetti għall-appoġġ ta' persuni fraġli li jgħixu fid-dar, inkluż il-forniment ta' tagħmir għall-assistenza mill-bogħod.

Il-kriterji għall-għoti ffokaw primarjament fuq il-kwalità tas-servizz ipprovdut, inklużi l-għarfien espert u r-riżorsi impenjati, u l-metodi użati sabiex jippermettu lir-riċevituri jibqgħu fi djarhom. Waslu total ta' erba' offerti u l-offerent rebbieħ kien SME.

*Tabella 4.2*

**Silta mill-Anness XIV tad-Direttiva 2014/24/UE – Servizzi magħżula soġġetti għar-reġim anqas strett u mill-Artikolu 77 tad-Direttiva 2014/24/UE jew mill-Artikolu 94 tad-Direttiva 2014/25/UE riżerva (b'tipa grassa)**

| Deskrizzjoni | Kodiċi CPV |
|---|---|
| Servizzi tas-saħħa, soċjali u relatati | 75200000-8; 75231200-6; 75231240-8; 79611000-0; **79622000-0 [Servizzi ta' provvista ta' persunal għal għajnuna domestika];79624000-4 [Servizzi ta' provvista għall-infermiera]** u **79625000-1 [Servizzi ta' provvista għal persunal mediku], minn 85000000-9 sa 85323000-9 [Servizzi tas-saħħa u ta' ħidma soċjali]**; 98133100-5, **98133000-4 [Servizzi pprovduti minn organizzazzjonijiet ta' sħubija soċjali]**; 98200000-5; 98500000-8 [Familji privati b'persuni impjegati] u 98513000-2 sa 98514000-9 [Servizzi ta' xogħol għall-familji, Servizzi minn persunal ta' aġenzija għall-familji, Servizzi minn persunal klerikali għall-familji, Persunal temporanju għall-familji, Servizzi ta' għajnuna għall-familji u Servizzi domestiċi] |
| Servizzi amministrattivi soċjali, edukattivi, ta' kura tas-saħħa u kulturali | 85321000-5 u 85322000-2, 75000000-6 [Servizzi amministrattivi, tad-difiża u tas-sigurtà soċjali], **75121000-0 [Servizzi edukattivi amministrattivi], 75122000-7 [Servizzi tal-kura tas-saħħa amministrattivi]**, 75124000-1; minn 79995000-5 sa 79995200-7; minn 80000000-4 Servizzi edukattivi u ta' taħriġ sa 80660000-8 inklużi **80110000-8 [Servizzi ta' edukazzjoni preprimarja], 80300000-7 [Servizzi ta' edukazzjoni għolja], 80420000-4 [Servizzi ta' tagħlim elettroniku], 80430000-7 [Servizzi ta' edukazzjoni għall-adulti fil-livell universitarju], 80511000-9 [Servizzi ta' taħriġ għall-persunal], 80520000-5 [Faċilitajiet ta' taħriġ], u 80590000-6 [Servizzi ta' tutorial];** minn 92000000-1 sa 92700000-8 inklużi **92500000-6 [Librerija, arkivji, mużewijiet u servizzi kulturali oħra]**, **92600000-7 [Servizzi sportivi]** 79950000-8 [Servizzi ta' esebizzjonijiet, fieri u ta' organizzazzjoni ta' kungressi], 79951000-5 [Servizzi ta' organizzazzjoni ta' seminars], 79952000-2 [Servizzi ta' avvenimenti], 79952100-3 [Servizzi ta' organizzazzjoni ta' avvenimenti kulturali], 79953000-9 [Servizzi ta' organizzazzjoni ta' festivals], 79954000-6 [Servizzi ta' organizzazzjoni ta' festini], 79955000-3 [Servizzi ta' organizzazzjoni ta' sfilati tal-moda] 79956000-0 [Servizzi ta' organizzazzjoni ta' fieri u esebizzjonijiet] |
| Servizzi tas-sigurtà soċjali obbligatorja (1) | 75300000-9 |
| Servizzi tal-benefiċċji | 75310000-2, 75311000-9, 75312000-6, 75313000-3, 75313100-4, 75314000-0, 75320000-5, 75330000-8, 75340000-1 |

| Deskrizzjoni | Kodiċi CPV |
|---|---|
| Servizzi komunitarji, soċjali u personali oħrajn inkluż servizzi mogħtija minn trade unions, organizzazzjonijiet politiċi, assoċjazzjonijiet taż-żgħażagħ u servizzi ta' organizzazzjoni bi sħubiji oħrajn | 98000000-3; 98120000-0; 98132000-7; **98133110-8[Servizzi pprovduti minn organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ]** u 98130000-3 |
| Servizzi reliġjużi | 98131000-0 |
| Servizzi amministrattivi oħra u servizzi tal-gvern | 75100000-7 sa 75120000-3; **75123000-4 [Servizzi amministrattivi tal-akkomodazzjoni]**; 75125000-8 sa 75131000-3 |
| Provvista ta' servizzi lill-komunità | 75200000-8 sa 75231000-4 |
| Servizzi relatati mal-ħabs, is-sigurtà pubblika u servizzi ta' salvataġġ sa fejn mhumiex esklużi f'konformità mal-punt (h) tal-Artikolu 10 | 75231210-9 sa 75231230-5; 75240000-0 sa 75252000-7; 794300000-7; 98113100-9 |
| Servizzi internazzjonali | 98900000-2 [Servizzi pprovduti minn organizzazzjonijiet u korpi extraterritorjali] u 98910000-5 [Servizzi speċifiċi għal organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali] |

([1]) Dawn is-servizzi mhumiex koperti bid-Direttiva preżenti meta jkunu organizzati bħala servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali. L-Istati Membri huma liberi li jorganizzaw il-forniment ta' servizzi soċjali obbligatorji jew ta' servizzi oħra bħala servizzi ta' interess ġenerali jew bħala servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali.

### 4.3 **Riżervi**

F'ħafna Stati Membri tal-UE, workshops protetti u programmi ta' impjieg għandhom rwol importanti fl-għajnuna għall-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità jew persuni żvantaġġati b'mod ieħor mal-forza tax-xogħol. Dawn il-workshops spiss iwettqu servizzi li huma meħtieġa minn akkwirenti pubbliċi, pereżempju, manutenzjoni u tiswija, ħażna jew produzzjoni u assemblaġġ. Barra minn hekk, jeżistu programmi ta' impjiegi protetti fi ħdan intrapriżi involuti f'firxa wiesgħa ta' attivitajiet, bħat-turiżmu jew is-servizzi tal-IT. Dawn is-sessjonijiet ta' ħidma u l-programmi joffru impjieg lil persuni b'diżabilità, u jistgħu jimpjegaw ukoll ħaddiema żvantaġġati oħra.

Skont id-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku ([95]), l-Istati Membri jistgħu jirriżervaw id-dritt li jipparteċipaw fi proċeduri ta' akkwist għal workshops protetti u għal operaturi ekonomiċi li l-għan ewlieni tagħhom huwa l-integrazzjoni soċjali u professjonali ta' persuni b'diżabilità jew ta' persuni żvantaġġati. Huwa possibbli wkoll li jiġi previst li l-kuntratti jiġu eżegwiti fil-kuntest ta' programmi ta' impjiegi protetti strutturati u stabbli. Sabiex jibbenefikaw mir-riżerva, tal-anqas 30 % tal-impjegati ta' dawk il-workshops, l-operaturi ekonomiċi jew il-programmi ta' impjiegi protetti jridu jkunu persuni b'diżabilità jew żvantaġġati. Huwa possibbli wkoll li jiġu rriżervati biss ċerti lottijiet ta' kuntratt.

Xi tfisser persuna b'diżabilità jew persuna żvantaġġata? Filwaqt li d-definizzjoni eżatta tiddependi mill-Istat(i) Membru/i li jiddeċiedi/u li jaġixxu skont id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-kuntratti riżervati, u għalhekk tkun riflessa fil-liġi nazzjonali, il-kaxxa ta' hawn taħt tidentifika l-kategoriji tipiċi ta' persuni li jistgħu jiġu kkunsidrati taħt dawn l-intestaturi ([96]). Kun af li l-kategoriji ta' persuni b'diżabilità u ta' ħaddiema żvantaġġati mhumiex reċiprokament esklużivi.

**Min huma Persuni b'Diżabilità u Persuni Żvantaġġati?**

**Il-persuni b'diżabilità** f'konformità mal-UNCRPD jinkludu li kwalunkwe persuna li għandha insuffiċjenza fiżiku, mentali, intellettwali jew sensorju (wieħed jew aktar) fit-tul li, meta tinteraġixxi ma' diversi ostakli, tista' xxekkel il-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tagħha fis-soċjetà fuq l-istess livell ma' persuni oħrajn.

Kultant, persuna b'diżabilità tingħata rikonoxximent uffiċjali meta:

(a) tkun rikonoxxuta bħala li għandha diżabilità skont il-qafas legali nazzjonali; jew

([95]) L-Artikolu 20 tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 38 tad-Direttiva 2014/25/UE, u l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2014/23/UE.

([96]) Il-listi ta' hawn taħt huma indikattivi u ispirati, rispettivament, mill-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (UNCRPD) u (b'xi żidiet) mill-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651 tal-2014 (Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa).

(b) ikollha Karta tad-Diżabilità tal-UE.

**Persuni żvantaġġati** jistgħu jinkludu kwalunkwe persuna li taqa' f'waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin:

(a) persuni qiegħda fit-tul (il-perjodu jista' jvarja, eż. persuni li ma kinux f'impjieg bi ħlas regolari għas-6 xhur sal-24 xahar preċedenti);

(b) żgħażagħ (eż. bejn 15 u 24 sena);

(c) ma kisbitx kwalifika vokazzjonali jew edukattiva minn skola sekondarja tat-tieni livell (Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni 3) jew lestiet kors edukattiv full-time matul l-aħħar sentejn u għadha ma nghatatx l-ewwel impjieg regolari tagħha bi ħlas;

(d) għandha 'l fuq minn 50 sena;

(e) tgħix bħala adult mhux miżżewweġ b'persuna dipendenti waħda jew aktar;

(f) taħdem f'settur jew fi professjoni fi Stat Membru fejn l-iżbilanċ bejn il-ġeneri jkun ogħla mill-iżbilanċ medju bejn il-ġeneri fis-setturi kollha ekonomiċi f'dak l-Istat Membru (eż. 25 %), u tagħmel parti mill-grupp tal-ġeneru sottorappreżentat;

(g) membru ta' minoranza etnika fi Stat Membru u/jew teħtieġ li tiżviluppa l-profil lingwistiku, it-taħriġ vokazzjonali jew l-esperjenza tax-xogħol tagħha sabiex ittejjeb il-prospettivi li tikseb aċċess għal impjieg stabbli;

(h) li tista' titqies f'riskju ta' faqar jew b'deprivazzjoni severa (eż. persuni f'kundizzjoni ta' deprivazzjoni materjali, persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna, persuni mingħajr dar, eċċ.); jew

(i) tesperjenza kundizzjonijiet oħra li jikkawżaw sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà (eż. vjolenza domestika, persuni li jbatu minn dipendenzi, eċċ.)

Minbarra d-dispożizzjoni ġenerali dwar ir-riżervi spjegata hawn fuq, hemm riżerva separata disponibbli għall-Istati Membri għal ċerti servizzi koperti bir-reġim anqas strett ([97]). Din tiffoka fuq organizzazzjonijiet li jsegwu missjoni ta' servizz pubbliku marbuta mal-kuntratt li jkun qed jingħata, pereżempju, fondazzjoni mingħajr skop ta' qligħ li tippromwovi l-litteriżmu u li tixtieq tagħmel sejħa għal offerti għall-provvista ta' klassijiet ta' litteriżmu għall-adulti. Il-parteċipazzjoni f'sejħa għal offerti tista' tkun irriżervata għal organizzazzjonijiet bħal dawn jekk jissodisfaw numru ta' kundizzjonijiet relatati mal-objettivi tagħhom, mal-investiment mill-ġdid tal-profitti, u mas-sjieda tal-impjegati jew mal-governanza parteċipattiva ([98]). L-organizzazzjonijiet koperti minn din ir-riżerva jistgħu jinkludu intrapriżi soċjali, soċjetajiet ta' għajnuna reċiproka mmexxija mill-impjegati u għaqdiet tal-karità.

Il-lista ta' servizzi li għalihom tista' tiġi applikata din ir-riżerva hija eżawrjenti, li jfisser li ma tistax tiġi applikata għal servizzi oħra. Barra minn hekk, organizzazzjoni li tkun tat kuntratt skont din ir-riżerva ma tistax tkun ingħatat kuntratt għall-istess servizzi mill-istess akkwirent pubbliku taħt ir-riżerva matul it-tliet snin preċedenti. Jekk matul il-perjodu ta' żmien ta' tliet snin organizzazzjoni tkun ingħatat kuntratt għas-servizzi kkonċernati mill-istess akkwirent pubbliku matul akkwist mhux riżervat, din ma ġġarrabx din il-limitazzjoni. Fl-aħħar nett, id-durata massima tal-kuntratti mogħtija taħt ir-riżerva hija ta' tliet snin.

Dawn ir-regoli huma maħsuba sabiex jiżguraw li r-riżerva ma toħloqx distorsjoni bla bżonn tal-kompetizzjoni. Huwa importanti li wieħed iżomm f'moħħu li l-użu tar-riżervi mhuwiex obbligatorju. Il-fatt li servizz partikolari jkun elenkat fost dawk li għalihom tkun disponibbli riżerva ma jżommokx milli tagħti kuntratt għal dak is-servizz taħt proċedura mhux riżervata f'konformità mar-regoli tar-reġim anqas strett.

**Sejħa għal offerti rriżervata għall-ipproċessar tal-ikel f'Vendée (Franza)**

**Objettiv tal-akkwist**

Fl-2011, id-Dipartiment ta' Vendée ta kuntratt lil intrapriża soċjali li taħdem ma' persuni b'diżabilità għat-tħaddim ta' ċentru ta' konsolidazzjoni għal prodotti agrikoli organiċi. Iċ-ċentru jappoġġa l-ħażna, l-ipproċessar, l-imballaġġ u l-konsenja ta' ikliet lil skejjel sekondarji. L-għan kien li jinxtraw prodotti sostenibbli u ta' kwalità bi prezz aktar baxx, u li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-produtturi lokali.

([97]) L-Artikolu 77 tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 94 tad-Direttiva 2014/25/UE. Is-servizzi rilevanti huma elenkati b'tipa grassa fit-Tabella 4.2.

([98]) Dawn il-kundizzjonijiet huma speċifikati fl-Artikolu 77(2) tad-Direttiva 2014/24/UE u fl-Artikolu 94(2) tad-Direttiva 2014/25/UE.

**Approċċ**

Il-kuntratt ġie ddeżinjat bħala sejħa għal offerti rriżervata. L-offerent rebbieħ kien l-organizzazzjoni ADAPEI-ARIA 85. Din l-intrapriża soċjali taħdem ma' persuni b'diżabilità u toffrilhom mhux biss post tax-xogħol post iżda anki appoġġ mediku u soċjali. B'kollox, l-organizzazzjoni tħaddem aktar minn 1 400 persuna. Twaqqaf grupp ta' akkwirenti sabiex b'mod konġunt jakkwista l-ikel, filwaqt li jheġġeġ l-użu taċ-ċentru ta' konsolidazzjoni. Il-kuntratt għat-tħaddim ta' ċentru ta' konsolidazzjoni ġġedded fl-2015.

**Riżultati**

Bl-għoti ta' kuntratt riżervat lil intrapriża soċjali li taħdem ma' persuni b'diżabilità, id-Dipartiment żgura impatt soċjali pożittiv kif ukoll l-użu ta' ikel organiku prodott lokalment. Kull sena, jitwasslu aktar minn 1 800 000 ikla lil 31 skola sekondarja.

**Tagħlimiet meħuda**

Dan kien mudell ta' suċċess fl-istabbiliment ta' approċċ ta' akkwist kondiviż u globali għas-settur tal-ikel u tal-catering, li jkopri t-tliet pilastri tal-iżvilupp sostenibbli – ambjentali, soċjali u ekonomiku. L-approċċ effettivament rabat il-ħtiġijiet tal-fornituri ta' servizzi agroalimentari mal-ħtiġijiet tal-provvista ta' diversi akkwirenti permezz tal-għoti ta' kuntratt riżervat lil intrapriża soċjali. Id-Dipartiment issa qed jikkunsidra li jestendi l-programm sabiex jinkludi akkwirenti oħra (djar tal-anzjani, skejjel, muniċipalitajiet), u li potenzjalment jieħu approċċ simili għall-ħut, b'attivitajiet ta' involviment tas-suq li għaddejjin bħalissa.

***Prattiki tajbin***

— Ir-riżervar ta' kuntratt għall-kompetizzjoni minn organizzazzjonijiet jew minn programmi b'għan soċjali jista' jkun mod effettiv kif jiġi pprovdut valur soċjali permezz tal-akkwist.

— Il-konsultazzjoni tas-suq tista' tgħin sabiex jiġu identifikati organizzazzjonijiet rilevanti li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fid-dispożizzjonijiet dwar kuntratti rriżervati, u l-kapaċità tagħhom li jipprovdu kuntratti (ara t-Taqsima 2.3 – Konsultazzjoni mal-Partijiet Ikkonċernati).

— Jekk l-intrapriżi soċjali ma jkollhomx il-kapaċità li jagħmlu sejħiet għal offerti għal kuntratti riżervati waħedhom, ikkunsidra l-qsim tal-kuntratt f'lottijiet, jew jekk jistgħux jiġu fformati sħubijiet jew konsorzji sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti. Ftakar li huwa possibbli li tirriżerva lottijiet speċifiċi f'kuntratt akbar għall-eżekuzzjoni minn intrapriżi soċjali.

## 4.4 Speċifikazzjonijiet Tekniċi

Ladarba tkun iddeċidejt dwar is-suġġett ta' kuntratt, dan jeħtieġ li jiġi żviluppat f'rekwiżiti aktar dettaljati. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jgħidu lis-suq eżatt dak li int tixtieq tixtri, u jistgħu jinkludu aspetti soċjali meta din tkun parti essenzjali minn dak li għandu jitwassal. Is-sejħiet għal offerti li ma jikkonformawx mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jridu jiġu rrifjutati ([99]), u għalhekk huwa importanti li jiġu inklużi biss ir-rekwiżiti essenzjali ([100]). Il-preferenzi jenħtieġ li jkunu riflessi fil-kriterji għall-għoti, kif diskuss fit-Taqsima 4.7.

**Ir-Rabta mas-Suġġett u mal-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi**

Id-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku jiddikjaraw li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jistgħu jirreferu għall-proċess jew għall-metodu speċifiku ta' produzzjoni jew ta' provvista tax-xogħlijiet, tal-provvisti jew tas-servizzi mitluba jew għal proċess speċifiku għal stadju ieħor taċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu. Dan japplika wkoll meta dawn l-elementi ma jkunux parti mis-sustanza materjali tal-akkwist, sakemm dawn ikunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt u jkunu proporzjonati għall-valur u għall-objettivi tiegħu.

Dan ifisser li mhuwiex meħtieġ li l-ispeċifikazzjonijiet kollha jkunu relatati ma' fatturi li jkunu viżibbli jew dixxernibbli fil-prodott jew fis-servizz finali. Pereżempju, tessuti li jiġu prodotti bl-użu ta' żebgħat tossiċi (li jippreżentaw riskju serju għas-saħħa tal-ħaddiema) jistgħu jkunu identiċi għal dawk li jiġu prodotti b'mod aktar sikur.

([99]) L-obbligu li jiġu rrifjutati offerti li ma jissodisfawx l-ispeċifikazzjonijiet ġie enfasizzat mill-QĠUE fil-Kawża C-243/89 *Il-Kummissjoni vs Ir-Renju tad-Danimarka (Storebaelt)* u fil-Kawża C-561/12 *Nordecon AS u Ramboll Eesti AS vs Rahandusministeerium (Nordecon)*.

([100]) Jistgħu jintużaw varjanti li jippermettu flessibbiltà akbar fl-ispeċifikazzjonijiet, fejn meħtieġ. Ir-regoli dwar il-varjanti huma stabbiliti fl-Artikolu 45 tad-Direttiva 2014/24/UE u fl-Artikolu 64 tad-Direttiva 2014/25/UE.

Fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, tista' teħtieġ l-użu ta' żebgħat mhux tossiċi fil-prodotti speċifiċi li jkunu qed jinxtraw. Rekwiżiti aktar ġenerali dwar is-sikurezza tal-ħaddiema jistgħu jifformaw parti mill-kriterji tal-għażla u/jew mill-klawżoli dwar l-eżekuzzjoni ta' kuntratt.

Hemm modi differenti kif jiġu fformulati l-ispeċifikazzjonijiet: bl-użu ta' standards Ewropej, internazzjonali jew nazzjonali rikonoxxuti, ta' rekwiżiti tal-prestazzjoni jew funzjonali, jew xi taħlita ta' dawn l-approċċi. L-ispeċifikazzjonijiet ibbażati fuq il-prestazzjoni jistgħu jkunu partikolarment adattati għas-servizzi, inklużi dawk li għandhom element soċjali. Pereżempju, jekk qed tixtri servizzi ta' kura fid-dar għal persuni akbar fl-età, l-ispeċifikazzjonijiet jistgħu jirrikjedu ċerti riżultati f'termini tal-indipendenza u tal-benesseri tar-riċevituri tas-servizz. Jenħtieġ li tifformolahom b'mod oġġettiv u trasparenti sabiex ikunu jistgħu jinftiehmu mill-offerenti kollha. Jeħtieġlek ukoll taħseb dwar kif tevalwa l-konformità – pereżempju, dikjarazzjoni mill-offerenti dwar l-approċċ tagħhom għaż-żjarat fid-djar, it-taħriġ tal-persunal u l-kontroll tal-kwalità.

Rekwiżit ġenerali għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi huwa li dawn joffru aċċess ugwali għall-offerenti kollha, u għalhekk jeħtieġ li tqis kif ir-rekwiżiti tiegħek jaffettwaw il-kapaċità ta' operaturi differenti (inklużi, eż., organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali u intrapriżi soċjali) sabiex jikkompetu. Mod kif tagħmel dan huwa billi tħejji abbozz ta' verżjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tiegħek fl-istadju ta' qabel l-akkwist, u titlob feedback mingħand l-operaturi interessati kollha bħala parti minn konsultazzjoni mas-suq. Dan jista' jgħinek tiżgura li ma tinkludix elementi li jistgħu jkunu ostaklu għall-parteċipazzjoni, jew li jiffavorixxu jew jiżvantaġġaw bla bżonn lil xi operatur.

Il-konsultazzjoni mal-utenti tista' tgħin ukoll sabiex jiġi żgurat li l-ispeċifikazzjonijiet jirriflettu l-ħtiġijiet veri – u ma jkun fihom l-ebda element mhux meħtieġ. Pereżempju, l-utenti tal-libreriji jaf ikunu jistgħu jagħtu pariri dwar il-varjetà u l-format tal-materjal li għandu jiġi pprovdut, kif ukoll dwar il-faċilitajiet u s-servizzi mixtieqa. Il-KAPITOLU 3 jagħti ħarsa fid-dettall lejn ir-rwol tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet u l-konsultazzjoni mal-utenti fl-SRPP.

### 4.4.1 *Rekwiżiti ta' Aċċessibbiltà fl-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi*

L-Artikolu 42(1) tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikolu 60(1) tad-Direttiva 2014/25/UE jiddikjaraw li:

Għall-akkwist kollu li hu maħsub għall-użu minn persuni fiżiċi, kemm jekk il-pubbliku ġenerali kif ukoll jekk il-persunal tal-awtorità kontraenti, dawk l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jitfasslu b'mod li jikkunsidraw il-kriterji ta' aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà jew ta' disinn għall-utenti kollha ([101]).

Dan ifisser li l-akkwirenti pubbliċi (jew l-entitajiet tas-settur tal-utilitajiet) ma għandhomx għażla dwar jekk jipprovdux oġġetti, servizzi u xogħlijiet li jkunu aċċessibbli għall-utenti kollha – dan huwa obbligu legali. Int tkun tista' tuża kampijiet mhux obbligatorji speċifiċi fil-formoli standard aġġornati (għal aktar informazzjoni dwar il-formoli standard il-ġodda, ara t-Taqsima 3.6) sabiex tindika jekk intix qed tintroduċi kriterji ta' aċċessibbiltà fl-akkwist tiegħek u sabiex tipprovdi ġustifikazzjoni meta dan ma jkunx il-każ.

Meta r-rekwiżiti obbligatorji ta' aċċessibbiltà jkunu ddefiniti skont id-dritt tal-UE, dawn iridu jissemmew fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

Dan huwa l-każ skont id-Direttiva (UE) 2019/882 *dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi* – magħrufa bħala l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà, li tistabbilixxi rekwiżiti ta' aċċessibbiltà komuni sabiex jiġi żgurat li l-persuni b'diżabilità u l-anzjani jkunu jistgħu jaċċessaw prodotti u servizzi fuq bażi ugwali ma' oħrajn. Dan jirrifletti wkoll l-obbligu skont il-*Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità* (UNCRPD) li l-Istati Partijiet jipprovdu prodotti, servizzi u infrastrutturi aċċessibbli.

Għalkemm ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà tal-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà (EEA) japplikaw biss mill-2025 ([102]), minħabba l-obbligu applikabbli skont id-Direttiva 2014/24/UE u d-Direttiva 2014/25/UE, hemm raġuni b'saħħitha sabiex issir referenza għalihom fid-dokumenti tas-sejħiet għal offerti ppubblikati qabel din id-data. Dan jista' jgħin sabiex ikun hemm konformità mar-regoli tal-UE dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u sabiex jiġi żgurat li s-suq ikun lest li jipprovdi aċċessibbiltà sħiħa mill-2025.

L-EEA tkopri l-prodotti u s-servizzi li ġejjin:

— Kompjuters u sistemi operattivi

— Terminals tal-pagamenti u ATMs

([101]) Ma hemm l-ebda dispożizzjoni korrispondenti applikabbli għal konċessjonijiet irregolati skont id-Direttiva 2014/23/UE.

([102]) Id-Direttiva tipprovdi eżenzjoni għas-servizzi tat-trasport urban, suburban u reġjonali kif ukoll għas-servizzi pprovduti minn mikrointrapriżi (intrapriża li timpjega anqas minn 10 persuni u li għandha fatturat annwali li ma jaqbiżx iż-EUR 2 miljun jew total tal-karta bilanċjali annwali li ma jaqbiżx iż-EUR 2 miljun).

— Magni tal-biljetti u taċ-check-in

— Terminals interattivi self-service li jipprovdu informazzjoni

— Smartphones

— Tagħmir tat-TV relatat mas-servizzi tat-televiżjoni diġitali

— Servizzi tat-telefonija u tagħmir relatat

— Aċċess għal servizzi tal-midja awdjoviżiva bħax-xandir tat-televiżjoni u tagħmir relatat għall-konsumatur

— Ċerti servizzi relatati mat-trasport tal-passiġġieri bl-ajru, bix-xarabanks, bil-ferrovija u fuq l-ilma

— Servizzi bankarji għall-konsumatur

— Kotba elettroniċi

— Kummerċ elettroniku

— In-numru uniku Ewropew ta' emerġenza "112"

**Rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għal servizzi ta' konsulenza online f'Espoo, il-Finlandja**

**Objettiv tal-akkwist**

Il-Belt ta' Espoo inkludiet rekwiżit ta' aċċessibbiltà fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-sejħiet għal offerti tagħha għal servizzi ta' konsulenza online sabiex tagħmel il-kontenut aċċessibbli għal persuni b'diżabilità jew b'insuffiċjenzi.

**Approċċ**

Is-servizz offrut irid ikun aċċessibbli u konformi mal-livelli A u AA tad-WCAG 2.0, il-Linji Gwida dwar l-Aċċessibbiltà tal-Kontenut tal-Web. Dawn jinkludu, pereżempju, persuni għomja u b'insuffiċjenza fil-vista, b'telf tas-smigħ u b'insuffiċjenza fis-smigħ, b'diffikultajiet fit-tagħlim, b'limitazzjonijiet konjittivi, b'mobbiltà mnaqqsa, b'disturbi fid-diskors, b'sensittività għad-dawl u b'kombinazzjonijiet ta' dawn ta' hawn fuq. Il-kriterji ta' suċċess fid-WCAG 2.0 huma ddefiniti bħala dikjarazzjonijiet li jistgħu jiġu ttestjati u, għalhekk, mhumiex dipendenti fuq teknoloġiji individwali.

**Riżultati**

Is-sit web li rriżulta tejjeb l-aċċessibbiltà tas-servizzi ta' konsulenza online tal-Belt, u għen lil Espoo tipprovdi appoġġ aħjar liċ-ċittadini tagħha li għandhom diżabilità jew insuffiċjenzi.

**Tagħlimiet meħuda**

L-inklużjoni tar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà fis-sejħiet għal offerti żżid l-utilizzabilità tas-servizz ipprovdut u tippermetti liċ-ċittadini jagħmlu l-aħjar użu mis-servizzi pubbliċi

*Sors:* Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u tal-Impjiegi tal-Finlandja, Guide to Socially Responsible Public Procurement (2017)

Ir-rekwiżiti obbligatorji ta' aċċessibbiltà jiżguraw li l-prodotti u s-servizzi jiġu ddisinjati u mmanifatturati b'tali mod li jimmassimizzaw l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'diżabilità u jkunu akkumpanjati fejn possibbli b'informazzjoni aċċessibbli fil-prodott jew fuqu dwar il-funzjonament u l-**karatteristiċi** ta' aċċessibbiltà tagħhom. **Barra minn hekk, l-Anness III tal-EEA jistabbilixxi rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-ambjent mibni,** li jistgħu jiġu applikati mill-Istati Membri. Peress li l-obbligu li jiġu inklużi r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi japplika wkoll għall-kuntratti ta' xogħlijiet, l-Anness jista' jipprovdi punt tat-tluq utli għall-kuntratti ta' disinn u ta' kostruzzjoni.

Standards armonizzati jew speċifikazzjonijiet tekniċi għar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti jew għas-servizzi żviluppati mill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni, inklużi dawk żviluppati taħt l-EEA, jistgħu jiġu riferiti direttament fid-dokumenti tal-akkwist. Pereżempju, l-istandard EN 301 549 ([103]) fih rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi tal-ICT, u EN 17210 ([104]), jinkludi rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għal varjetà wiesgħa ta' bini u ta' infrastrutturi.

([103]) Ara https://www.etsi.org/deliver/etsi_en/301500_301599/301549/03.01.01_60/en_301549v030101p.pdf

([104]) Ara https://ec.europa.eu/growth/tools-databases/mandates/index.cfm?fuseaction=search.detail&id=392 u https://standards.cen.eu/dyn/www/f?p=204:110:0::::FSP_PROJECT,FSP_LANG_ID:65077.25&cs=1B1F504D7DCF7711690E22BAE7CED456A

Leġiżlazzjoni oħra tal-UE tista' tistabbilixxi wkoll rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għal prodotti jew għal servizzi, u l-konformità mal-EEA tista' tgħin sabiex tiġi stabbilita konformità ma' din il-leġiżlazzjoni.

***Prattiki tajbin***

— L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jenħtieġ li jiġu abbozzati bir-reqqa sabiex jinkludu kwalunkwe aspett soċjali essenzjali mingħajr ma jintroduċu xi restrizzjoni bla bżonn fuq il-kompetizzjoni.

— L-ispeċifikazzjonijiet funzjonali jew ibbażati fuq il-prestazzjoni jistgħu jkunu partikolarment adattati għal kuntratti ta' servizz li jinkludu aspetti soċjali, eż. sabiex jiġu ddefiniti l-eżiti mixtieqa tas-servizz.

— L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jistgħu jkunu relatati mal-proċess tal-produzzjoni, li mhux bilfors ikun ovvju fil-prodott finali. Madankollu, dawn iridu jkunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt u proporzjonati għall-valur u għall-objettivi tiegħu.

— Huwa obbligatorju li jiġu inklużi rekwiżiti ta' aċċessibbiltà fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-akkwist kollu li se jintuża min-nies. L-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà jiddefinixxi xi wħud minn dawn ir-rekwiżiti għal numru ta' prodotti u ta' servizzi mixtrija b'mod komuni.

— Ladarba jsiru disponibbli, uża l-kampijiet fakultattivi speċifiċi fil-formoli standard il-ġodda sabiex tiċċara jekk użajtx kriterji ta' aċċessibbiltà, u spjega għaliex dan ma kienx possibbli f'każijiet debitament iġġustifikati.

## 4.5 **Konformità mal-Liġi Soċjali u tax-Xogħol, u ma' Ftehimiet Kollettivi**

Id-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku jinkludu klawżola soċjali u ambjentali ([105]), li tiddikjara li l-Istati Membri jeħtiġilhom jieħdu miżuri adegwati sabiex jiżguraw li fl-eżekuzzjoni tal-kuntratti ta' akkwist pubbliċi, l-operaturi ekonomiċi jikkonformaw "mal-obbligi applikabbli fl-oqsma tal-liġi ambjentali, soċjali u tax-xogħol stabbiliti mil-liġi tal-Unjoni, id-dritt nazzjonali, il-ftehimiet kollettivi jew mid-dispożizzjonijiet tal-liġi internazzjonali tal-ambjent, soċjali u tax-xogħol".

Il-ftehimiet internazzjonali msemmija f'din id-dispożizzjoni huma elenkati f'Anness ([106]), u jinkludu t-8 konvenzjonijiet ewlenin tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO):

— Il-Konvenzjoni 87 dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Protezzjoni tad-Dritt għall-Organizzazzjoni

— Il-Konvenzjoni 98 dwar id-Dritt ta' Organizzazzjoni u tal-Innegozjar Kollettiv

— Il-Konvenzjoni 29 dwar ix-Xogħol Furzat

— Il-Konvenzjoni 105 dwar l-Abolizzjoni tax-Xogħol Furzat

— Il-Konvenzjoni 138 dwar l-Età Minima

— Il-Konvenzjoni 111 dwar id-Diskriminazzjoni (Impjiegi u Xogħol)

— Il-Konvenzjoni 100 dwar ir-Remunerazzjoni Indaqs

— Il-Konvenzjoni 182 dwar l-Agħar Forom tax-Xogħol tat-Tfal

Minbarra l-obbligu ġenerali tal-Istati Membri li jiżguraw ir-rispett ta' dawn id-dispożizzjonijiet fl-eżekuzzjoni ta' kuntratti pubbliċi, din il-"klawżola soċjali u ambjentali" għandha numru ta' applikazzjonijiet aktar speċifiċi. Evidenza li l-offerent naqas milli jikkonforma mal-liġi soċjali jew tax-xogħol applikabbli, jew ma' ftehimiet kollettivi, jista' jkollha konsegwenzi serji bħal:

— Rifjut tal-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża ([107]);

— Esklużjoni mill-proċedura ta' akkwist ([108]);

— Ir-rifjut ta' offerti anormalment baxxi ([109]); u/jew

— Ir-responsabbiltà konġunta tas-sottokuntratturi u tal-kuntratturi ewlenin għal kwalunkwe ksur tal-obbligi rilevanti tal-liġi ambjentali, soċjali u tax-xogħol ([110]).

([105]) L-Artikolu 18(2) tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 36(2) tad-Direttiva 2014/25/UE u l-Artikolu 30(3) tad-Direttiva 2014/23/UE.
([106]) L-Anness X tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Anness XIV tad-Direttiva 2014/25/UE, l-Anness X tad-Direttiva 2014/23/UE.
([107]) L-Artikolu 56(1) tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 76(6) tad-Direttiva 2014/25/UE.
([108]) L-Artikolu 57(4)(a) tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 80(1) tad-Direttiva 2014/25/UE, l-Artikolu 38(7)(a) tad-Direttiva 2014/23/UE.
([109]) L-Artikolu 69(3) tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 84(3) tad-Direttiva 2014/25/UE.
([110]) L-Artikolu 71(6) tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 88(6) tad-Direttiva 2014/25/UE, l-Artikolu 42(4) tad-Direttiva 2014/23/UE.

Il-klawżola soċjali u ambjentali hija għodda b'saħħitha li tappoġġa l-SRPP. L-awtoritajiet nazzjonali jista' jkollhom miżuri speċifiċi fis-seħħ sabiex jiżguraw konformità mal-obbligi msemmija fil-klawżola soċjali u ambjentali, jew jistgħu jiddependu fuq l-akkwirenti pubbliċi sabiex jivverifikaw il-konformità fuq bażi ta' każ b'każ. Mod wieħed kif tgħin sabiex tiġi żgurata l-effettività tagħha huwa li fid-dokumenti tas-sejħiet għal offerti ssir referenza għal obbligi speċifiċi skont il-liġi soċjali u tax-xogħol u l-ftehimiet kollettivi li japplikaw għall-kuntratt, u li l-offerenti jintalbu jikkonfermaw il-konformità tagħhom. Għal dan l-għan, l-akkwirenti pubbliċi jistgħu jitolbu evidenza ta' konformità jew awtodikjarazzjonijiet mill-offerenti. Imbagħad dawn jenħtieġ li jissaħħu b'termini kuntrattwali li jirrikjedu konformità mal-obbligi rilevanti matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt u jkunu akkumpanjati minn miżuri ta' monitoraġġ effettivi (ara t-Taqsimiet 5.2 u 5.4).

L-obbligi nazzjonali fil-qasam tal-liġi soċjali u tax-xogħol dejjem iridu jiġu applikati b'mod konsistenti mad-dritt tal-UE u mal-prinċipji tat-trasparenza, tan-nondiskriminazzjoni u tat-trattament ugwali. Għalhekk, kwalunkwe rekwiżit impost fuq l-offerenti fuq il-bażi tal-liġi nazzjonali soċjali u tax-xogħol jew ta' ftehimiet kollettivi jenħtieġ li ma jwassalx għal diskriminazzjoni diretta jew indiretta kontra offerenti jew ħaddiema minn Stati Membri oħra.

Bl-istess mod, ir-rekwiżiti tas-sejħiet għal offerti bbażati fuq il-liġi soċjali u tax-xogħol nazzjonali jew fuq ftehimiet kollettivi jenħtieġ li ma jwasslux għal diskriminazzjoni kontra xogħlijiet, provvisti, servizzi u operaturi ekonomiċi ta' pajjiżi tal-GPA jew pajjiżi li għandhom ftehim bilaterali mal-UE li jinkludi KAPITOLU dwar l-akkwist, sa fejn dawn ikunu koperti minn dawn il-ftehimiet.

Pereżempju, mhuwiex possibbli li jiġu applikati l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-Istat tiegħek stess fejn kuntratt jiġi eżegwit mill-bogħod fi Stat Membru ieħor, f'pajjiżi tal-GPA jew f'pajjiżi li jkollhom ftehim bilaterali mal-UE li jinkludi KAPITOLU dwar l-akkwist.

It-Taqsima 5.2 fiha aktar informazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-liġijiet soċjali u tax-xogħol u l-ftehimiet kollettivi fil-kuntratti pubbliċi.

**L-użu tal-akkwist fil-Katalonja (Spanja) sabiex jissaħħu d-drittijiet tal-ħaddiema fil-ktajjen tal-provvista tal-prodotti elettroniċi tal-Katalonja**

**Objettiv tal-akkwist**

L-Assoċjazzjoni Katalana tal-Awtoritajiet Lokali (L'Associació Catalana de Municipis – ACM) tirrappreżenta aktar minn 1 000 korp lokali, jew 95 % tal-muniċipalitajiet fir-reġjun. Waħda mill-funzjonijiet tagħha hija li taġixxi bħala akkwirent ċentrali, filwaqt li tgħaqqad il-ħtiġijiet u tiffranka l-ispejjeż amministrattivi għall-membri tagħha. Fl-2018, ACM saret affiljat ta' Electronics Watch, li l-klawżoli soċjali tagħha issa qed jiżdiedu mas-sejħiet għal offerti, inkluż qafas ta' stampar riċenti li fih qed jipparteċipaw 80 muniċipalità.

**Approċċ**

Il-klawżoli ta' Electronics Watch jirrikjedu li l-kuntratturi jwettqu d-diliġenza dovuta sabiex jiksbu trasparenza fil-katina tal-provvista, jikkollaboraw ma' superviżuri indipendenti, u jirrimedjaw ksur tad-drittijiet tax-xogħol u tal-istandards tas-sikurezza. Dawn huma konsistenti mad-Direttiva 2014/24/UE dwar l-akkwist pubbliku u jirriflettu l-Prinċipji ta' Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Intrapriżi Multinazzjonali. Il-klawżoli fihom kodiċi ta' standards tax-xogħol li jirreferu għal-liġijiet domestiċi kif ukoll għall-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO.

**Riżultati**

It-talba ta' divulgazzjoni inizjali ntlaqgħet b'rispons pożittiv mill-kuntratturi. Il-kuntratturi pprovdew informazzjoni dettaljata dwar il-katina tal-provvista rigward mudelli speċifiċi ta' prodotti u postijiet tal-produzzjoni użati skont il-kuntratt. Fuq il-bażi tar-riżultati tal-monitoraġġ eżistenti għal dawn il-mudelli u l-postijiet, Electronics Watch setgħet tħejji valutazzjoni tar-riskju għall-ACM. Id-dettalji żvelati minn fornitur wieħed saħħew proċess ta' involviment kontinwu f'fabbrika tal-istampar fl-Asja t'Isfel. Fuq il-bażi tad-dettalji tal-post tal-produzzjoni, se jiġi implimentat pjan ta' monitoraġġ, bl-użu tal-għarfien espert lokali sabiex jiġu mmonitorjati d-drittijiet tax-xogħol. ACM diġà qed tippjana li tinkludi l-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' Electronics Watch f'żewġ ftehimiet qafas oħra – għar-rapportar tal-IT u tal-vidjo tal-plenarji.

**Tagħlimiet meħuda**

Hemm bżonn li l-industrija - kemm ir-rivendituri kif ukoll il-marki u l-fornituri tagħhom – tkompli tiżviluppa t-trasparenza tal-katina tal-provvista. Bħalissa, id-divulgazzjoni ta' informazzjoni fil-livell tal-komponenti għadha ta' sfida għall-industrija, iżda fundamentali sabiex tippermetti trasparenza fil-katina tal-provvista li hija marbuta mas-suġġett kif meħtieġ mid -Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku. Jekk aktar akkwirenti pubbliċi jitolbu divulgazzjoni tal-postijiet tal-produzzjoni, dan jgħin sabiex dan jiġi stabbilit bħala prattika standard fl-industrija.

## 4.6 **Kriterji ta’ Esklużjoni u tal-Għażla**

### 4.6.1 ***Raġunijiet għall-esklużjoni***

Id-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku jirrikonoxxu li ċerti operaturi ma għandhomx ikunu eliġibbli sabiex jirbħu kuntratti pubbliċi minħabba prattiki kriminali serji jew mhux etiċi. Huma jirrikonoxxu wkoll li ksur dokumentat tar-responsabbiltà korporattiva jew prestazzjoni preċedenti dgħajfa jistgħu jkunu raġunijiet għall-esklużjoni. Ir-raġunijiet għall-esklużjoni huma maqsuma f’żewġ kategoriji: obbligatorji (li jridu jiġu applikat fl-offerti kollha) u diskrezzjonali (li l-akkwirenti pubbliċi jistgħu jagħżlu li japplikaw, jew li jistgħu jsiru obbligatorji skont il-liġi nazzjonali). It-tabella ta’ hawn taħt turi r-raġunijiet obbligatorji u diskrezzjonali ta’ esklużjoni li huma l-aktar rilevanti għall-SRPP – hemm raġunijiet addizzjonali stabbiliti fid-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku ([111]).

*Tabella 4.3*

**Raġunijiet għall-esklużjoni marbuta mal-SRPP**

| Raġunijiet obbligatorji għall-esklużjoni ([1]) | Raġunijiet diskrezzjonali għall-esklużjoni ([2]) |
|---|---|
| Kundanna permezz ta’ sentenza li tagħlaq l-istanza għat-tħaddim tat-tfal jew għal forom oħra ta’ traffikar tal-bnedmin. | Ksur ta’ obbligi relatati mal-ħlas ta’ taxxi jew tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali – muri bi kwalunkwe mezz xieraq |
| | Ksur tal-obbligi applikabbli skont il-klawżola soċjali u ambjentali, jiġifieri l-obbligi tal-liġi ambjentali, soċjali u tax-xogħol stabbiliti fid-dritt tal-UE, fid-dritt nazzjonali, fi ftehimiet kollettivi jew fil-konvenzjonijiet ewlenin tal-ILO |
| Ksur ta’ obbligi relatati mal-ħlas ta’ taxxi jew tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali – stabbilit b’deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li jkollha effett finali u vinkolanti. | Imġiba professjonali ħażina gravi li tixħet dubju fuq l-integrità |
| | Nuqqasijiet sinifikanti jew persistenti fl-eżekuzzjoni ta’ rekwiżit sostantiv taħt kuntratt preċedenti |
| | Rappreżentazzjoni ħażina serja jew inkapaċità għas-sottomissjoni ta’ dokumenti ta’ sostenn |

([1]) L-Artikolu 57(1) u (2) tad-Direttiva 2014/24/UE. Ara wkoll l-Artikolu 80(1) tad-Direttiva 2014/25/UE u l-Artikolu 38(4) u (5) għal konċessjonijiet irregolati bid-Direttiva 2014/23/UE

([2]) L-Artikolu 57(2) u 57(4) tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikolu 38(7) tad-Direttiva 2014/23/UE. Għal kuntratti dwar l-utilitajiet, l-applikabbiltà tar-raġunijiet diskrezzjonali tista’ tvarja skont ir-regoli nazzjonali (ara l-Artikolu 80(1) tad-Direttiva 2014/25/UE)

L-offerenti kollha jridu jintalbu jikkonfermaw li l-ebda waħda mir-raġunijiet obbligatorji għall-esklużjoni u l-ebda waħda mir-raġunijiet diskrezzjonarji li japplikaw għall-proċedura ma jikkonċernawhom. Evidenza preliminari ta’ konformità tiġi pprovduta permezz tad-Dokument Ewropew Uniku għall-Akkwist (ESPD) jew tista’ tiġi pprovduta permezz ta’ forma oħra ta’ awtodikjarazzjoni skont il-kuntratt speċifiku kkonċernat; madankollu, tista’ titlob dokumenti ta’ sostenn fi kwalunkwe ħin meta dawn ikunu meħtieġa għall-prosegwiment xieraq tal-proċedura ([112]).

Għar-raġunijiet obbligatorji għall-esklużjoni, il-perjodu massimu ta’ esklużjoni huwa ta’ ħames snin mid-data tal-kundanna finali, sakemm ma jkunx ġie speċifikat perjodu itwal fis-sentenza. Għar-raġunijiet diskrezzjonali, il-perjodu massimu ta’ esklużjoni huwa ta’ tliet snin mill-avveniment rilevanti ([113]). Fiż-żewġ każijiet, l-offerenti jistgħu jfittxu li jistabbilixxu l-affidabbiltà tagħhom minkejja l-eżistenza ta’ raġuni waħda jew aktar għall-esklużjoni (magħrufa bħala “awtopulitura”). Sabiex jagħmlu dan, iridu jipprovdu evidenza tal-miżuri speċifiċi meħuda sabiex jindirizzaw u jipprevjenu reati kriminali u mġiba ħażina ulterjuri, bħall-ħlas ta’ kumpens fir-rigward ta’ kwalunkwe ħsara kkawżata, kollaborazzjoni attiva mal-awtoritajiet investigattivi u miżuri tekniċi, organizzazzjonali u tal-persunal konkreti ([114]).

([111]) L-Artikolu 57 tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 80 tad-Direttiva 2014/25/UE, l-Artikolu 38 tad-Direttiva 2014/23/UE.
([112]) L-Artikolu 59(4) tad-Direttiva 2014/24/UE. Huwa possibbli wkoll li kuntratt jiġi tterminat jekk kuntrattur kien f’waħda mis-sitwazzjonijiet ta’ esklużjoni obbligatorja fiż-żmien tal-għoti (l-Artikolu 73(b) tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 90(b) tad-Direttiva 2014/25/UE, l-Artikolu 44(b) tad-Direttiva 2014/23/UE).
([113]) L-Artikolu 57(7) tad-Direttiva 2014/24/UE, li jista’ japplika wkoll għall-utilitajiet (ara l-Artikolu 80 tad-Direttiva 2014/25/UE), l-Artikolu 38(10) tad-Direttiva 2014/23/UE. Perjodi iqsar ta’ esklużjoni jistgħu jiġu speċifikati wkoll fil-liġi nazzjonali.
([114]) L-Artikolu 57(6) tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 80 tad-Direttiva 2014/25/UE, l-Artikolu 38(9) tad-Direttiva 2014/23/UE.

Huwa f'idejn l-akkwirent pubbliku li jevalwa dawn il-miżuri u jiddeċiedi jekk humiex biżżejjed sabiex jippermettu lill-offerent jipparteċipa fil-proċedura. Jekk le, l-offerent irid jingħata dikjarazzjoni tar-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni.

**Ġlieda Kontra t-Tħaddim tat-Tfal fil-Ktajjen tal-Provvista – Liġijiet ta' Franza u tan-Netherlands**

Huwa obbligatorju li jiġu esklużi kumpaniji kkundannati b'reati relatati mat-tħaddim tat-tfal jew mat-traffikar ta' bnedmin minn proċeduri ta' akkwist. Minħabba li tali ksur spiss iseħħ fi ħdan ktajjen kumplessi tal-provvista, jista' jkun diffiċli li tinkiseb informazzjoni affidabbli dwaru. Kemm Franza kif ukoll in-Netherlands adottaw liġijiet dwar id-diliġenza dovuta, li jimponu l-obbligu fuq il-kumpaniji sabiex jiddeterminaw jekk hemmx riskji ta' tħaddim tat-tfal fil-ktajjen tal-provvista tagħhom, sabiex jieħdu azzjoni kontrihom, u sabiex jirrapportaw pubblikament dwar dawn l-azzjonijiet.

Meta t-tali liġijiet ikunu japplikaw għal offerenti għal kuntratt, in-nuqqas ta' konformità mal-obbligi ta' diliġenza dovuta jista' jwassal għal esklużjoni skont l-Artikolu 57(4)(a) tad-Direttiva 2014/24/UE (ksur tal-obbligi applikabbli skont il-klawżola soċjali u ambjentali). Dan ma jkunx il-każ jekk il-liġi dwar id-diliġenza dovuta ma tapplikax għal offerent, pereżempju minħabba l-post tal-kwartieri ġenerali tiegħu jew in-numru ta' impjegati.

### 4.6.2 Kriterji tal-Għażla ([115])

Filwaqt li l-kriterji ta' esklużjoni jiffokaw fuq fatturi negattivi li jistgħu jwaqqfek milli tagħti kuntratt lil offerent, il-kriterji tal-għażla jistgħu jgħinuk tidentifika dawk li jinsabu fl-aħjar pożizzjoni sabiex jissodisfaw l-aspetti soċjali tal-kuntratt tiegħek. B'mod partikolari, l-istabbiliment ta' kriterji tal-għażla xierqa bbażati fuq il-qagħda ekonomika u finanzjarja, fuq ir-riżorsi tekniċi u umani, u fuq l-esperjenza jista' jgħin għat-twettiq tal-SRPP, filwaqt li jiżgura li firxa wiesgħa ta' organizzazzjonijiet ikunu jistgħu jagħmlu offerti għall-kuntratt tiegħek.

Xi eżempji ta' kriterji tal-għażla li jistgħu jikkontribwixxu għall-SRPP huma:

— Rekwiżiti dwar il-qagħda finanzjarja (eż. fatturat, profittabilità) li huma limitati għal dak li huwa meħtieġ sabiex jiġi żgurat li l-offerent ikun kapaċi jforni l-kuntratt u ma jillimitax il-parteċipazzjoni minn organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali, minn intrapriżi soċjali, minn organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u minn organizzazzjonijiet komunitarji;

— Kriterji li jeħtieġu esperjenza u għarfien espert speċifiċi dimostrabbli mill-organizzazzjonijiet u/jew mit-timijiet tagħhom fl-indirizzar ta' kwistjonijiet soċjali rilevanti għall-kuntratt tiegħek, eż. l-aċċessibbiltà, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni;

— Kapaċità teknika għall-monitoraġġ tal-prattiki tax-xogħol tul il-katina tal-provvista ([116]), inklużi sistemi ta' ġestjoni u sħubiji ma' organizzazzjonijiet oħra; u/jew

— Evidenza tal-eżekuzzjoni kompluta b'suċċess ta' kuntratti preċedenti li jinvolvu rekwiżiti soċjali simili, eż. reklutaġġ u opportunitajiet għal titjib tal-ħiliet ta' apprendisti jew ta' ħaddiema żvantaġġati.

**Ir-Rabta mas-Suġġett u l-Proporzjonalità fil-Kriterji tal-Għażla**

Il-kriterji kollha tal-għażla jeħtieġ li jkunu relatati u proporzjonati mas-suġġett tal-kuntratt. Dan ifisser li jenħtieġ li ma tiħux approċċ ġeneriku għall-istabbiliment tal-kriterji tal-għażla, iżda ara li jkunu xierqa sabiex jintlaħqu l-objettivi tiegħek (inklużi l-objettivi tal-SRPP) u li ma jmorrux lil hinn minn dak li jkun meħtieġ.

Jekk qed titlob evidenza ta' miżuri ta' ġestjoni tal-katina tal-provvista, pereżempju, ma tistax teħtieġ li dawn imorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dak li tkun qed tixtri (eż. b'tali mod li jkunu koperti l-operazzjonijiet kollha ta' kumpanija). Jenħtieġ li tevita wkoll li tistabbilixxi rekwiżiti għal esperjenza preċedenti li jew ikunu estensivi wisq, jew restrittivi wisq – żomm f'moħħok li xi offerenti jista' jkollhom esperjenza rilevanti miksuba f'setturi jew f'oqsma ta' attività oħra. Dan l-approċċ għall-kriterji tal-għażla jgħin ukoll sabiex jiġi żgurat li l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali, l-intrapriżi soċjali u l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ jkunu jistgħu jikkompetu għall-kuntratt tiegħek.

([115]) L-Artikolu 58 tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 80 tad-Direttiva 2014/25/UE, l-Artikolu 38(1) u (2) tad-Direttiva 2014/23/UE.
([116]) Kif stabbilit fil-punt (d) tal-Parti II tal-Anness XII tad-Direttiva 2014/24/UE.

L-evidenza fir-rigward tal-kriterji tal-għażla tiġi, għall-ewwel, mill-ESPD jew tista' tiġi, f'xi każijiet, minn forma oħra ta' awtodikjarazzjoni. Bħal fil-każ tal-kriterji ta' esklużjoni, huwa possibbli li jintalbu dokumenti ta' sostenn fi kwalunkwe punt matul il-proċedura. Għall-kuntrarju tal-kriterji ta' esklużjoni, il-kriterji tal-għażla jenħtieġ li jkunu speċifiċi għal kull kuntratt, sabiex jiġu żgurati l-proporzjonalità u r-rabta tagħhom mas-suġġett.

Fir-rigward tal-aċċessibbiltà, l-istandard EN 17161:2019 dwar id-Disinn għal Kulħadd ([117]) jistabbilixxi approċċ ta' disinn tal-aċċessibbiltà għall-prodotti, għall-oġġetti u għas-servizzi li għandu l-għan li jestendi l-firxa ta' utenti. Dan l-istandard jista' jissemma fil-kriterji tal-għażla bħala parti mir-rekwiżiti tal-kapaċità teknika tiegħek, sabiex jiġi ddeterminat jekk l-offerenti għandhomx proċeduri xierqa fis-seħħ sabiex jipprovdu prodotti u servizzi aċċessibbli. F'dan il-każ jenħtieġ li tiġi kkunsidrata wkoll evidenza ta' konformità ma' standards ekwivalenti.

***Prattiki tajbin***

— Uża kriterji obbligatorji u mhux obbligatorji ta' esklużjoni sabiex tiżgura li l-offerenti ma jkunu wettqu l-ebda ksur tal-liġi soċjali jew tax-xogħol applikabbli, jew ta' ftehimiet kollettivi.

— Żviluppa kriterji tal-għażla li huma speċifiċi għall-kuntratt tiegħek u li huma mmirati lejn aspetti soċjali rilevanti marbuta mar-riżorsi tekniċi u umani u mal-esperjenza preċedenti. Evita kriterji finanzjarji jew kriterji oħrajn li jistgħu jipprevjenu lill-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali u lill-intrapriżi soċjali milli jipparteċipaw.

— Ikkunsidra bil-quddiem it-tip ta' evidenza li għandha tintalab mill-offerenti qabel l-għoti tal-kuntratt, u kif din l-informazzjoni tinżamm aġġornata matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt.

— Meta tirċievi offerti minn Stat Membru ieħor tal-UE, int tista' tikkonsulta eCertis ([118]), li tgħinek tifhem liema evidenza hija pprovduta mill-parti l-oħra.

**Applikazzjoni tal-Konvenzjonijiet tal-ILO fl-Akkwist tat-Tessuti minn Ministeru Ċek**

**Objettiv tal-akkwist**

Fl-2015, il-Ministeru Ċek tax-Xogħol u tal-Affarijiet Soċjali (MoLSA) żviluppa l-Istrateġija tiegħu stess tal-Akkwist Soċjalment Responsabbli, li huwa juża bħala gwida għall-iżvilupp tas-sejħiet għal offerti. Din ġiet applikata f'sejħa għal offerti għall-ħwejjeġ li għandhom jitqassmu mill-organizzazzjonijiet tal-karità lil persuni fil-bżonn. Dan l-akkwist kien kofinanzjat minn Fondi Ewropej.

**Approċċ**

Sabiex jiġi evitat ksur tad-drittijiet tax-xogħol u soċjali fil-proċess tal-manifattura tat-tessuti, MoLSA talab li l-offerenti jkollhom sistema li tiggarantixxi li d-drittijiet tax-xogħol protetti skont il-Konvenzjonijiet tal-ILO (tħaddim tat-tfal, xogħol furzat eċċ.) ma jinkisrux matul il-manifattura tal-oġġetti akkwistati. Dan kien kriterju tal-għażla. F'dan l-istadju, MoLSA iffoka biss fuq il-kundizzjonijiet fil-proċessi attwali tal-manifattura tat-tessuti, u mhux fuq il-produzzjoni tal-materja prima. L-offerenti setgħu juru konformità ma' dan ir-rekwiżit permezz ta' sħubija fil-Fair Wear Foundation jew setgħu jissottomettu awtodikjarazzjoni. Fit-tieni każ, l-offerenti kellhom jidentifikaw il-manifattur ta' kull tip ta' prodott, il-marka u l-post tal-manifattura. Dan sabiex l-akkwirent ikun jista' jkollu xi livell ta' kontroll fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-katina tal-provvista.

**Riżultati**

Ir-riskju ta' ksur tal-istandards tax-xogħol u soċjali matul il-produzzjoni tat-tessuti tnaqqas bl-użu tar-rekwiżiti soċjali fl-istadju tal-għażla, filwaqt li ġie żgurat li l-ktajjen tal-provvista tal-offerenti jsiru aktar trasparenti. Skont l-informazzjoni sottomessa mill-offerent rebbieħ, parti sinifikanti tal-produzzjoni tinsab ġewwa l-UE. Barra minn hekk, parti mill-produzzjoni qed issir minn priġunieri, li fil-proċess qed jiżviluppaw ħiliet u referenzi tax-xogħol li se jsostnu r-riintegrazzjoni tagħhom fis-soċjetà malli jinħelsu.

([117]) Ara https://standards.cen.eu/dyn/www/f?p=204:110:0::::FSP_PROJECT:62323&cs=13275480BC8D2104048D1E2104EAD11A2

([118]) eCertis hija sistema ta' informazzjoni li tgħinek tidentifika ċ-ċertifikati differenti użati fi proċeduri ta' akkwist fl-UE kollha. Il-funzjoni tat-tiftix tagħha hija appoġġata fi kwalunkwe lingwa tal-UE. Tista' tikkonsultaha hawn: https://ec.europa.eu/tools/ecertis/#/search

**Tagħlimiet meħuda**

Talbiet sempliċi għat-trasparenza tal-katina tal-provvista jistgħu jwasslu għal benefiċċji mhux mistennija li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti tal-kuntratt. Din is-sejħa għal offerti stabbiliet il-kapaċità li tiġi applikata t-trasparenza fil-katina tal-provvista bħala kundizzjoni tal-parteċipazzjoni. Il-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt għadu sfida.

**Indirizzar tad-drittijiet tal-bniedem permezz tal-akkwist fil-Muniċipalità ta' Stavanger (In-Norveġja)**

**Objettiv tal-akkwist**

Il-muniċipalità Norveġiża ta' Stavanger hija pijunier fl-applikazzjoni ta' kriterji etiċi fl-akkwist tagħha – inkluż l-użu ta' kriterji tal-għażla mmirati. Mill-2010, din talbet li l-offerenti jiddokumentaw il-ktajjen tal-provvista tagħhom b'enfasi fuq dawk il-kuntratti li jippreżentaw l-akbar riskji ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem.

**Approċċ**

Titwettaq valutazzjoni tar-riskju annwali għall-kuntratti pendenti kollha. Għal kuntratti b'riskju għoli, bħat-tessuti, it-tagħmir tal-ICT u t-tagħmir mediku, jiġu applikati kriterji komprensivi tal-għażla relatati mal-kummerċ etiku. Dawn jinkludu r-rekwiżit li l-fornituri jkollhom fis-seħħ sistemi għat-traċċabbiltà tal-katina tal-provvista, proċess ta' valutazzjoni tar-riskju u kodiċi ta' kondotta tal-fornitur. Il-kodiċi ta' kondotta jrid ikun konformi mat-termini kuntrattwali etiċi ta' Stavanger (li huma bbażati fuq il-konvenzjonijiet ewlenin tan-NU u tal-ILO u fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-post tal-produzzjoni). Isiru seminars għall-fornituri sabiex jitħejja s-suq. Matul il-fażi tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt, jintużaw informazzjoni minn sistemi ta' partijiet terzi bħall-Ethical Trading Initiative, kif ukoll laqgħat u kwestjonarji individwali għall-fornituri.

**Riżultati**

L-użu ta' kriterji u ta' sforzi etiċi sabiex tiġi żgurata l-konformità mat-termini stabbiliti fil-kuntratti fil-mira, qed iseħħ bil-mod iżda qed iħalli impatt. L-enfasi kontinwa fuq id-drittijiet tal-bniedem, fuq is-sostenibbiltà u fuq ir-responsabbiltà soċjali fl-akkwist hija meqjusa li poġġiet dawn il-kwistjonijiet fuq l-aġendi tal-fornituri, kif ukoll dawk ta' partijiet oħra tas-settur pubbliku u privat. Permezz ta' djalogu mal-fornituri u ma' networks differenti, awditi tad-dokumentazzjoni, spezzjonijiet fil-fabbriki, eċċ., Stavanger qed iżżid l-għarfien espert intern tagħha fil-qasam. Il-muniċipalità tittama li dalwaqt tkun lesta sabiex tipprova metodi aktar approfonditi, bħal pereżempju li tissupplimenta l-kriterji tal-għażla bi kriterji ġodda għall-għoti, sabiex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet tal-bniedem u s-sostenibbiltà fl-akkwist. Bħalissa, il-kriterji li qed jintużaw huma marbuta mal-proċess ta' kwalifika. Għalhekk, l-użu tal-kriterji għall-għoti huwa l-pass ovvju li jmiss.

**Tagħlimiet meħuda**

Hemm bżonn ta' proċeduri aktar simplifikati sabiex tiġi żgurata l-konformità mat-termini tal-kuntratt etiku. Għalhekk, il-muniċipalità qed tipparteċipa f'kumitat ta' esperti ma' muniċipalitajiet, ma' aġenziji tal-gvern u ma' universitajiet oħra fin-Norveġja. Stavanger qed tmexxi tim iffokat fuq l-industrija tat-tessuti u qed tipparteċipa wkoll f'tim iffokat fuq il-materjali tal-kostruzzjoni u tal-bini. Barra minn hekk, Stavanger qed tipparteċipa fil-Grupp ta' Interess Procura+ dwar l-SRPP tal-ICT. Dawn in-networks jipprovdu lill-muniċipalità b'każijiet u b'input rilevanti għad-dokumenti tas-sejħiet għal offerti u għax-xogħol ta' konformità.

## 4.7 Kriterji għall-Għoti

Il-kuntratti koperti mid-Direttivi tal-UE dwar l-Akkwist Pubbliku jingħataw fuq il-bażi tal-"aktar offerta ekonomikament vantaġġuża" (MEAT), bl-akkwirenti pubbliċi li jistgħu japplikaw firxa wiesgħa ta' kriterji kwalitattivi u relatati mal-ispejjeż. Id-Direttivi jsemmu b'mod speċifiku l-aspetti soċjali fost il-fatturi li jistgħu jiġu inklużi fil-kriterji għall-għoti, flimkien mal-aċċessibbiltà, mad-disinn għall-utenti kollha u mal-kummerċ u l-kondizzjonijiet tiegħu ([119]). Il-kriterji għall-għoti soċjali jistgħu jibagħtu messaġġ qawwi lis-suq rigward l-importanza ta' dawn l-aspetti tal-kuntratt. Xi eżempji ta' kriterji għall-għoti soċjali jkunu:

([119]) L-Artikolu 67(2)(a) tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 82(2)(a) tad-Direttiva 2014/25/UE, l-Artikolu 41(2) tad-Direttiva 2014/23/UE. "Kummerċ u l-kondizzjonijiet tiegħu" jistgħu jinkludu kunsiderazzjonijiet tal-kummerċ ġust, kif stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-368/10 (ara l-kaxxa).

— *Metodoloġija sabiex tiġi żgurata l-inklużjoni soċjali fl-għoti tas-servizz.* L-offerenti jridu jissottomettu pjan dettaljat sabiex jilħqu kull wieħed mill-gruppi fil-mira speċifikati fid-dokumenti tas-sejħa għal offerti.

— *In-numru u l-kwalità ta' apprendistati/opportunitajiet ta' taħriġ maħluqa fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt.* L-offerenti jridu jagħtu dettalji dwar l-approċċ tagħhom għar-reklutaġġ u għat-taħriġ, jipprovdu kampjun ta' speċifikazzjoni tal-impjieg għall-apprendistati u jiddeskrivu l-istrutturi ta' appoġġ li għandhom jiġu stabbiliti.

— *Ċertifikazzjoni ta' partijiet terzi għall-akkwist etiku ta' prodotti kkonsenjati skont il-kuntratt.* Il-marki jingħataw fuq il-bażi tal-perċentwal ta' prodotti b'ċertifikazzjoni tal-Kummerċ Ġust jew ekwivalenti. Jekk ma għandekx ċertifikazzjoni ta' parti terza, indika r-raġuni għal dan u ddeskrivi kwalunkwe miżura interna meħuda sabiex jiġi żgurat l-akkwist etiku ta' prodotti ([120]).

— *Miżuri sabiex tiġi żgurata l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.* Il-marki jingħataw fuq il-bażi ta' miżuri speċifiċi sabiex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni u tiġi appoġġata l-ugwaljanza bejn il-ġeneri (eż. taħriġ tal-persunal, bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, skeda tax-xogħol flessibbli eċċ…).

— *Rekwiżiti addizzjonali ta' aċċessibbiltà.* Il-marki jingħataw fuq il-bażi ta' miżuri speċifiċi sabiex tittejjeb l-aċċessibbiltà lil hinn mir-rekwiżiti inklużi fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ([121])

**Ir-Rabta mas-Suġġett u l-Kriterji għall-Għoti**

Il-kriterji għall-għoti jridu jkunu relatati mal-oġġetti, mas-servizzi jew max-xogħlijiet speċifiċi li jkunu qed jinxtraw. Dan ifisser li jenħtieġ li ma jingħatawx marki (jew jitnaqqsu) sempliċiment minħabba l-preżenza (jew in-nuqqas) ta' politika ta' responsabbiltà soċjali korporattiva. Madankollu, politika bħal din *tista'* sservi bħala evidenza ta' impenn speċifiku magħmul mill-offerenti b'rispons għall-kriterji għall-għoti.

Pereżempju, jekk kriterju għall-għoti jiffoka fuq kif il-benesseri tal-anzjani se jitjieb taħt kuntratt, l-offerenti jistgħu jiddependu parzjalment fuq politika li tiddefinixxi l-approċċ tagħhom sabiex jinvolvu rwieħhom mal-utenti tas-servizz u mal-persunal tat-taħriġ. Madankollu, ma jkunx xieraq li jingħataw marki fuq il-bażi ta' attivitajiet li l-offerenti jwettqu taħt kuntratti oħra.

Sabiex tuża l-kriterji għall-għoti soċjali b'mod effettiv, jenħtieġ li tikkunsidra kif tifformulahom, il-ponderazzjoni tagħhom, u kif se tevalwahom.

Fir-rigward tal-formulazzjoni tal-kriterji għall-għoti soċjali, japplikaw l-istess rekwiżiti ta' trasparenza bħal dawk għal kriterji oħra għall-għoti. Dawn iridu jiġu ddikjarati fl-avviż dwar kuntratt jew fid-dokumenti tal-offerta, flimkien mal-ponderazzjonijiet tagħhom u ma' kwalunkwe subkriterju. Dawn iridu jkunu ċari biżżejjed sabiex kwalunkwe offerent "informat tajjeb b'mod raġonevoli u normalment diliġenti" jkun jista' jifhimhom ([122]). Dawn iridu jiżguraw il-possibbiltà ta' kompetizzjoni effettiva u jippermettu li tiġi vverifikata l-informazzjoni sottomessa mill-offerenti ([123]). Fl-aħħar nett, dawn iridu jkunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt, kif spjegat fil-kaxxa.

F'termini ta' ponderazzjoni, ma hemm l-ebda perċentwal massimu jew minimu ta' marki li tista' tassenja lill-kriterji għall-għoti soċjali. Għal kuntratti fejn jew ir-riskji soċjali (eż. ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem) jew il-benefiċċji soċjali potenzjali (eż. ta' titjib li jista' jitkejjel fil-benesseri għal grupp vulnerabbli jew il-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabilità) ikunu għoljin, jista' jagħmel sens li jkun hemm kriterji għall-għoti soċjali b'ponderazzjoni għolja. Dan jiddependi wkoll fuq jekk l-aspetti soċjali humiex indirizzati fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jew f'postijiet oħra fl-offerta.

**Eżempji ta' Kriterji għal-Għoti Soċjali Kkombinati ma' Kriterji Oħra**

*Eżempju 1*

**Il-ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjieg għal ħaddiema żvantaġġati**

**Kriterji tal-għażla:** L-offerenti jridu jipprovdu evidenza tal-kapaċità tagħhom li jirreklutaw, iħarrġu u jżommu ħaddiema minn grupp żvantaġġat wieħed jew aktar definit. Din l-esperjenza tista' tkun relatata ma' kuntratti preċedenti mwettqa fi kwalunkwe settur. Irid jintwera li l-offerent u/jew is-sottokuntratturi tiegħu jkollhom il-kapaċità li jirreklutaw, iħarrġu u jżommu tali ħaddiema fuq perjodu simili għal dak kopert minn dan il-kuntratt.

([120]) Ara t-Taqsima 4.8 għal diskussjoni dwar ir-rekwiżiti relatati mat-tikketti/maċ-ċertifikazzjoni ta' parti terza.

([121]) Pereżempju, fejn l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jirrikjedu li l-kontenut tal-Web jikkonforma mal-livell ta' konformità AA tal-Web Content Accessibility Guidelines (WCAG) 2.1, jistgħu jingħataw punti addizzjonali lil kwalunkwe offerta li toffri livell ta' konformità AAA.

([122]) Il-Kawża C-19/00 *SIAC Construction Ltd vs County Council of the County of Mayo*, il-punt 42.

([123]) L-Artikolu 67(4) tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 82(4) tad-Direttiva 2014/25/UE, l-Artikolu 41(2) tad-Direttiva 2014/23/UE.

**Kriterji għall-għoti:** Sa 15 % tal-marki disponibbli jingħataw għal offerti bbażati fuq in-numru u fuq il-kwalità tal-opportunitajiet ta' impjieg li jkunu se jsiru disponibbli għall-ħaddiema żvantaġġati. Dawn il-marki se jingħataw fuq il-bażi tal-pjanijiet speċifiċi sottomessi għar-reklutaġġ, għat-taħriġ u għaż-żamma ta' ħaddiema żvantaġġati.

*Eżempju 2*

**Prodotti tal-ikel iċċertifikati bħala li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' kummerċ ġust**

**Kriterji għall-għoti:** Sa 10 % tal-marki disponibbli jingħataw lil offerti li jinkorporaw prodott wieħed jew aktar iċċertifikati minn Fairtrade International jew b'tikketta ekwivalenti. Għall-fini ta' tqabbil tal-offerti, se jiġu kkunsidrati l-valur u l-volum tal-prodott(i) li jġorr(u) din iċ-ċertifikazzjoni li għandhom jiġu forniti skont il-kuntratt. Meta l-offerenti ma jkollhomx ċertifikazzjoni tal-kummerċ ġust għal raġunijiet li mhumiex attribwibbli għalihom, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni fl-offerta.

**Kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt:** Matul il-perjodu tal-kuntratt, il-fornitur jaħdem sabiex jinkorpora prodotti addizzjonali b'ċertifikazzjoni tal-Kummerċ Ġust jew ekwivalenti fl-offerta tiegħu. Sehem mill-prezz tal-kuntratt ikun irriżervat fuq il-bażi tal-issodisfar ta' din il-kundizzjoni, bi ħlas ugwali għall-kost bl-ingrossa addizzjonali tal-provvista ta' prodotti ta' kummerċ ġust li għandu jsir disponibbli ladarba dawn il-prodotti jiġu inkorporati fl-offerta.

Fl-aħħar nett, l-approċċ għall-evalwazzjoni jiddetermina kemm jistgħu jkunu effettivi l-kriterji għall-għoti soċjali. Anki jekk kriterju għall-għoti soċjali ma jkollux ponderazzjoni partikolarment għolja, int tista' tistabbilixxi limitu (eż.. 60 % tal-marki disponibbli għal dak il-kriterju) li l-offerent irid jikseb sabiex l-offerta tkun eliġibbli għal evalwazzjoni ulterjuri ([124]). Huwa importanti wkoll li tintuża l-firxa sħiħa ta' marki disponibbli għall-kriterju sabiex issir distinzjoni xierqa bejn il-prestazzjoni soċjali ta' kull offerta.

**Il-Kawża C-368/10 Il-Kummissjoni vs Ir-Renju tan-Netherlands**

Din il-kawża kienet tikkonċerna l-għoti ta' kuntratt għat-te u għall-kafè minn akkwirent pubbliku Olandiż, li kien jinkludi numru ta' kriterji ta' responsabbiltà ambjentali u soċjali. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrieżaminat dawn il-kriterji fid-dettall, u sabet li wħud minnhom ma kellhomx it-trasparenza meħtieġa (eż. il-ħtieġa li l-offerenti jinvolvu ruħhom f'"akkwist sostenibbli u negozju soċjalment responsabbli" mingħajr aktar dettalji).

Madankollu, hija sostniet ukoll li t-tikketti li jittrattaw kunsiderazzjonijiet relatati mal-kummerċ ġust jistgħu jitqiesu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt. L-Artikolu 43 tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikolu 61 tad-Direttiva 2014/25/UE kkodifikaw u ċċaraw il-prinċipji fformulati f'din is-sentenza. Għal aktar informazzjoni dwar l-użu tat-tikketti, ara t-Taqsima 4.8.

Il-kriterji għall-għoti jistgħu jkunu l-aktar effettivi meta kkombinati ma' miżuri oħra tal-SRPP fil-kriterji tal-għażla, fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u fil-kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt, kif muri mill-eżempji ta' hawn taħt.

***Prattiki tajbin***

— Il-kriterji għall-għoti soċjali jistgħu jistimolaw lis-suq sabiex jikseb eżiti aktar soċjalment responsabbli u jenħtieġ li jiġu fformulati u ponderati bir-reqqa sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt tagħhom.

— Ikkunsidra kif se tevalwa u tivverifika l-pretensjonijiet magħmula mill-offerenti bi tweġiba għall-kriterji għall-għoti – inkluż l-użu ta' ċertifikazzjonijiet u ta' tikketti ta' partijiet terzi fejn xieraq.

— Għaqqad il-kriterji għall-għoti mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, mal-kriterji tal-għażla u mal-klawżoli għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt sabiex tindirizza r-riskji soċjali u ttejjeb l-eżiti soċjali.

([124]) Il-QtĠ approvat dan l-approċċ fil-Kawża C-546/16 *Montte SL v Musikene*.

**Żvilupp ta' kriterji għall-għoti soċjali għall-akkwist ta' hardware u ta' servizzi tal-IT fil-Ġermanja**

**Objettiv tal-akkwist**

Dataport takkwista hardware tal-IT u servizzi tal-IT għal akkwirenti pubbliċi fl-istati federali Ġermaniżi ta' Schleswig-Holstein, ta' Hamburg u ta' Bremen, u servizzi tal-IT għall-amministrazzjoni tat-taxxa tal-istati federali ta' Mecklenburg-Vorpommern u tas-Sassonja t'Isfel. Il-kuntratt kien jinkludi l-forniment ta' hardware tal-IT (PCs u notebooks, monitors, tastieri, mice u komponeti tal-PC) għal 60 000 post tax-xogħol u servizzi tal-IT għal 30 000 post tax-xogħol. L-għan kien li jinxtraw esklussivament hardware u servizzi tal-IT immanifatturati u pprovduti f'konformità mal-istandards stabbiliti mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol.

**Approċċ**

Il-kuntratt ingħata fl-2013. L-offerenti ntalbu jippreżentaw kunċett dwar il-kriterji soċjali li jinkludi miżuri għall-iżgurar tal-konformità tal-fornituri u tas-sottofornituri tagħhom mat-tmien konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO. Sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet soċjali speċifiċi fil-produzzjoni globali tal-IT, il-kriterji għall-għoti rreferew ukoll għall-Konvenzjonijiet addizzjonali tal-ILO Nri 1, 30, 102, 115, 131, 135, 155, 158, 169, 170. Il-punti ngħataw fuq il-bażi ta' tliet aspetti tal-kunċett:

— il-firxa tal-istandards tax-xogħol u soċjali koperti;

— il-plawżibbiltà li l-kunċett jikkonforma mal-istandards soċjali;

— il-verifika pprovduta

Peress li l-offerenti offrew firxa wiesgħa ta' għażliet, ittieħdu żewġ passi sabiex tiġi żgurata l-kwalità tal-mekkaniżmu ta' kontroll. L-ewwel, id-dokumentazzjoni tal-offerta spjegat skema ta' verifika possibbli waħda, sett ta' eżempji ta' miżuri li setgħu jittieħdu mill-offerenti u mistoqsijiet possibbli li għandhom jitwieġbu f'rapport. It-tieni nett, il-plawżibbiltà tal-kunċett (li kienet tammonta għal 50 % tal-punteġġ) u l-verifika offruta (40 % tal-punteġġ) ingħataw prijorità partikolarment għolja fil-kriterji għall-għoti. L-offerenti kellhom jaqblu dwar rieżami regolari tal-miżuri ppreżentati fil-kunċett tagħhom matul it-terminu tal-kuntratt. Il-kunċett u l-obbligi ddikjarati fi ħdan il-kunċett saru parti mill-ftehim qafas il-ġdid.

**Riżultati**

L-offerenti kollha ppreżentaw kunċett dwar kif jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti fil-katina tal-provvista tagħhom. Dan kien immirat lejn l-objettiv li tinħoloq sensibilizzazzjoni fis-settur tal-IT dwar kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti fil-katina tal-provvista (inkluża l-estrazzjoni tal-materja prima). Speċjalist dedikat ivvaluta l-kunċetti tal-akkwist soċjalment responsabbli bbażati fuq kemm l-offerent seta' juri kif il-proċeduri tiegħu kienu jinkludu kopertura wiesgħa tal-Konvenzjonijiet tal-ILO ta' hawn fuq, u li l-metodu tiegħu kien tal-kwalità meħtieġa. Il-kriterji tal-kunċett soċjali kienu influwenti fl-għoti tal-kuntratt, peress li kienu jammontaw għal 10 % tal-punti allokati għall-kwalità. L-offerent rebbieħ żviluppa Kodiċi ta' Kondotta għall-fornituri u qabel li jirrapporta darbtejn fis-sena lil grupp ta' ħidma dwar il-konformità mal-Konvenzjonijiet tal-ILO.

**Tagħlimiet meħuda**

Minkejja sitwazzjoni tas-suq diffiċli u ktajjen tal-provvista globali kumplessi, ir-reazzjoni tal-offerenti kienet pożittiva. Il-kriterji ta' sostenibbiltà qed isiru aktar importanti għall-offerenti f'sejħiet għal offerti kompetittivi, minħabba prezzijiet u prestazzjoni simili tal-prodotti tagħhom. It-trasparenza qed tiżdied fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tul il-katina tal-provvista, qed jitwettqu awditi fis-siti tal-produzzjoni, qed jiġu identifikati n-nuqqasijiet u qed jittieħdu miżuri korrettivi. Sal-lum, ma hemm l-ebda apparat tal-IT disponibbli li jiġi prodott kompletament taħt kundizzjonijiet ta' kummerċ ġust. Dataport tiffoka fuq id-djalogu bejn il-klijenti, il-fornituri ta' servizzi u l-manifatturi matul u wara l-proċedura tal-offerti. Dan jeħtieġ involviment intensiv mas-suġġett.

### 4.8 Evalwazzjoni tal-Offerti u Verifika tal-Impenji

L-approċċ meħud għall-evalwazzjoni u għall-verifika tal-impenji tal-SRPP huwa importanti daqs il-kriterji li tagħżel. Jeħtieġlek taħseb bir-reqqa dwar kif tivvaluta l-pretensjonijiet magħmula mill-offerenti, u kif tevalwa l-offerti. Id-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku ma jippreskrivu l-ebda metodu ta' evalwazzjoni partikolari, għalkemm iridu jiġu applikati l-prinċipji tat-trasparenza u tat-trattament ugwali. Għal kuntratti b'riskji soċjali partikolari jew b'benefiċċji soċjali maħsuba,

jista' jagħmel sens li jittieħed approċċ differenti għall-evalwazzjoni minn dak li japplika għal kuntratti aktar "standard". Pereżempju, tista' tkun tixtieq tinkludi sħab soċjali, rappreżentanti tal-utenti jew esperti oħra fil-bord ta' evalwazzjoni (dment li ma jkunx hemm kunflitt ta' interess).

**Cork (l-Irlanda) tipprovdi akkomodazzjoni soċjali affordabbli permezz ta' djalogu kompetittiv**

**Objettiv tal-akkwist**

Sabiex tiżdied il-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali affordabbli, il-Kunsill tal-Belt ta' Cork (l-Irlanda) uża proċedura ta' djalogu kompetittiv li wasslet għall-innovazzjoni u wessgħet l-għażliet tal-Kunsill għall-postijiet u għad-disinn tal-akkomodazzjonijiet.

**Approċċ**

Il-proċedura ta' djalogu kompetittiv segwiet numru ta' stadji. L-ewwel nett, l-iżviluppaturi tal-akkomodazzjoni ntalbu jissottomettu proposti ta' proġetti li ġew ivvalutati skont, pereżempju, il-post, l-aċċess għall-amenitajiet, it-trasport pubbliku, it-taħlita eżistenti tal-pussess u l-probabbiltà li jinkiseb permess għall-ippjanar. Cork użat id-djalogu kompetittiv sabiex ittejjeb u tikkopproduċi soluzzjonijiet li jissodisfaw bl-aħjar mod il-ħtiġijiet ta' akkomodazzjoni soċjali tal-belt. Wara diversi sensiliet ta' diskussjonijiet dejjem aktar dettaljati, id-djalogu ngħalaq, u l-proġetti magħżula ġew mistiedna jissottomettu offerta għall-valutazzjoni.

**Riżultati**

Il-proċedura ta' djalogu kompetittiv irriżultat fl-akkwist ta' 11-il skema ta' akkomodazzjoni soċjali b'densità u b'pussess imħallta, li pprovdew 215-il dar ġdida. Bl-isfruttament ta' siti abbandunati, l-iskemi l-ġodda qed jikkontribwixxu għar-riġenerazzjoni urbana, u l-familji u l-individwi fil-listi ta' stennija għal akkomodazzjoni ġew ipprovduti b'akkomodazzjoni xierqa.

**Tagħlimiet meħuda**

Għalkemm kien hemm bżonn ta' aktar riżorsi bil-quddiem, l-approċċ kollaborattiv li jappoġġa d-djalogu kompetittiv għen sabiex l-iżviluppaturi jinżammu informati aħjar dwar il-ħtiġijiet tal-belt, ta aktar ċertezza lis-soluzzjonijiet u evita tilwim, u ħoloq lok sabiex jinkisbu valur aħjar għall-flus u allokazzjoni aħjar tar-riskju.

L-użu ta' proċeduri li jippermettu interazzjoni aktar diretta mal-offerenti, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għall-użu tagħhom ([125]), jista' jgħin ukoll sabiex jinkiseb l-SRPP. Pereżempju, id-djalogu kompetittiv jippermettilek tiltaqa' mal-offerenti u tirfina b'mod progressiv is-soluzzjonijiet, u potenzjalment ittejjeb il-kontenut soċjali tal-offerti. Għal kuntratti li huma mmirati lejn it-twassil ta' prodott jew ta' servizz kompletament ġdid, is-sħubija għall-innovazzjoni tista' tkun adattata. Żomm f'moħħok li dawn il-proċeduri jeħtieġu ż-żmien u r-riżorsi għall-ġestjoni, u sabiex l-offerenti jipparteċipaw fihom. Dan jista' jkun żmien użat sew jekk jirriżulta f'kuntratt li jipprovdi benefiċċji soċjali li jistgħu jitkejlu.

Għall-proċeduri kollha li fihom int tinkludi kriterji soċjali, jeħtieġ li taħseb dwar kif tivverifika l-pretensjonijiet tal-offerenti. Mod kif tista' tagħmel dan huwa b'referenza għal ċertifikazzjoni jew għal tikketti ta' partijiet terzi. Skont id-Direttivi 2014/24/UE u 2014/25/UE, dawn jistgħu jissemmew fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, fil-kriterji għall-għoti u fil-klawżoli dwar l-eżekuzzjoni ta' kuntratt ([126]). Eżempji ta' tikketti ta' partijiet terzi li jindirizzaw kunsiderazzjonijiet soċjali huma:

— Iċ-ċertifikazzjonijiet ta' Fairtrade International

— TCO Certified

— SA 8000

— Fair for Life

— L-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ Ġust

— It-tikketta AAA tad-WAI WCAG 2.1, u/jew tikketti ta' organizzazzjonijiet oħra dwar id-diżabilità

— Rekwiżiti ta' aċċessibbiltà tad-DALCO għall-istandard UNE 170001-1:2007 dwar l-ambjent mibni

Sabiex ikunu meħtieġa tikketti speċifiċi fid-dokumenti tas-sejħa għal offerti, dawn iridu jissodisfaw diversi kundizzjonijiet, maħsuba sabiex jiżguraw li dawn ikunu oġġettivi u aċċessibbli għall-operaturi interessati kollha. It-tikketti jridu:

([125]) Ara t-Taqsima 3.4.
([126]) L-Artikoli 43 u 44 tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikoli 61 u 62 tad-Direttiva 2014/25/UE.

1. Jikkonċernaw biss kriterji li jkunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt;
2. Ikunu bbażati fuq kriteriji li jistgħu jkunu verifikati oġġettivament u mingħajr diskriminazzjoni;
3. Ikunu stabbiliti fi proċedura miftuħa u trasparenti li fiha jistgħu jipparteċipaw il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inklużi l-korpi pubbliċi, il-konsumaturi, is-sħab soċjali, il-manifatturi, id-distributuri u l-organizzazzjonijiet nongovernattivi;
4. Ikunu aċċessibbli għall-partijiet interessati kollha; u
5. Ikunu stabbiliti minn parti terza li fuqha l-operatur ekonomiku li japplika għat-tikketta ma jkunx jista' jeżerċita influwenza deċiżiva ([127]).

Jekk il-kriterji kollha tat-tikketta jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti u int tagħżel li tirreferi għat-tikketta sħiħa fl-akkwist tiegħek, id-dokumenti tas-sejħa għal offerti jenħtieġ li jinkludu referenza preċiża u inekwivokabbli għaliha, (pereżempju billi tirreferi għall-att rilevanti li jadotta t-tikketta jew id-dokumentazzjoni relatata) sabiex tiġi ggarantita trasparenza sħiħa. Anki meta int tirreferi għal tikketta li tissodisfa dawn ir-rekwiżiti kollha, xorta trid tqis tikketti bi kriterji ekwivalenti. Jenħtieġ li tivvaluta l-ekwivalenza fuq bażi ta' każ b'każ, iżda b'mod ġenerali, tista' tqis ir-rekwiżiti bħala ekwivalenti jekk ikunu tal-anqas ambizzjużi daqs dawk imsemmija fid-dokument tas-sejħa għal offerti. F'każijiet li fihom l-offerenti ma jkunux jistgħu jiksbu tikketta fil-limiti ta' żmien rilevanti għal raġunijiet mhux attribwibbli għalihom, inti trid tikkunsidra forom xierqa oħra ta' evidenza (jiġifieri dossier tekniku).

Għal tikketti li ma jissodisfawx wieħed jew aktar mir-rekwiżiti ta' hawn fuq, tista' tirreferi għal kriterji tat-tikketta individwali li huma marbuta mas-suġġett tal-kuntratt, iżda mhux tirrekjedi t-tikketta per se. Jekk tikketta jkun fiha xi rekwiżiti li jkunu rilevanti għall-kuntratt tiegħek iżda oħrajn li ma jkunux marbuta mas-suġġett, bħal dawk relatati ma' prattiki ta' ġestjoni ġenerali, int tkun tista' tirreferi biss għall-kriterji speċifiċi tat-tikketta li jkunu marbuta mas-suġġett u mhux teħtieġ it-tikketta nnifisha ([128]). Indikazzjoni ċara tal-kriterji rilevanti tat-tikketta fid-dokumenti tas-sejħa għal offerti (pereżempju billi jiġu kkupjati) tgħin lill-offerenti potenzjali u tiffaċilita l-fehim u t-trasparenza tar-rekwiżiti tas-sejħa għal offerti.

**Ikel tal-kummerċ ġust għall-iskejjel ta' Munich (il-Ġermanja)**

**Objettiv tal-akkwist**

Fl-2017, Munich nediet offerta għal ftehim qafas sabiex tipprovdi ikliet għal aktar minn 300 skola. Munich għandha tradizzjoni twila ta' ħidma fl-akkwist soċjalment responsabbli. Mill-2002, il-Belt iddeċidiet li ma tixtri l-ebda prodott li kien jinvolvi l-użu ta' tħaddim tat-tfal (jew kiser il-Konvenzjoni 182 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol - ILO), u minn dak iż-żmien 'l hawn il-Belt ħadet miżuri sabiex tippromwovi l-kummerċ ġust fl-akkwist tagħha ta' tessuti u ta' ikel.

**Approċċ**

L-offerta kienet maqsuma f'erba' lottijiet u kien fiha rekwiżiti dwar il-perċentwal ta' ikel organiku li għandu jiġi pprovdut u rekwiżiti ta' taħriġ għall-persunal li jaħdem fil-kċina. Barra minn hekk, 5 % tal-kriterji għall-għoti kienu rriżervati għal aspetti soċjali u ambjentali ulterjuri, bħall-preżenza ta' materja prima ċċertifikata permezz ta' Fairtrade International, l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ Ġust, jew ekwivalenti.

**Riżultati**

Waslu tliet offerti għal kull Lott - kollha minn SMEs. Total ta' tliet fornituri ngħataw kuntratti fl-erba' Lottijiet. B'kollox, dawn il-kuntratti jkopru aktar minn 300 faċilità u se jservu lil aktar minn 490 000 tifel u tifla tal-iskola.

**Tagħlimiet meħuda**

Huwa importanti li jiġi żgurat l-impenn tal-partijiet kollha involuti (jiġifieri, il-maniġment, l-impjegati, il-ġenituri, it-tfal, eċċ.) sabiex jiġi promoss sens ta' sjieda bl-għan li jiġi żgurat is-suċċess tal-proġett, kif ukoll sabiex jinġabru ideat tajbin.

***Prattiki tajbin***

— Ikkunsidra kif se tevalwa l-pretensjonijiet tal-SRPP tal-offerenti billi tinkludi esperti rilevanti fil-bord ta' evalwazzjoni u titlob tikketti jew ċertifikazzjoni ta' partijiet terzi.

([127]) L-Artikolu 43(1) tad-Direttiva 2014/24/UE; L-Artikolu 61(1) tad-Direttiva 2014/25/UE.
([128]) L-Artikolu 43(2) tad-Direttiva 2014/24/UE; L-Artikolu 61(2) tad-Direttiva 2014/25/UE.

— Fejn jeżistu l-kundizzjonijiet għat-tnedija tagħhom, proċeduri li jippermettu interazzjoni diretta mal-offerenti, bħad-djalogu kompetittiv, jistgħu jgħinu sabiex jiġu żviluppati u rfinati approċċi effettivi għall-objettivi soċjali.

— Irrieżamina l-kriterji u r-rekwiżiti li huma l-bażi ta' kwalunkwe tikketta li tixtieq tirreferi għaliha fid-dokumenti tas-sejħa għal offerti, sabiex tiżgura li dawn ikunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt, oġġettivi u nondiskriminatorji.

— Trid taċċetta tikketti jew ċertifikazzjonijiet ekwivalenti li jindirizzaw l-istess kriterji, u f'każijiet li fihom l-offerent ma jkunx jista' jikseb tikketta jew ċertifikazzjoni fil-limiti ta' żmien rilevanti, għal raġunijiet li ma jkunux attribwibbli għalih, trid taċċetta forom xierqa oħra ta' prova.

## 4.9 **Offerti Anormalment Baxxi**

F'xi każijiet, l-ipprezzar ta' offerta jikkawża tħassib li l-offerent mhux se jkun jista' jilħaq ir-rekwiżiti soċjali, pereżempju billi jiżgura l-konformità mar-regoli applikabbli dwar is-sikurezza fuq il-post tax-xogħol. Sitwazzjonijiet bħal dawn jiġu indirizzati fir-regoli dwar offerti anormalment baxxi ([129]). Dawn jitolbuk tinvestiga kwalunkwe offerta li tidher anormalment baxxa u tfittex spjegazzjoni mill-offerent rigward l-ipprezzar tiegħu. Xi eżempji ta' fatturi li jistgħu jindikaw li offerta jenħtieġ li tiġi investigata huma:

— Ipprezzar li ma jidhirx li jkopri l-ispejjeż bażiċi sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tas-sejħa għal offerti;

— Ipprezzar li jkun ferm anqas mill-kost medju ta' offerti oħra; jew

— Ipprezzar li jkun ferm anqas mill-offerta bl-irħas prezz li jmiss.

L-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-offerent jistgħu jkunu relatati mal-proċess partikolari ta' produzzjoni jew ta' provvista tagħhom jew ma' kundizzjonijiet favorevoli disponibbli għalihom – f'liema każ l-offerta jenħtieġ li ma tiġix irrifjutata jekk tirrispetta l-obbligi legali kollha. Madankollu, l-offerent jenħtieġ li jintalab jikkonferma wkoll il-konformità tiegħu mal-leġiżlazzjoni soċjali u tax-xogħol applikabbli u mal-ftehimiet kollettivi kif stabbilit fil-"klawżola soċjali u ambjentali" ([130]). F'każijiet ta' nuqqas ta' konformità, l-offerta trid tiġi rrifjutata ([131]). Meta tistabbilixxi li offerta hija anormalment baxxa minħabba li l-offerent ikun kiseb għajnuna mill-Istat, l-offerta tista' tiġi rrifjutata għal dik ir-raġuni biss. Tista' tagħmel dan biss wara li tikkonsulta lill-offerent, jekk ma jkunx jista' juri, f'perjodu ta' żmien suffiċjenti, li l-għajnuna inkwistjoni kienet kompatibbli mas-suq intern ([132]).

Il-preżenza ta' pprezzar anormalment baxx tista' tirriżulta wkoll fi proċeduri tal-offerti li fiha l-offerti jiġu riċevuti minn pajjiżi barra mill-UE. Japplika l-prinċipju bażiku ta' trattament ugwali. Offerenti minn pajjiżi terzi jistgħu b'mod leġittimu jkunu jistgħu joffru prezzijiet aktar baxxi, iżda huwa importanti li tiġi vverifikata l-konformità mal-leġiżlazzjoni soċjali u tax-xogħol applikabbli kollha (ara t-Taqsimiet 4.5 u 5.2 għal aktar informazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-liġijiet soċjali u tax-xogħol u tal-ftehimiet kollettivi f'kuntratti pubbliċi). Aktar informazzjoni dwar l-evalwazzjoni tal-offerti minn pajjiżi terzi, inkluża l-possibbiltà ta' offerti anormalment baxxi, hija disponibbli f'dokument ta' gwida ddedikat ippubblikat mill-Kummissjoni Ewropea ([133]).

Hija meħtieġa attenzjoni meta jiġu investigati offerti anormalment baxxi – huwa vitali li jiġi applikat approċċ konsistenti u oġġettiv u li l-offerenti jingħataw id-dritt ta' tweġiba. Madankollu, huwa f'idejn l-akkwirent pubbliku li jiddeċiedi jekk l-ispjegazzjonijiet ipprovduti jkunux biżżejjed sabiex tiġi stabbilita fiduċja fl-offerta, jew jekk jenħtiġx li tiġi rrifjutata. Żomm f'moħħok li offerenti oħrajn li jirrispettaw ir-rekwiżiti soċjali jistgħu jkunu żvantaġġati jekk int tħalli offerta anormalment baxxa mhux eżaminata.

([129]) L-Artikolu 69 tad-Direttiva 2014/24/UE; L-Artikolu 84 tad-Direttiva 2014/25/UE.
([130]) L-Artikolu 18(2) tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 36(2) tad-Direttiva 2014/25/UE u l-Artikolu 30(3) tad-Direttiva 2014/23/UE. Ara t-Taqsima 4.5 għal aktar informazzjoni.
([131]) L-Artikolu 69(3) tad-Direttiva 2014/24/UE; L-Artikolu 84(3) tad-Direttiva 2014/25/UE.
([132]) L-Artikolu 69(4) tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 84(4) tad-Direttiva 2014/25/UE. Aktar informazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat hija disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/competition/state_aid/overview/index_en.html
([133]) Il-Kummissjoni Ewropea (2019) *Gwida dwar il-parteċipazzjoni ta' offerenti u oġġetti minn pajjiżi terzi fis-suq tal-akkwist tal-UE* C(2019) 5494 tal-24.7.2019 disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/growth/content/new-guidance-participation-third-country-bidders-eu-procurement-market_mt

**Analiżi ta' offerti anormalment baxxi f'Wallonie**

Skont il-Pjan ta' Azzjoni tagħha dwar l-Akkwist Responsabbli, il-Kummissjoni ta' Wallonie dwar l-Akkwist Pubbliku ħolqot grupp ta' ħidma sabiex jeżamina l-kwistjoni ta' offerti anormalment baxxi. Il-grupp ta' ħidma jlaqqa' flimkien rappreżentanti speċjalizzati fl-akkwist pubbliku mill-amministrazzjoni reġjonali, mill-awtoritajiet lokali, mill-Federazzjoni ta' Wallonie tal-Kumpaniji tal-Kostruzzjoni, mit-trade unions, kif ukoll minn korpi tal-awditjar esterni bħall-Qorti tal-Awdituri u l-ispettur finanzjarju.

Wara analiżi tal-leġiżlazzjoni u tal-ġurisprudenza rilevanti, il-grupp ta' ħidma ppropona metodoloġija għall-investigazzjoni ta' offerti anormalment baxxi. Il-metodoloġija tinvolvi ħames passi:

1. Il-korrezzjoni ta' żbalji aritmetiċi;

2. L-eżami u l-verifika tal-ipprezzar;

3. It-talba ta' ġustifikazzjoni għall-ipprezzar li jidher anormalment baxx;

4. It-teħid ta' deċiżjoni dwar ir-regolarità tal-ipprezzar;

5. L-għoti ta' informazzjoni lill-offerent.

Sabiex jiġu identifikati offerti anormalment baxxi, jenħtieġ li titqies informazzjoni bħall-istimi tal-kostijiet proprji tal-akkwirent pubbliku, il-prezzijiet imħallsa minn dipartimenti jew minn aġenziji oħra, informazzjoni statistika mis-suq, id-differenza fil-kwalità fl-offerti u l-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-offerent. Għal kuntratti ta' xogħlijiet u għal servizzi suxxettibbli għall-frodi, metodoloġija aktar speċifika bbażata fuq id-devjazzjoni minn prezz medju aġġustat tal-offerti l-oħra hija stabbilita fil-gwida.

***Prattiki tajbin***

— L-identifikazzjoni u l-investigazzjoni ta' offerti anormalment baxxi huma parti essenzjali tal-SRPP. Għarfien dwar il-pagi, il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u kostijiet oħrajn li japplikaw fis-settur jista' jgħin.

— L-offerenti jridu jitħallew jispjegaw kwalunkwe prezz li jidher anormalment baxx – l-esklużjoni ma tistax tkun awtomatika.

— Meta l-ipprezzar anormalment baxx ikun minħabba nuqqas ta' konformità mal-liġi soċjali, tax-xogħol jew mal-ftehimiet kollettivi applikabbli, huwa obbligatorju li l-offerta tiġi rrifjutata.

*KAPITOLU 5*

## *Stabbiliment u Infurzar ta' Klawżoli Kuntrattwali*

Huwa matul l-eżekuzzjoni ta' kuntratt li l-impenji tal-SRPP verament jiġu ttestjati. Mingħajr kundizzjonijiet kuntrattwali xierqa – u l-mezzi għall-monitoraġġ u għall-infurzar tagħhom – l-SRPP ma jkunx effettiv. Dan il-KAPITOLU jħares fid-dettall lejn kif il-kuntratti jistgħu jitfasslu u jiġu eżegwiti sabiex jiġi mmassimizzat il-valur soċjali. Minbarra li jispjega d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku, dan jinkludi firxa ta' approċċi differenti li qed jiġu applikati mill-akkwirenti pubbliċi madwar l-Ewropa.

### 5.1 **Tisrif tal-Impenji tal-SRPP f'Realtà**

L-SRPP jitlob li tingħata attenzjoni speċjali għall-kundizzjonijiet tal-kuntratt minħabba li tipikament jirrikjedi li l-partijiet jaġixxu barra mix-xenarju ta' "żamma tal-istatus quo". Għal din ir-raġuni, huwa importanti li tinġibed l-attenzjoni tal-offerenti lejn il-kundizzjonijiet soċjali inklużi fil-kuntratt, kif ukoll lejn il-monitoraġġ li jkun se jitwettaq u lejn il-konsegwenzi għan-nuqqas ta' konformità. L-użu ta' termini u ta' kundizzjonijiet standard, mingħajr iż-żieda ta' klawżoli soċjali speċifiċi, rari jkun adattat għall-SRPP. It-trattament tal-klawżoli kuntrattwali bħala ħsieb sekondarju jista' jdgħajjef l-eżekuzzjoni tal-SRPP, li jeħtieġ li jitqiesu l-kundizzjonijiet tal-kuntratt sa mill-bidu nett ta' proċedura ppjanata.

Matul proċedura tal-offerti, inti tista' tinkludi l-kundizzjonijiet proposti tal-kuntratt fid-dokumenti tal-akkwist. Dawn jistgħu jkunu f'forma ta' abbozz, bl-offerenti mistiedna jikkummentaw jew jieħdu nota tal-kundizzjonijiet. Fi kwalunkwe każ, il-kuntratt jenħtieġ li jinkorpora aspetti rilevanti tal-offerta rebbieħa, bħall-prezz u kwalunkwe impenn li jkun sar b'rispons għall-kriterji għall-għoti – inklużi dawk marbuta mal-SRPP. Meta l-impenji li jsiru fl-offerta jmorru lil hinn mill-kundizzjonijiet bażi stabbiliti fil-kuntratt, ikollok tadatta d-dispożizzjonijiet tal-kuntratt. Pereżempju, jekk l-abbozz tal-kuntratt tiegħek jistipula li fl-ewwel sena tal-kuntratt għandhom jinħolqu tal-anqas ħames apprendistati, u l-offerent rebbieħ jipproponi li jforni tmien apprendistati, jenħtieġ li ddaħħal dan l-aħħar numru fil-kuntratt.

B'differenza mill-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, mill-kriterji tal-għażla u għall-għoti, il-konformità mal-kundizzjonijiet tal-kuntratt normalment ma tiġix evalwata b'mod espliċitu matul proċedura tal-offerti. Filwaqt li l-prattiki jvarjaw bejn il-pajjiżi u l-organizzazzjonijiet, huwa komuni li l-offerenti jindikaw l-aċċettazzjoni tagħhom tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt jew jindikaw kwalunkwe riżerva speċifika li jkollhom, li tista' tkun soġġetta għal negozjati (skont il-proċedura). Għal darb'oħra, l-SRPP jista' jitlob approċċ differenti, peress li trid tkun ċert(a) li l-offerenti jkunu jistgħu jissodisfaw kwalunkwe aspett soċjali speċifiku tal-kuntratt, u li dawn il-kundizzjonijiet ukoll jaslu għand is-sottokuntratturi fejn meħtieġ. Pereżempju, jekk l-abbozz tal-kuntratt tiegħek jinkludi impenn sabiex jiġi żgurat li l-konvenzjonijiet ewlenin tal-ILO jiġu rrispettati tul il-katina tal-provvista kollha, jeħtieġ li tkun taf li l-offerent rebbieħ ikollu sistemi xierqa fis-seħħ sabiex jimmonitorja lis-sottokuntratturi tiegħu. Sabiex jiġu evalwati bis-sħiħ il-kapaċità u l-impenji tal-offerenti f'dan il-qasam u sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u t-trattament ugwali, dawn il-kunsiderazzjonijiet jenħtieġ li jkunu riflessi kif xieraq jew fil-kriterji tal-għażla jew fil-kriterji għall-għoti, kif ukoll fil-kundizzjonijiet tal-kuntratt. Meta l-offerent jipproponi metodu speċifiku għall-monitoraġġ tas-sottokuntratturi tiegħu, jenħtieġ li tiżgura li inti tinkorpora dan fil-kuntratt. Tista' tistipula wkoll li l-klawżola li tirrikjedi l-konformità mal-konvenzjonijiet tal-ILO tifforma parti minn kwalunkwe sottokuntratt, filwaqt li żżomm ir-responsabbiltà tal-kuntrattur ewlieni li jiżgura l-konformità tul il-katina tal-provvista kollha.

Pass finali għat-tisrif tal-impenji tal-SRPP f'realtà huwa li jiġi żgurat li dawk involuti direttament fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt – fuq iż-żewġ naħat – ikunu konxji tal-klawżoli soċjali. Fi ħdan l-organizzazzjoni tiegħek, il-kuntratt jista' jiġi ġestit minn xi ħadd li ma jkunx involut direttament fl-akkwist. Huwa essenzjali li din il-persuna jkollha ż-żmien, l-informazzjoni u l-motivazzjoni sabiex tissorvelja b'mod effettiv il-konformità mal-klawżoli soċjali. Inkella, jista' jagħmel sens li twaqqaf kumitat li jinkludi rappreżentanti mill-organizzazzjoni tiegħek u minn kwalunkwe parti terza b'interess dirett fl-infurzar tal-impenji soċjali, bħal pereżempju għaqdiet, organizzazzjonijiet tad-drittijiet tad-diżabilità, esperti fl-aċċessibbiltà, NGOs jew ċittadini/utenti. Min-naħa tal-kuntrattur, inti tista' titlobhom jaħtru individwu b'responsabbiltà diretta sabiex jiżgura li jitwettqu l-impenji soċjali, u tiżgura li din il-persuna tattendi l-laqgħat ta' rieżami tal-kuntratt.

***Prattiki tajbin***

— Il-kundizzjonijiet soċjali jenħtieġ li jiġu inklużi fl-abbozz tal-klawżoli kuntrattwali u ppubblikati fil-bidu tal-proċedura tal-offerti, filwaqt li tinġibed l-attenzjoni tal-offerenti lejn dawn il-kundizzjonijiet.

— Il-kuntratti standard jistgħu ma jkunux adattati għall-SRPP, u t-termini kollha jenħtieġ li jiġu rieżaminati bir-reqqa sabiex jiġi żgurat li ma jkunux f'kunflitt mar-rekwiżiti tas-sejħa għal offerti.

— L-offerenti jistgħu jiġu mistiedna jikkummentaw dwar l-abbozz tal-kuntratt jew jieħdu nota tiegħu bħala parti mill-proċedura. Il-verżjoni finali jenħtieġ li tirrifletti l-impenji speċifiċi kollha fl-offerta rebbieħa.

— Żgura li l-persuna jew il-persuni responsabbli għall-ġestjoni tal-kuntratt fuq iż-żewġ naħat ikunu konxji tad-dispożizzjonijiet tal-SRPP u jkollhom il-kapaċità li jiżguraw li dawn jiġu applikati.

— Il-kuntratti u d-dokumenti jenħtieġ li jkunu disponibbli f'formati aċċessibbli.

## 5.2 **Kundizzjonijiet għall-Eżekuzzjoni tal-Kuntratt**

Il-kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt jiddeskrivu kif kuntratt għandu jiġi eżegwit. Id-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku jistabbilixxu li l-kundizzjonijiet tal-kuntratt jistgħu jinkludu kunsiderazzjonijiet ekonomiċi, relatati mal-innovazzjoni, ambjentali, soċjali jew relatati mal-impjiegi ([134]). Bħal fil-każ tal-kriterji tal-għażla u għall-għoti, hemm rekwiżit li dawn il-kundizzjonijiet ikunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt u jiġu inklużi fl-avviż jew fid-dokumenti tal-akkwist. It-tifsira tar-rabta mar-rekwiżit tas-suġġett hija spjegata fil-kaxxa (fuq il-lemin). Il-klawżoli dwar l-eżekuzzjoni ta' kuntratti jridu jikkonformaw mad-dritt tal-UE, inkluża l-leġiżlazzjoni tal-pilastru soċjali msemmija fil-KAPITOLU 1.

([134]) L-Artikolu 70 tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 87 tad-Direttiva 2014/25/UE, ara wkoll il-Premessi 64-66 tad-Direttiva 2014/23/UE.

Sabiex ikunu effettivi, il-kundizzjonijiet tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt jenħtieġ li jkunu:

— Abbozzati b'mod ċar, filwaqt li jiġi evitat kwalunkwe lingwaġġ legali mhux meħtieġ;

— Speċifiċi b'mod adegwat, bi skedi ta' żmien u b'riżultati ddefiniti;

— Assenjati lil parti jew lil individwu partikolari;

— Akkumpanjati minn rimedji xierqa fil-każ ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni, bħal penali finanzjarji jew azzjonijiet ta' rimedju.

**Kundizzjonijiet tal-Kuntratt u r-Rabta mar-Rekwiżit tas-Suġġett**

Il-kundizzjonijiet tal-kuntratt jitqiesu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt meta jkunu relatati max-xogħlijiet, mal-provvisti jew mas-servizzi li għandhom jiġu pprovduti skont dak il-kuntratt fi kwalunkwe rispett u fi kwalunkwe stadju taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, inklużi fatturi involuti f'dawn li ġejjin:

(a) il-proċess speċifiku tal-produzzjoni, tal-provvista jew tal-kummerċ ta' dawk ix-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi; jew

(b) proċess speċifiku għal stadju ieħor taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom,

anke meta fatturi bħal dawn ma jagħmlux parti mis-sustanza materjali tagħhom (l-Artikolu 67(3)). Dan ifisser li int tista' tinkludi kundizzjonijiet bħall-konformità mad-drittijiet tal-bniedem tul il-katina tal-provvista, il-kummerċ ġust, jew eżiti soċjali speċifiċi mill-kuntratt. Ma tistax tinkludi rekwiżiti ġenerali ta' responsabbiltà soċjali korporattiva, sakemm dawn ma jkunux obbligi legali li japplikaw għall-kuntrattur. Eżempju ta' kundizzjoni kuntrattwali li ma tkunx marbuta mas-suġġett huwa rekwiżit sabiex kumpanija tagħti ċertu perċentwal tal-profitti tagħha għall-karità kull sena.

It-Taqsima 5.6 tkompli tesplora r-rwol tal-penali u tal-inċentivi fl-eżekuzzjoni tal-SRPP. Eżempji ta' kundizzjonijiet soċjali li jissodisfaw il-kriterji ta' hawn fuq, u li jindirizzaw aspetti differenti tal-SRPP huma mogħtija fit-Tabella 5.1. Dawn it-termini mhumiex kompluti fihom infushom; ikunu jeħtieġu li d-definizzjonijiet u l-klawżoli ta' monitoraġġ u ta' infurzar ikunu effettivi.

*Tabella 5.1*

**Kampjun tal-klawżoli kuntrattwali tal-SRPP**

| Suġġett | Eżempju ta' abbozz ta' kundizzjoni ta' kuntratt [1] |
|---|---|
| Aċċessibbiltà (f'kuntratt għal tagħmir tal-ICT għal uffiċċju) | Il-kuntrattur huwa meħtieġ jipprovdi t-tagħmir aċċessibbli speċifikat ikkonfigurat għall-użu minn persuni b'diżabilità. Sessjonijiet ta' taħriġ għall-utenti b'diżabilità se jsiru disponibbli f'dati li għandhom jiġu miftiehma mal-akkwirent pubbliku, u assistenza ta' segwitu permezz ta' helpdesk dedikat ipprovdut matul id-durata tal-kuntratt. |
| Inklużjoni Soċjali (f'kuntratt għal servizzi tal-istat ta' reklamar) | Il-kuntrattur huwa responsabbli sabiex jilħaq kull wieħed mill-gruppi fil-mira stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet u sabiex jimplimenta l-miżuri speċjali inklużi fl-offerta tiegħu bl-għan li jilħaq lil utenti akbar fl-età, lil dawk li jbatu minn iżolament soċjali u lil dawk mingħajr aċċess għall-internet. Wara tliet xhur isir rieżami tal-effettività ta' dawn il-miżuri, bil-kuntrattur li jkun meħtieġ jimplimenta kwalunkwe miżura ta' rimedju speċifikata mill-akkwirent pubbliku. |
| Impjieg (f'kuntratt għal xogħlijiet ta' bini) | Il-kuntrattur huwa responsabbli għar-reklutaġġ, għat-taħriġ u għall-għoti ta' impjieg matul dan il-kuntratt għal tal-anqas X [numru speċifikat fl-offerta] persuni li jaqgħu f'waħda jew aktar mill-kategoriji definiti ta' Ħaddiem Żvantaġġat. It-termini ta' dan l-impjieg huma speċifikati f'Anness għall-kuntratt. Iridu jiġu sottomessi rapporti ta' kull xahar li jispeċifikaw in-numru ta' ħaddiema żvantaġġati impjegati, it-taħriġ ipprovdut, is-sigħat maħduma u d-dħul mill-pagi. |

| Suġġett | Eżempju ta' abbozz ta' kundizzjoni ta' kuntratt [1] |
|---|---|
| Ugwaljanza bejn il-Ġeneri | Il-kuntrattur jiżgura li l-maniġers tal-linja kollha għall-persunal li jeżegwixxi l-kuntratt ilestu t-taħriġ dwar l-aspetti tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri tar-reklutaġġ u tal-impjiegi, inklużi t-tqala u l-maternità; il-menopawża; il-fastidju sesswali; il-liv relatat mal-familja, bħal-liv tal-ġenituri u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, eċċ. |
| Rati minimi ta' ħlas | Il-kuntrattur u s-sottokuntratturi kollha li joperaw fi ħdan il-ġurisdizzjoni fejn jiġi eżegwit il-kuntratt jikkonformaw mar-rati minimi ta' ħlas stabbiliti fil-[liġi rilevanti jew ftehim kollettiv] u jżommu rekords tas-sigħat kollha maħduma u tal-pagi mħallsa. L-akkwirent pubbliku jista' jeħtieġ aċċess għal dawn ir-rekords u għall-evidenza tal-pagi mħallsa fi kwalunkwe ħin. |
| Drittijiet tal-Bniedem u tax-Xogħol (f'kuntratt għall-uniformijiet) | Il-kuntrattur jiżgura li ma jseħħ l-ebda ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem u tat-tmien konvenzjonijiet ewlenin tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol fl-eżekuzzjoni ta' dan il-kuntratt. L-ismijiet u l-postijiet tan-negozju tas-sottokuntratturi u tas-sottosottokuntratturi kollha skont dan il-kuntratt huma stabbiliti f'Anness għall-kuntratt, u l-kuntrattur jikkonferma li stabbilixxa sistema xierqa, awditjata minn parti terza indipendenti, sabiex jiżgura li informazzjoni akkurata dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persuni kollha involuti fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt tkun disponibbli matul id-durata tal-kuntratt. |
| Kummerċ Etiku (f'kuntratt tal-catering) | Oġġetti tal-ikel u tax-xorb b'valur ugwali għal tal-anqas 5 % tal-Prezz tal-Kuntratt annwali jiġu pprovduti b'ċertifikazzjoni tal-Kummerċ Ġust jew ekwivalenti. Bħala parti miċ-ċiklu ta' ppjanar tal-menu ta' kull tliet xhur, il-kuntrattur jispeċifika liema prodotti tal-kummerċ ġust jipproponi li jiġu inklużi fil-menu u l-valur stmat tagħhom. Fl-aħħar ta' kull Sena tal-Kuntratt, il-valur ta' prodotti ta' kummerċ ġust jiġi rrieżaminat, u jiġu inklużi prodotti ċċertifikati addizzjonali għas-Sena tal-Kuntratt ta' wara. |

([1]) Dawn l-abbozzi ta' kundizzjonijiet ta' kuntratt huma purament indikattivi u jkollhom iqisu u jiġu aġġustati skont ċirkostanzi speċifiċi.

**Konformità Kontinwa mar-Raġunijiet ta' Esklużjoni**

Ir-rwol ta' ċerti raġunijiet obbligatorji u diskrezzjonali għall-esklużjoni (bħal dawk għat-tħaddim tat-tfal/traffikar ta' bnedmin u l-konformità mal-liġi soċjali u tax-xogħol) fl-SRPP huwa spjegat fit-Taqsima 4.6. Il-konformità ma' dawn l-obbligi bażiċi jenħtieġ li ma tkunx limitata għad-daqqa t'għajn mogħtija matul il-proċedura tal-offerti.

Il-kundizzjonijiet tal-kuntratt jenħtieġ li jirrikjedu konformità kontinwa matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt mar-raġunijiet obbligatorji kollha għall-esklużjoni u ma' kwalunkwe raġuni diskrezzjonali applikata fl-offerta, bil-kuntrattur u bis-sottokuntratturi miżmuma responsabbli għall-aġġornar tad-dikjarazzjonijiet fuq bażi regolari. Kif diskuss fit-Taqsima 5.6, irid ikun possibbli li l-kuntratt jiġi tterminat meta tasal informazzjoni ġdida dwar il-konformità mar-raġunijiet obbligatorji għall-esklużjoni.

Il-kundizzjonijiet tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt jistgħu jkunu soġġetti għal rieżami matul il-ħajja tal-kuntratt, u dan jinkludi l-opportunità li jiżdied il-livell ta' ambizzjoni maż-żmien ([135]). Peress li l-kuntrattur jikseb esperjenza u kunfidenza sabiex jissodisfa l-kundizzjonijiet soċjali, il-kapaċità tiegħu li jeżegwixxi jenħtieġ li tiżdied ukoll. Ikkunsidra kif l-aħjar tinċentiva lill-kuntrattur sabiex iwassal valur soċjali saħansitra akbar – kemm jekk billi dan jintrabat ma' pagamenti addizzjonali skont il-kuntratt ([136]), jintlaħaq qbil fuq ir-reklamar tar-riżultati pożittivi, jew billi torbot il-prestazzjoni soċjali mat-tiġdid jew mal-estensjonijiet tal-kuntratti kif stabbilit fis-sejħa għal offerti.

([135]) Kwalunkwe modifika fil-kuntratti wara l-għoti tagħhom trid tikkonforma mad-dispożizzjonijiet dwar il-modifiki tal-kuntratti (l-Artikolu 72 tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 89 tad-Direttiva 2014/25/UE u l-Artikolu 43 tad-Direttiva 2014/23/UE).

([136]) Naturalment, din il-possibbiltà jenħtieġ li diġà tkun ġiet inkluża fid-dokumenti inizjali tas-sejħa għal offerti; inkella, kwalunkwe tibdil kuntrattwali simili jkollu jissodisfa l-kundizzjonijiet tar-regoli dwar il-modifiki tal-kuntratti (ara n-nota 144 f'qiegħ il-paġna).

***Prattiki tajbin***

— Inkludi kundizzjonijiet tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt li jkunu mmirati lejn kunsiderazzjonijiet soċjali u relatati mal-impjieg, u li jkunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt.

— Abbozza klawżoli kuntrattwali b'attenzjoni sabiex tevita kwalunkwe lingwaġġ tekniku żejjed, speċifika l-iskedi ta' żmien u r-riżultati tanġibbli, assenja r-responsabbiltà, u inkludi rimedji xierqa fil-każ ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni.

— Ikkunsidra jekk il-livell ta' ambizzjoni għall-impenji soċjali għandux jiżdied matul il-kuntratt, u kif tinċentiva lill-kuntrattur sabiex iżid l-ambizzjoni.

**Ir-Reġjun ta' Wallonie: Użu ta' klawżoli kuntrattwali dwar l-integrazzjoni professjonali**

**Objettivi tal-akkwist**

Ir-Reġjun ta' Wallonie għandu l-għan li jikseb 100 % tal-akkwist pubbliku responsabbli sal-2020. Sabiex jagħmel dan, huwa implimenta firxa ta' azzjonijiet tal-akkwist imfassla sabiex irawmu l-integrazzjoni professjonali, jevitaw id-dumping soċjali, jappoġġaw lill-SMEs, itejbu l-effiċjenza fir-riżorsi u jnaqqsu l-impatt ambjentali.

**Approċċ**

Sabiex jappoġġa l-integrazzjoni professjonali, ir-reġjun ta' Wallonie żviluppa klawżoli soċjali standard li għandhom jiddaħħlu fl-offerti, li jorbtu lill-kumpaniji sabiex jappoġġaw opportunitajiet ta' taħriġ għal persuni qiegħda meta jwettqu xogħlijiet pubbliċi. Il-klawżola tfasslet sabiex tkun flessibbli, li jfisser li l-kumpanija tista' tiddeċiedi jekk tipprovdix kollokamenti għal trainees direttament fil-forza tax-xogħol tagħha stess, jew minflok tissottokuntrattax xogħol speċifiku (bħal xogħol tal-injam, żebgħa, demolizzjoni eċċ.) lil intrapriżi soċjali b'minimu ta' 50 % tal-impjegati kklassifikati bħala persuni b'diżabilità jew żvantaġġati (pereżempju persuni qiegħda fit-tul). Ir-riżultat huwa approċċ ta' sħubija għall-integrazzjoni professjonali bejn l-akkwirent pubbliku, il-kumpaniji, l-intrapriżi soċjali u l-organizzazzjonijiet tat-taħriġ. Wallonie ħolqot ukoll Helpdesk sabiex tgħin lill-akkwirenti pubbliċi jintegraw klawżoli fis-sejħiet għal offerti, u lill-kumpaniji sabiex jimplimentawhom. Diversi dokumenti ta' gwida u għodod huma disponibbli online ukoll.

**Riżultati**

Sa Diċembru 2018, ġew inklużi klawżoli soċjali f'442 kuntratt (b'valur totali ta' kważi EUR 400 miljun). Ir-riżultat huwa l-ħolqien ta' 410 kollokamenti ta' trainees, kif ukoll 70 kuntratt ma' sottokuntratturi ta' intrapriżi soċjali. Minn 129 kuntratt li fihom klawżoli soċjali, 78 % ġew eżegwiti bis-sħiħ, 9 % ġew eżegwiti parzjalment u 13 % ma ġewx eżegwiti. Mill-kollokamenti ta' trainees maħluqa, 83 % kienu fi professjonijiet li kienu qed jesperjenzaw nuqqas ta' ħiliet (inklużi l-inġinerija elettrika, ix-xogħol tal-injam, u l-kostruzzjoni). Wara t-taħriġ, 60 % tat-trainees fit-tul irċivew kuntratti permanenti jew b'terminu fiss (29 % u 31 % rispettivament). Fl-aħħar nett, 30 sottokuntrattur tal-intrapriżi soċjali rċivew aktar minn EUR 3.5 miljun għas-servizzi ssottokuntrattati.

**Tagħlimiet meħuda**

Ħames snin wara li ġew ippubblikati l-ewwel kuntratti bi klawżoli soċjali, ir-riżultati huma pożittivi: l-akkwist pubbliku wera li huwa għodda tajba sabiex jitrawwem it-taħriġ professjonali u sabiex tinbena sħubija bejn il-kumpaniji u l-intrapriżi soċjali. Impenn politiku b'saħħtu u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fil-proġett kienu kruċjali għas-suċċess. Fil-futur, Wallonie se tagħmel aktar sforzi sabiex tissimplifika l-proċeduri bl-għan li tnaqqas il-piż amministrattiv relatat mal-implimentazzjoni u mal-monitoraġġ tal-klawżoli soċjali.

### 5.3 Kuntrattar tal-Eżiti Soċjali

F'kuntratti tradizzjonali, il-pagament huwa bbażat fuq it-twettiq ta' attività speċifikata mill-kuntrattur. Kemm jekk l-attività tkun qed tipprovdi provvisti għall-uffiċċju, tibni triq jew tipprovdi servizzi ta' kura soċjali, il-pagament għaliha jintbagħat malli titlesta. Madankollu, għal ħafna tipi ta' kuntratti pubbliċi, l-akkwirent pubbliku jkun aktar interessat fl-eżitu ta' attività milli fl-attività nnifisha. Dan jista' jkun partikolarment minnu għal kuntratti b'dimensjoni soċjali. Pereżempju, jekk tagħmel sejħa għal offerti sabiex il-fornituri ta' servizzi jaħdmu ma' eks trasgressuri, jaf ikollok interess fit-tnaqqis tar-rati ta' reċidività. Kuntratt ta' eżiti soċjali jista' jiddefinixxi rata fil-mira ta' reċidività (anqas mil-linja bażi) u jirriżerva parti mill-pagament tal-kuntratt għall-ilħuq b'suċċess ta' dik il-mira.

Diversi forom ta' "pagament skont ir-riżultati" jistgħu jidhru fil-kuntratti pubbliċi madwar l-Ewropa u globalment, li qed jevolvu bħala tweġiba għall-ħtieġa ta' effettività akbar fit-twassil tas-servizz u ta' dimostrazzjoni tal-valur għall-flus. Xi drabi dawn ġew ikkritikati talli jesponu lill-fornituri ta' servizzi għal riskju eċċessiv, speċjalment meta s-servizz jiġi pprovdut minn negozji żgħar, minn organizzazzjonijiet tal-karità jew minn intrapriżi soċjali li jkollhom kapaċità limitata sabiex jieħdu riskju finanzjarju. Għal din ir-raġuni, ġew żviluppati diversi mudelli ta' kuntratt tal-eżiti soċjali li jnaqqsu r-riskju għall-fornitur ta' servizz. Mudell minnhom jinvolvi l-ħlas ta' primjum lill-fornitur ta' servizz għal eżiti soċjali li jaqbżu l-aspettattivi bażiċi tal-akkwirent pubbliku – pereżempju, meta numru ogħla minn dak mistenni ta' persuni qiegħda jinstabilhom impjieg. Dawn it-tipi ta' kuntratti jeħtieġu ħidma bir-reqqa sabiex jiġu ddefiniti l-eżiti mixtieqa, il-linja bażi u l-livelli xierqa għal pagamenti addizzjonali, iżda jistgħu jkunu mod effettiv sabiex jinċentivaw l-eżekuzzjoni. Kuntratti ta' eżiti soċjali ta' suċċess spiss jinvolvu sħubija ma' intrapriżi soċjali u t-tfassil b'mod konġunt tas-servizzi ([137]).

Mudell ieħor huwa l-bond b'impatt soċjali (SIB), magħruf ukoll bħala bond b'impatt tal-iżvilupp (DIB) meta jintuża f'kuntest ta' pajjiż li qed jiżviluppa. L-SIBs jinvolvu tal-anqas tliet partijiet: akkwirent pubbliku (xi drabi magħruf bħala l-"pagatur tal-eżitu"), fornitur ta' servizz, u investitur privat (dak li jieħu riskju). L-akkwirent pubbliku jidentifika qasam li jkun adattat għal SIB (eżempji jinkludu kampanji tas-saħħa pubblika, taħriġ, miżuri attivi tas-suq tax-xogħol) u jiddefinixxi l-eżiti li jkun jixtieq jara (pereżempju n-numru ta' persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli jew b'diżabilità impjegati, eżiti tas-saħħa, issoktar tal-edukazzjoni). L-investitur privat jipprovdi l-finanzjament kapitali sabiex iħallas lill-fornitur ta' servizz, u jitħallas lura mill-akkwirent pubbliku biss jekk jinkisbu l-eżiti ddefiniti. Il-fornitur ta' servizz jipprovdi s-servizz, u jista' jirċievi pagamenti addizzjonali fuq il-bażi tal-eżiti. Kwistjoni importanti għall-SBs hija kif jiġu evalwati l-eżiti, u xi drabi din l-evalwazzjoni titwettaq minn parti terza indipendenti. Skont l-istruttura tal-kuntratt u l-proċess tal-għażla għall-fornitur ta' servizz, SIB jista' jkun kopert jew ma jkunx kopert mid-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku.

**Użu ta' Bonds b'Impatt Soċjali sabiex jittejbu l-eżiti tat-tagħlim f'Lisbona**

**Objettiv tal-Akkwist**

Fl-2015, il-Muniċipalità ta' Lisbona stabbilixxiet Bond b'Impatt Soċjali (SIB) tal-Junior Code Academy li kellu l-għan li jnaqqas in-numru ta' tfal li jirrepetu s-snin skolastiċi jew li jitilqu mill-iskola. Hija kellha wkoll l-għan li tiġġenera evidenza dwar l-effett tal-ipprogrammar tal-kompjuter fuq il-ħiliet konjittivi, inklużi l-prestazzjoni fl-iskola u l-kapaċità ta' sejbien ta' soluzzjoni għall-problemi, sabiex tinforma l-ordni pubbliku.

**Approċċ**

L-SIB iffoka fuq tliet skejjel pubbliċi f'Lisbona. F'kull skola, intgħażlet klassi waħda li kull ġimgħa, għal sena, tirċievi klassijiet ta' sagħtejn fl-ipprogrammar tal-kompjuter. Barra minn hekk, twaqqaf grupp ta' kontroll f'kull skola, li miegħu setgħet titqabbel il-prestazzjoni tat-tfal fil-klassi tal-ipprogrammar tal-kompjuter, bi tqabbil tat-titjib miksub fil-Portugiż, fil-matematika, fil-ħsieb loġiku u fis-sejbien ta' soluzzjoni għall-problemi. Sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' dan il-proġett pilota, Lisbona daħlet f'SIB mal-Calouste Gulbenkian Foundation, li pprovdiet finanzjament bil-quddiem ta' EUR 120 000, li kellu jiġi rimborżat mill-belt jekk u malli l-proġett kiseb ir-riżultati miftiehma (kif ivvalutati minn evalwatur indipendenti).

([137]) Għal aktar informazzjoni dwar l-ikkuntrattar ta' eżiti soċjali u l-bonds b'impatt, ara https://golab.bsg.ox.ac.uk/the-basics

**Riżultati**

Fi tmiem il-proġett pilota, instab li studenti li kienu pparteċipaw fil-klassijiet tal-ipprogrammar tal-kompjuter tejbu l-ħiliet tal-matematika u tar-raġunament loġiku tagħhom. Madankollu, ma ntlaħqitx il-metrika kollha miftiehma tas-SIB, u għaldaqstant, Lisbona ħallset lura lill-Calouste Gulbenkian Foundation madwar 25 % tal-investiment inizjali tagħha.

**Tagħlimiet meħuda**

L-SIBs jistgħu jintużaw sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' finanzjament ta' proġett pilota innovattiv. Madankollu, ir-riżultati jistgħu jieħdu ż-żmien sabiex jakkumulaw, u l-proġetti pilota jenħtieġ li jkunu twal biżżejjed sabiex jippermettu lill-investituri jiksbu l-impatt mixtieq. F'dan il-każ, il-monitoraġġ indika li l-prestazzjoni kienet qed titjieb maż-żmien, li jissuġġerixxi li l-impatti mixtieqa setgħu jinkisbu li kieku ngħata aktar żmien.

*Sorsi:*http://www.oecd.org/cfe/leed/SIBsExpertSeminar-SummaryReport-FINAL.pdf u https://maze-impact.com/report-sib-junior-code-academy/

Qed jiġu żviluppati kontinwament approċċi innovattivi għall-ikkuntrattar u għall-finanzjament tas-servizzi pubbliċi, u ta' min iqis il-benefiċċji u l-iżvantaġġi tagħhom fl-istadju tal-ippjanar. Il-mudelli ta' hawn fuq jistgħu jgħinu sabiex jinċentivaw it-twassil tal-eżiti soċjali, sabiex titrawwem aktar kollaborazzjoni fi ħdan u bejn is-settur pubbliku u partijiet ikkonċernati oħra, inklużi l-intrapriżi soċjali u s-soċjetà ċivili, u sabiex jiġu sfruttati riżorsi ġodda permezz ta' finanzjament privat. Madankollu, dawn għandhom il-kostijiet u r-riskji tagħhom stess. Il-konsultazzjoni ma' akkwirenti pubbliċi oħra li użaw dawn il-mudelli tista' tgħinek tiddetermina jekk humiex adattati għall-ħtiġijiet tiegħek.

***Prattiki tajbin***

— Ikkunsidra jekk il-kuntratt tiegħek jenħtiġx li jinkludi pagamenti marbuta ma' eżiti soċjali ddfiniti, u aħdem ma' fornituri ta' servizzi sabiex tiddefinixxi miri, kejliet u kundizzjonijiet ta' pagament ta' appoġġ xierqa.

— Ara li l-iskema tiegħek tkun imfassla sabiex tilħaq b'mod proporzjonat lill-gruppi fil-mira kollha. Evita sitwazzjonijiet li fihom it-trattament ta' benefiċjarji bi problemi soċjali li jistgħu jiġu solvuti aktar faċilment ikun jista' jfixkel finanzjarjament it-trattament tal-aktar gruppi vulnerabbli.

— Jekk ir-riskju u n-nuqqas ta' finanzjament kapitali jillimitaw il-kapaċità tiegħek li tikseb impatt soċjali, jaf ikun ta' ġid li tikkunsidra l-bonds b'impatt soċjali bħala mezz ta' kif iġġib investiment privat.

— Iżen bil-galbu l-benefiċċji u l-iżvantaġġi ta' dawn l-approċċi, u, fejn possibbli, tkellem ma' akkwirenti pubbliċi oħrajn li implimentaw mudelli simili qabel ma tidħol għalihom. Ikkunsidra eżiti pożittivi u negattivi potenzjali, pereżempju billi tqis il-kost potenzjalment għoli tal-input meħtieġ għat-tnedija ta' kuntratti ta' eżiti soċjali u tal-SIB u l-kosteffettività tagħhom.

5.4 **Monitoraġġ tal-Konformità**

Il-klawżoli soċjali jistgħu jkunu ta' sfida sabiex jiġu implimentati mill-kuntrattur, b'mod partikolari meta jkunu ġodda. Tista' tistenna li jkun hemm bżonn ta' xi żmien u riżorsi addizzjonali fuq iż-żewġ naħat sabiex jiġi mmaniġġjat il-kuntratt, u tkun idea tajba li tinżamm komunikazzjoni miftuħa bejn il-partijiet sabiex tgħin fl-identifikazzjoni u fir-riżoluzzjoni ta' kwalunkwe problema. Il-kuntratt tiegħek jenħtieġ li jinkludi wkoll mekkaniżmi aktar formali għall-monitoraġġ tal-konformità. Il-forma xierqa ta' monitoraġġ tiddependi minn diversi fatturi:

— In-natura tal-klawżoli soċjali, eż. huma relatati mal-katina tal-provvista jew mal-utenti aħħarin;

— L-esperjenza taż-żewġ partijiet fl-applikazzjoni ta' dawn il-klawżoli;

— Il-livell ta' fiduċja u ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet;

— Ir-riżorsi u l-kapaċità għall-monitoraġġ effettiv tal-prestazzjoni; u

— Id-disponibbiltà ta' partijiet terzi xierqa sabiex jassistu fil-monitoraġġ.

B'mod ġenerali, hemm erba' forom ta' monitoraġġ tal-kuntratti: mill-klijent, mill-kuntrattur, konġunt jew minn parti terza. It-tabella ta' hawn taħt tiġbor fil-qosor il-karatteristiċi ewlenin ta' kull wieħed minn dawn l-erba' approċċi.

| Tip ta' monitoraġġ | Karatteristiċi ewlenin |
|---|---|
| Mill-klijent | L-akkwirent pubbliku huwa responsabbli għall-monitoraġġ tal-konformità mal-klawżoli soċjali, u jista' japplika sanzjonijiet għan-nuqqas ta' konformità. |
| Mill-kuntrattur | Il-kuntrattur huwa responsabbli għall-ġbir u għar-rapportar ta' informazzjoni dwar il-konformità tiegħu stess mal-klawżoli soċjali (awtorapportar). |
| Konġunt | Il-kuntrattur huwa responsabbli għall-ġbir u għar-rapportar tal-informazzjoni, bl-akkwirent pubbliku li jirrevedi jew jivverifika din l-informazzjoni. Inkella, il-kuntrattur jista' jkun responsabbli għall-monitoraġġ ta' xi aspetti, u l-akkwirent pubbliku responsabbli għal oħrajn. |
| Minn parti terza | Parti terza, bħal awditur jew korp taċ-ċertifikazzjoni, tkun responsabbli għall-monitoraġġ tal-konformità mal-klawżoli soċjali u għall-provvista ta' rapporti. |

Irrispettivament mill-mudell magħżul, huwa importanti li l-kuntratt jassenja responsabbiltà għall-monitoraġġ, jiddefinixxi l-attivitajiet (eż. kwestjonarji, laqgħat, spezzjonijiet, rapporti, awditi) li għandhom jitwettqu u l-frekwenza tagħhom, u speċifika l-miżuri ta' eskalazzjoni u ta' medjazzjoni li se japplikaw jekk jinqalgħu problemi. Meta jistabbilixxu mekkaniżmi ta' monitoraġġ li jirrikjedu li l-offerent jirrapporta informazzjoni, iqisu n-natura, il-livell ta' dettall u t-tip ta' evidenza li jkunu meħtieġa sabiex tiġi mmonitorjata l-eżekuzzjoni tal-kuntratt b'mod xieraq. Jenħtieġ li tikkunsidra liema informazzjoni hija verament rilevanti u proporzjonata għan-natura u għar-riskji tal-kuntratt, kif ukoll il-kapaċità tal-organizzazzjoni tiegħek li tivvaluta u tivverifika dik l-informazzjoni. L-identifikazzjoni tal-profili ta' dawk li jwettqu l-monitoraġġ permezz tat-talba ta' ċertifikati rilevanti li jagħtu prova tal-għarfien espert tagħhom tkun utli għall-monitoraġġ tal-aċċessibbiltà ta' servizz, pereżempju. It-Taqsima 5.6 tħares lejn ir-rimedji li jistgħu jkunu disponibbli meta jinkisru l-klawżoli soċjali. Iż-żamma ta' rekords akkurati tal-attivitajiet ta' monitoraġġ kollha hija partikolarment importanti sabiex tappoġġa l-użu tar-rimedji.

***Prattiki tajbin***

— Antiċipa l-ħtieġa għal żmien u għal riżorsi addizzjonali sabiex tiġi mmonitorjata l-konformità mal-klawżoli soċjali.

— Taħlita ta' komunikazzjoni informali u miftuħa u ta' monitoraġġ aktar formali tista' tkun effettiva ħafna.

— Fuq il-bażi tan-natura tal-klawżoli soċjali u ta' fatturi oħra, ikkunsidra jekk monitoraġġ mill-klijent, mill-kuntrattur, konġunt jew minn parti terza jkunx l-aktar adattat għall-kuntratt tiegħek.

— Fil-kuntratt assenja responsabbiltà għall-monitoraġġ u speċifika b'mod ċar l-attivitajiet, il-frekwenza, l-eskalazzjoni u l-miżuri ta' medjazzjoni li se japplikaw.

## 5.5 **Sottokuntrattar**

Is-sottokuntrattar huwa parti minn ħafna kuntratti pubbliċi, u jeħtieġ li jiġi kkunsidrat meta jiġu abbozzati u infurzati d-dispożizzjonijiet tal-SRPP. Skont id-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku, tista' titlob li l-offerenti jindikaw fl-offerti tagħhom kwalunkwe sehem mill-kuntratt li jista' jkollhom l-intenzjoni li jissottokuntrattaw, u kwalunkwe sottokuntrattur propost ([138]). Barra minn hekk, int tista' tivverifika jew tista' tkun meħtieġ(a) mil-liġi nazzjonali tivverifika jekk hemmx raġunijiet sabiex teskludi xi wieħed mis-sottokuntratturi magħrufa ([139]). Jekk dan ikun il-każ, jista' jkollok bżonn titlob lill-offerenti sabiex jissostitwuhom.

([138]) L-Artikolu 71(2) tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 88(2) tad-Direttiva 2014/25/UE, l-Artikolu 42(2) tad-Direttiva 2014/23/UE.
([139]) L-Artikolu 71(5) tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 88(5) tad-Direttiva 2014/25/UE, l-Artikolu 42(3) tad-Direttiva 2014/23/UE.

Meta jingħata l-kuntratt, jenħtieġ li titlob lill-kuntrattur jipprovdi l-ismijiet, id-dettalji ta' kuntatt u r-rappreżentanti legali tas-sottokuntratturi tiegħu, sa fejn dawn ikunu magħrufa f'dak iż-żmien. Jekk din l-informazzjoni tinbidel jew jinħatar sottokuntrattur ġdid, il-kuntratt jenħtieġ li jirrikjedi li l-kuntrattur jinnotifikak. Dawn ir-rekwiżiti ta' informazzjoni huma obbligatorji skont id-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku għal kuntratti ta' xogħlijiet u għal servizzi pprovduti f'faċilità taħt is-sorveljanza diretta ta' akkwirent pubbliku ([140]). Għal kuntratti oħra, bħal kuntratti ta' provvista, dawn huma volontarji ([141]) iżda huma rrakkomandati ħafna għall-finijiet tal-SRPP. Mingħajr informazzjoni bażika dwar l-identità u l-post tas-sottokuntratturi, jista' jkun diffiċli ħafna li jiġu infurzati klawżoli soċjali. Dawn ir-rekwiżiti ta' informazzjoni jenħtieġ li jiġu estiżi wkoll għas-sottosottokuntratturi u għal oħrajn tul il-katina tal-provvista.

Minbarra li jkollu informazzjoni dwar l-identità tas-sottokuntratturi, il-kuntratt tiegħek jenħtieġ li jiżgura wkoll li jiġu applikati għalihom l-obbligi soċjali bażiċi stabbiliti fid-Direttivi. Dawn jinkludu r-raġunijiet obbligatorji u diskrezzjonali għall-esklużjoni (inklużi l-projbizzjonijiet fuq it-tħaddim tat-tfal u fuq it-traffikar ta' bnedmin; rekwiżiti għall-ħlas tat-taxxa u tas-sigurtà soċjali; eċċ.) u l-obbligu ta' konformità mal-liġijiet ambjentali, soċjali u tax-xogħol applikabbli fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt, kif stabbilit fil-"klawżola soċjali u ambjentali" ([142]) (ara t-Taqsima 4.5). Kif diskuss fit-Taqsima 5.2, il-kundizzjonijiet tal-kuntratt jenħtieġ li jirrikjedu konformità kontinwa mar-raġunijiet obbligatorji kollha għall-esklużjoni u kwalunkwe raġuni diskrezzjonali applikata. Int jenħtieġ li titlob lis-sottokuntratturi kollha jipprovdu dikjarazzjoni tal-konformità tagħhom, u jaġġornawha b'mod regolari.

Ir-responsabbiltà għall-ksur tal-klawżola soċjali u ambjentali tista' tkun konġunta (jew in solidum) bejn il-kuntrattur u s-sottokuntratturi fejn il-liġi nazzjonali tistabbilixxi hekk. Il-kuntratt ewlieni jista' jistipula wkoll li l-klawżoli soċjali għandhom jiġu inklużi fis-sottokuntratti kollha, iżda li l-kuntrattur ewlieni jkollu responsabbiltà ġenerali sabiex jiżgura l-konformità matul il-proċess tal-produzzjoni jew tal-forniment. Żomm f'moħħok li l-liġijiet "applikabbli" u l-ftehimiet kollettivi ddefiniti fil-klawżola soċjali u ambjentali jvarjaw skont il-post tas-sottokuntrattur. Hija idea tajba li tispeċifika liema liġijiet japplikaw fuq il-bażi tal-informazzjoni li għandek dwar il-post tas-sottokuntratturi kollha.

Aspett tas-sottokuntrattar li jkollu wkoll konsegwenzi ekonomiċi u soċjali huwa l-ħlas f'waqtu lis-sottokuntratturi mill-kuntrattur ewlieni. Id-dewmien fil-ħlas tas-sottokuntratturi jista' jwassal għal effetti kaskata perikolużi li jipperikolaw ir-reżiljenza tal-katina tal-provvista kollha, peress li d-dewmien fil-ħlas jgħaddi minn fornitur għall-ieħor. Tista' tikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta' dawn l-effetti, u ssostni l-ħlas fil-pront. Pereżempju, tista' tuża klawżoli kuntrattwali sabiex titlob lill-kuntrattur ewlieni jirrapporta l-pagamenti f'waqthom tiegħu lis-sottokuntratturi, speċjalment jekk dawn ikunu SMEs. Jekk il-pagamenti jiġu ttardjati, il-kuntrattur ewlieni jenħtieġ li juri li jkun ħallas ir-rati tal-imgħax statutorji. Id-Direttivi 2014/24/UE u 2014/25/UE jipprevedu wkoll il-possibbiltà li jsiru pagamenti diretti lis-sottokuntrattur fuq talba tiegħu ([143]). Żomm f'moħħok li jeħtieġ li int tispeċifika l-arranġamenti għal din il-modalità ta' ħlas fid-dokumenti tal-akkwist.

***Prattiki tajbin***

— Żomm reġistru tas-sottokuntratturi u tas-sottosottokuntratturi kollha skont il-kuntratt tiegħek; il-kuntrattur ewlieni jenħtieġ li jkun responsabbli għall-aġġornar ta' dan jekk iseħħ xi tibdil.

— Esiġi li l-kuntrattur ewlieni jżomm l-obbligi soċjali bażiċi fis-sottokuntratti kollha, inklużi r-raġunijiet obbligatorji u diskrezzjonali għall-esklużjoni u l-konformità mal-liġijiet applikabbli kif iddefiniti fil-klawżola soċjali u ambjentali.

— Jekk sottokuntrattur jikser xi obbligu soċjali, il-kuntrattur ewlieni jrid jissostitwihom.

— Ikkunsidra kif l-aħjar tapplika r-responsabbiltà konġunta, jew ir-responsabbiltà in solidum, għal ksur tal-obbligi soċjali skont il-kuntratt, filwaqt li tirrispetta r-rekwiżiti tal-liġi nazzjonali.

([140]) L-Artikolu 71(5) tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 88(5) tad-Direttiva 2014/25/UE, l-Artikolu 42(3) tad-Direttiva 2014/23/UE.

([141]) Sakemm ma jsirux obbligatorju permezz tal-liġi nazzjonali, kif previst fl-Artikolu 71(5) tad-Direttiva 2014/24/UE, fl-Artikolu 88(5) tad-Direttiva 2014/25/UE.

([142]) L-Artikolu 18(2) tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 36(2) tad-Direttiva 2014/25/UE u l-Artikolu 30(3) tad-Direttiva 2014/23/UE.

([143]) L-Artikolu 71(3) tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 88(3) tad-Direttiva 2014/25/UE.

**Akkwist pubbliku u d-drittijiet tal-bniedem – Applikazzjoni tad-diliġenza dovuta fuq is-sottokuntratturi fl-Iżvezja**

**Objettiv tal-akkwist**

Ir-Reġjun ta' Stokkolma (formalment il-Kunsill tal-Kontea ta' Stokkolma) ilu javvanza l-inklużjoni ta' kriterji ambjentali u soċjali fl-ICT sa minn Settembru 2010, meta għall-ewwel darba kkuntratta lil Dell sabiex tipprovdi kompjuters desktop u laptop għall-impjegati pubbliċi tagħha. F'Settembru 2014, ir-reġjun iffirma kuntratt qafas ġdid ta' erba' snin għall-kompjuters li sewa SEK 156 miljun (EUR 17-il miljun) mar-rivenditur Atea, li jipprovdi kompjuters ta' Dell ukoll. Dell kienet sottokuntrattur permezz tal-kuntratt.

**Approċċ**

F'Novembru 2013, l-NGO Daniża, DanWatch, ħarġet rapport dwar id-drittijiet tax-xogħol u l-ksur tas-sikurezza f'erba' fabbriki tal-prodotti elettroniċi fiċ-Ċina, li jfornu firxa ta' marki elettroniċi, inkluża Dell. Ir-rapport ippreżenta evidenza ta' ksur gravi tad-drittijiet tax-xogħol u tas-sikurezza, inklużi: sigħat tax-xogħol eċċessivi (sa 74 siegħa fil-ġimgħa); sahra sfurzata u pagi taħt il-paga minima legali lokali; u kundizzjonijiet tas-saħħa u tas-sikurezza okkupazzjonali inadegwati. Meta n-network tal-Iżvezja ta' Responsabbiltà Soċjali fl-Akkwist Pubbliku mmexxi mill-kunsilli tal-kontej sar taf bir-rapport fil-bidu tal-2014, huwa kkuntattja lil Dell u beda proċess ta' komunikazzjoni fit-tul sabiex jiżgura li l-kumpanija użat l-ingranaġġ u l-kapaċità sħaħ tagħha bl-għan li tirrimedja l-ksur tad-drittijiet tax-xogħol u tipprevjeni milli jerġgħu jseħħu.

**Riżultati**

Sabiex tissaħħaħ id-diliġenza dovuta ta' Atea u tas-sottokuntrattur Dell bl-għan li tiġi żgurata konformità mal-kodiċi tal-istandards tax-xogħol tal-Kunsill tal-Kontej fil-katina tal-provvista marbuta mal-kuntratt rispettiv, Stokkolma żiedet l-erba' kundizzjonijiet ta' konformità li ġejjin. Dawn kienu jeħtieġu li l-kuntrattur, Atea: itejjeb l-identifikazzjoni tar-riskju u l-mitigazzjoni tar-riskju; iżid it-trasparenza tal-katina tal-provvista; itejjeb il-kwalità tal-awditu soċjali, u; jiżviluppa pjan ta' konformità fuq terminu qasir u twil. Il-kunsilli tal-kontej tal-Iżvezja taw kontribut sinifikanti għad-diliġenza dovuta dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-ktajjen tal-provvista globali, u għenu sabiex tiżdied il-kapaċità kemm tal-kuntrattur ewlieni, rivenditur ta' prodotti tal-IT, kif ukoll ta' marka globali tal-kompjuters sabiex jimmaniġġjaw il-ktajjen tal-provvista tagħhom b'mod responsabbli.

**Tagħlimiet meħuda**

Huma meħtieġa klawżoli legalment vinkolanti dwar l-eżekuzzjoni ta' kuntratt sabiex il-kuntratturi u s-sottokuntratturi jinżammu responsabbli talli jonqsu milli jwettqu diliġenza dovuta effettiva dwar id-drittijiet tal-bniedem. L-effettività tal-klawżoli tista' tittejjeb permezz ta' komunikazzjoni fit-tul mal-kuntratturi u mas-sottokuntratturi u permezz ta' kollaborazzjoni ma' akkwirenti pubbliċi oħra sabiex jissaħħaħ l-ingranaġġ tagħhom. L-esperjenza ta' Stokkolma turi li r-rivendituri u d-distributuri huma kapaċi jeżerċitaw diliġenza dovuta effettiva, u l-akkwirenti pubbliċi jenħtieġ li jibnu kapaċità interna sabiex ikunu jistgħu jżommu lill-kuntratturi responsabbli. It-trasparenza hija pass neċessarju sabiex titjieb id-diliġenza dovuta dwar id-drittijiet tal-bniedem, u l-akkwirenti pubbliċi jenħtieġ li jfittxu li jivverifikaw b'mod indipendenti l-konformità mad-drittijiet tal-bniedem u mad-drittijiet tax-xogħol, pereżempju permezz ta' involviment mal-ħaddiema (iffaċilitat f'dan il-każ permezz ta' NGO sieħba).

***Sors:*** Public Procurement and Human Rights Due Diligence to Achieve Respect for Labour Rights Standards in Electronics Factories: A Case Study of the Swedish County Councils and the Dell Computer Corporation.

### 5.6 Indirizzar tal-Problemi

Anki l-aktar kuntratt immaniġġjat sew kultant jista' jidħol fi problemi matul il-fażi ta' eżekuzzjoni. Meta dawn ikunu relatati mal-klawżoli tal-SRPP, huwa rrakkomandat li jkollok xi għodod għad-dispożizzjoni tiegħek sabiex issolvi l-problema. Filwaqt li r-regoli preċiżi dwar il-penali u r-rimedji kuntrattwali jvarjaw bejn il-ġurisdizzjonijiet, japplikaw prinċipji bażiċi simili. L-ewwel nett, agħti l-possibbiltà li jitqajmu kwistjonijiet mal-kuntrattur u sabiex huma jwieġbu fi żmien definit. Dan il-perjodu jista' jvarja skont il-gravità tal-problema – pereżempju, rapport ta' xogħol illegali użat f'kuntratt jista' jeħtieġ tweġiba fi żmien ġurnata jew tnejn, filwaqt li problemi b'bażi ta' *data* online li turi l-postijiet tas-sottokuntratturi jistgħu jdumu aktar. Filwaqt li ma tistax tantiċipa kull problema possibbli minn qabel, ipprova taħseb dwar ix-xenarji potenzjali ewlenin u abbozza l-klawżoli kif xieraq.

Jekk problema ma tissolviex fil-perjodu definit, din tkun trid tiġi eskalata – jew għal livell ogħla tal-maniġment, għal bord li jirregola l-kuntratt, jew għal parti terza oġġettiva bħal medjatur. In-nuqqas ta' riżoluzzjoni ta' problemi f'dan il-livell jista' jwassal għal sanzjonijiet konkreti, bħal penali finanzjarji, it-tqassir ta' kuntratt jew saħansitra t-terminazzjoni. Id-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku jeħtieġu li jkun possibbli li l-akkwirenti pubbliċi jitterminaw kuntratt pubbliku meta jinstab li waħda mir-raġunijiet obbligatorji għall-esklużjoni applikati għall-kuntrattur fil-mument tal-għoti tal-kuntratt ([144]). Jaf tkun tixtieq dan jiġi estiż sabiex ikun inkluż ksur ta' klawżoli soċjali oħra, u sabiex il-kuntratt ikun jista' jiġi assenjat lil offerent kwalifikat ieħor jew lill-akkwirent pubbliku sabiex "jieħu kollox f'idejh" u jimmaniġġja direttament is-sottokuntratti ([145]). Dawn il-klawżoli jenħtieġ li ma jwaqqfuxx milli taċċessa rimedji oħra li jistgħu jkunu disponibbli skont il-liġi nazzjonali.

***Prattiki tajbin***

— Il-kuntratti jenħtieġ li jkun fihom diversi għodod u proċeduri sabiex jiġu indirizzati l-problemi fl-implimentazzjoni tal-klawżoli soċjali.

— Jenħtieġ li tinkludi klawżola li tippermettilek ittemm il-kuntratt meta l-kuntrattur kien soġġett għal waħda mir-raġunijiet obbligatorji għall-esklużjoni fil-mument tal-għoti.

**Ir-Regolament tal-Kunsill tal-Belt ta' Oslo kontra t-Tħaddim tat-Tfal (In-Norveġja)**

**Objettiv tal-akkwist**

Ir-Regolament tal-Kunsill tal-Belt ta' Oslo kontra t-Tħaddim tat-Tfal ilu jintuża għal numru limitat ta' kuntratti sa mill-1996, u ġie estiż għall-kuntratti standard kollha fl-2005. Il-politika ġiet żviluppata mill-Kunsill tal-Belt ta' Oslo flimkien mad-dipartiment tal-Akkwist Korporattiv. Minn dak iż-żmien, il-Kunsill tal-Belt adotta linji gwida u klawżoli kuntrattwali ġodda dwar l-SRPP fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u t-tħaddim tat-tfal b'mod partikolari, magħrufa bħala l-Mudell ta' Oslo.

**Approċċ**

Il-fornituri jridu jiggarantixxu li l-prodotti kollha forniti jkunu mmanifatturati f'konformità mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal u mal-Konvenzjoni 138 tal-ILO dwar l-Età Minima, kif ukoll mal-konvenzjonijiet ewlenin l-oħra tal-ILO.

**Riżultati**

L-awtoritajiet nazzjonali u lokali fil-pajjiżi produtturi huma inċentivati sabiex jieħdu rwol attiv kontra t-tħaddim tat-tfal billi jimplimentaw ir-Regolament tal-Kunsill tal-Belt kontra t-Tħaddim tat-Tfal. Ksur tar-regolamenti kontra t-tħaddim tat-tfal li jsir evidenti matul il-perjodu tal-kuntratt jitqies bħala ksur serju tal-kuntratt u jista' jwassal għat-terminazzjoni tal-kuntratt.

**Tagħlimiet meħuda**

Skont il-klawżoli kuntrattwali preċedenti, l-amministrazzjoni tal-belt darbtejn ħarġet twissija dwar it-terminazzjoni ta' kuntratt. Fl-ewwel każ, dan sar wara awditu minn parti terza f'sit ta' produzzjoni għall-ilbies tax-xogħol fiċ-Ċina. Fit-tieni każ, it-twissija nħarġet wara awditu minn parti terza fl-uffiċċju ewlieni ta' eks fornitur ta' tagħmir mediku fin-Norveġja. Madankollu, fiż-żewġ każijiet, il-fornituri applikaw miżuri korrettivi, li kienu ddokumentati sew u approvati mill-amministrazzjoni. Bħala tali, kuntratt qatt ma kellu jiġi tterminat biss minħabba ksur ta' klawżoli kuntrattwali soċjali relatati ma' ktajjen tal-provvista globali. Minkejja dan, il-klawżoli kuntrattwali soċjali jippermettu lill-amministrazzjoni tal-belt ittemm kuntratt minħabba ksur tal-liġijiet dwar it-tħaddim tat-tfal jew ta' liġijiet fundamentali oħra dwar il-ħaddiema u d-drittijiet tal-bniedem, anke meta l-fornituri japplikaw miżuri korrettivi.

## 5.7 Teħid tat-Tagħlimiet għall-Kuntratti fil-Ġejjieni

Sabiex l-SRPP jirnexxi, l-akkwirenti pubbliċi jeħtieġ li jitgħallmu mill-esperjenza tagħhom stess u minn dik ta' oħrajn. Dan jista' jsir biss meta r-riżultati tal-SRPP – inkluż fejn ikunu nqalgħu problemi – jiġu ddokumentati u kkomunikati. Din il-Gwida wriet ħafna eżempji, u kull wieħed minnhom jinkludi t-tagħlimiet meħuda mill-akkwirent pubbliku. Fl-organizzazzjoni tiegħek, ikkunsidra kif għandek tiġbor informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-SRPP, u kif din tista' tiġi kondiviża. Xi

([144]) L-Artikolu 73(b) tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 90(b) tad-Direttiva 2014/25/UE, l-Artikolu 44(b) tad-Direttiva 2014/23/UE.

([145]) L-assenjament tal-kuntratt lil offerent kwalifikat ieħor jew mill-akkwirent pubbliku li jieħu taħt idejh it-tmexxija tas-sottokuntratti direttament jikkostitwixxi tibdiliet kuntrattwali li jridu jirrispettaw it-termini stabbiliti fir-regoli dwar il-modifiki tal-kuntratti (l-Artikolu 72(1)(d) tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 89(1)(d) tad-Direttiva 2014/25/UE, l-Artikolu 43(1)(d) tad-Direttiva 2014/23/UE).

possibbiltajiet huma li torganizza avvenimenti għal akkwirenti u għal fornituri oħra, li tipparteċipa f'networks u fi proġetti nazzjonali jew Ewropej, jew tippubblika rapporti jew studji tal-każ. Tista' titlob ukoll feedback mingħand l-utenti u l-assoċjazzjonijiet tal-utenti sabiex issir taf aktar dwar kif il-kuntratt issodisfa l-ħtiġijiet tagħhom b'mod ġenerali, u jekk il-miżuri meħuda sabiex dawn jiġu indirizzati kinux biżżejjed. Minbarra li jgħinu lill-oħrajn, dawn l-attivitajiet jippromwovu r-riżultati tal-isforzi tiegħek internament u jibnu fehim ta' x'ħadem u x'ma ħadimx. Fejn possibbli, jenħtieġ li tinkludi b'mod attiv lill-kuntrattur f'dawn l-isforzi bħala rikonoxximent tas-sehem tiegħu fil-kisba tal-SRPP.

**Awditjar tal-fornituri ta' servizzi tat-tindif għall-konformità mal-kriterji soċjali fil-Katalonja (Spanja)**

**Objettivi tal-akkwist**

Fl-2018, il-Gvern Reġjonali Katalan ta ftehim qafas ta' EUR 75 miljun għas-servizzi tat-tindif għall-binjiet u għall-faċilitajiet kollha. Is-sejħa għal offerti kienet tinkludi kriterji u klawżoli soċjali u ambjentali. Sabiex jiżdied l-aċċess għall-offerta għall-SMEs u għall-intrapriżi soċjali, il-Gvern Reġjonali Katalan qasam il-kuntratt f'disa' lottijiet, b'lott minnhom irriżervat għal ċentri speċjali tal-impjiegi u għal kumpaniji ta' riintegrazzjoni li setgħu jagħmlu offerti fil-lottijiet l-oħra wkoll.

**Approċċ**

Wara proċess estensiv ta' involviment tas-suq, il-Gvern Reġjonali Katalan iddefinixxa firxa ta' kriterji soċjali fis-sejħa għal offerti, inklużi aspetti tas-saħħa u tas-sikurezza okkupazzjonali, miżuri għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, miżuri għar-rikonċiljazzjoni tal-ħajja personali u tal-familja max-xogħol, proċedura għar-riżoluzzjoni ta' inċidenti, u limitazzjonijiet fuq sustanzi perikolużi fit-tessuti tal-uniformijiet. L-offerenti ntalbu jissottomettu pjan ta' monitoraġġ sabiex jiġi żgurat li dawn ikunu jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' sostenibbiltà.

**Riżultati**

Mid-39 kumpanija li ġew ammessi fil-ftehim qafas, 16-il kumpanija (jiġifieri l-kumpaniji kollha b'kuntratti li bħalissa qed joperaw) ġew awditjati għall-konformità tagħhom mal-kriterji soċjali. It-tim tal-awditjar, magħmul minn tekniċi mid-Direttorat Ġenerali għar-Relazzjonijiet Industrijali u għall-Kwalità fuq il-Post tax-Xogħol (Ministeru tal-Impjiegi, tal-Affarijiet Soċjali u tal-Familji), analizza l-fehmiet u l-opinjonijiet tal-impjegati, il-pagi, il-kuntratti ta' impjieg u r-reġistrazzjonijiet tal-ħin tax-xogħol sabiex jivverifika l-issodisfar tal-kriterji. Instabu xi każijiet ta' nuqqas ta' konformità, u l-Gvern Reġjonali Katalan seta' jaħdem mal-fornituri sabiex itejjeb il-prestazzjoni soċjali tas-servizzi. Ir-riżultati ta' dan l-awditu flimkien ma' ċiklu ġdid ta' konsultazzjoni mas-suq intużaw sabiex jinformaw il-qafas segwenti, attiv bejn Jannar 2018 u Jannar 2020.

**Tagħlimiet meħuda**

Ir-riċerka komprensiva dwar is-suq u l-konsultazzjoni minn qabel mas-suq jenħtieġ li jkunu prijorità. Jekk jiġu inklużi klawżoli soċjali u ambjentali, jeħtieġ li l-kuntratturi jiġu avżati minn qabel sabiex jiġi żgurat li dawn ikunu fattibbli, u sabiex jitfassal pjan ta' monitoraġġ bir-riżorsi tal-persunal u ekonomiċi għall-implimentazzjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li fil-kuntratt jiġu inklużi penali xierqa għan-nuqqas ta' konformità.

L-evalwazzjoni tal-SRPP, kemm jekk issir b'mod formali kif ukoll b'mod informali, toħloq linja bażi għal kuntratti futuri. Maż-żmien, x'aktarx li tkun tista' żżid il-livell ta' ambizzjoni u tara riżultati ispirevoli.

***Prattiki tajbin***

— Iddokumenta r-riżultati tal-SRPP u uża din l-informazzjoni sabiex tifforma linja bażi bl-għan li żżid il-livelli ta' ambizzjoni fi ħdan l-organizzazzjoni tiegħek b'mod progressiv.

— Ir-riżultati tal-SRPP jistgħu jipprovdu għarfien siewi għal organizzazzjonijiet oħra, anki jekk ma tilħaqx l-għanijiet kollha tiegħek. Il-kondiviżjoni tal-approċċ u tar-riżultati tiegħek permezz ta' avvenimenti, permezz ta' studji tal-każ u permezz tal-midja soċjali tgħin sabiex jinbnew ir-rikonoxximent, il-fehim u l-adozzjoni tal-SRPP.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT